# IL-MALTI

RIVISTA TA'
L-AKKADEMJA TAL-MALTI
(GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI

IL-KTIEB GĦAS-SENA 1990 IS-66 SENA

14 MAY 1991

## F'DAN IL-GĦADD

*Harsa lura u oħra 'l Quddiem* (Editorjal)
*Mid-Djarju ta' l-Akkademja*
*Il-Premju Letterarju u s-Sussidji*
*Himno Naċional de Malta* - Dun Karm/Kilin
*L-Ilsien Malti fil-Lapidi*
*Tifkiriet dwar l-Akkademja* - Vic Apap
*Fiż-Żmien li Jien kont Segretarju ta' l-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti" 1940 - 1948* - Ġużè Chetcuti
**Ħidma Għalenija** - Ġanni Cini
*L-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti għamlet lil Malta Tassew Maltija* - Ġorġ Pisani
*Ad Multo Annos* - Kelinu Vella Haber
*Il-Ġejjieni ta' l-Ilsien Malti* - Val. V. Barbara
*Karmenu Vassallo u P. Anastasju Cuschieri, O. Carm.* - Hugh A. Mallia, O. Carm.
*Għanja Lejlija ta' Ragħaj jiġġerra fl-Asja* - Giacomo Leopardi / Bro. Michael Buttigieg FSC.
*Tifkira ta' Żewġ Assedji* - Joe Zammit Ciantar
*Vassalli - It-Tnissil ta' Kuxjenza Nazzjonali Maltija* - Oliver Friggieri
*Reċensjonijiet* - *Rewwixta* - Ġużè Chetcuti
- *Demm Fuq il-Verna* - J. Zammit Mangion

# IL-MALTI

IMWAQQAF F'MARZU 1925
MILL-GHAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI
illum imsejħa
**AKKADEMJA TAL-MALTI**



## BORD EDITORJALI

*Editur:* Joseph M. Ghigo S.J., B.Sc., Econ. (Hons.) (Lond.), Lic. Ph., Lic. Th., c/o 'Xavier House', 226 Triq S. Pawl, Il-Belt. Tel: 623681.

*Sub-editur:*
Joe Zammit Ciantar B.A, M.A.
*Membri:*
Joseph J. Camilleri B.A., M.A.
Alfred Ellul Galea B.A.
Anthony Mercieca B.A.


Kull korrispondenza għandha tintbagħat lill-Editur.
All communications should be addressed to the Editor.
Ogni corrispondenza da spedirsi al Direttore.
Toute correspondance doit être envoyée au Dirècteur.


**Il-Jedd ta' riproduzzjoni ta' artikli/poeżiji pubblikati f'*Il-Malti* huwa miżmum mill-awturi rispettivi tagħhom u mill-Akkademja tal-Malti u xejn ma jista' jiġi pubblikat mingħajr il-permess meħtieġ bil-miktub tagħhom.**


### MATERJAL GĦALL-PUBBLIKAZZJONI

Mhux bilfors li kull xogħol li jintbagħat lill-Bord Editorjali jiġi pubblikat f'*Il-Malti*. Il-Bord għandu d-dritt ma jippubblikax artiklu/i u/jew poeżija/li mingħajr ma jagħti ebda raġuni. Il-materjal li jiġi ppreżentat għall-pubblikazzjoni f'*Il-Malti* jrid ikun oriġinali u qatt ma deher pubblikat banda oħra qabel.

Il-Bord Editorjali


Disinn u Produzzjoni tal-pubblikazzjoni **Joe Zammit Ciantar**
Issettjat għand il-**Promotion Services Ltd.** Tas-Sliema
Mitbugħ fl-**Istamperija Gutenberg** – Ħaż-Żabbar

F'DAN IL-GĦADD


*Ħarsa lura u oħra 'l Quddiem* (Editorjal) 1

*Mid-Djarju ta' l-Akkademja* 3

*Il-Premju Letterarju u s-Sussidji* 6

*L-Ilsien Malti fil-Lapidi* 7

*Himno Nacional de Malta* - Dun Karm/Kilin 8

*Tifkiriet dwar l-Akkademja* - Vic Apap 9

*Fiż-Żmien li Jien kont Segretarju ta' l-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti" 1940 - 1948* - Ġużè Chetcuti 12

Ħidma Għalenija - Ġanni Cini 22

*L-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti għamlet lil Malta Tassew Maltija* - Ġorġ Pisani 27

*Ad Multo Annos* - Kelinu Vella Haber 34

*Il-Ġejjieni ta' l-Ilsien Malti* - Val. V. Barbara 40

*Karmenu Vassallo u P. Anastasju Cuschieri, O. Carm.* - Hugh A. Mallia, O. Carm. 42

*Għanja Lejlija ta' Ragħaj jiġġerra fl-Asja* - Giacomo Leopardi / Bro. Michael Buttigieg FSC. 45

*Tifkira ta' Żewġ Assedji* - Joe Zammit Ciantar 53

*Vassalli - It-Tnissil ta' Kuxjenza Nazzjonali Maltija* - Oliver Friggieri 58

*Reċensjonijiet - Rewwixta* - Ġużè Chetcuti 72

*- Demm Fuq il-Verna* - J. Zammit Mangion 73

# IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ
L-AKKADEMJA TAL-MALTI

**Il-Ktieb għas-sena 1990** **Is-66 sena**


*Editorjal*

## Ħarsa lura u oħra 'l quddiem!

Is-sebgħin anniversarju mit-twaqqif ta' l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti, magħrufa aktar illum bħala l-Akkademja tal-Malti, huwa żmien biex wieħed jieqaf jaħseb u jagħmel eżami tal-kuxjenza. Il-Maltin kollha, u magħhom ħuthom imseħbin f'din l-Għaqda, għandhom iħarsu lura b'sodisfazzjon lejn dawn is-snin li għaddew minn fuqha għaliex hija ma naqsitx milli taqdi dmirha u ma twettaqx l-Għaqda, l-Akkademja, ma għandha għax tħoss l-ebda rimors għax dawn kienu 70 sena ta' ħidma fejjieda li ma qatgħet qatt!

Waqt li d-dinja kollha, matul din is-sena, taħt it-tmexxija ta' l-UNESCO, qiegħda tagħmel ħidmiet siewja li jsarrfu fil-prattika s-Sena tal-Kitba, nieħdu l-okkażjoni biex niftakru u nfakkru lil kulħadd illi l-Għaqda tagħna fl-ewwel snin tagħha tat lil pajjiżna għodda indispensabbli għall-kitba – l-alfabett, is-sistema ta' l-ortografija u r-regoli tal-grammatika, li ġustament f'ilsien il-poplu jissejħu "il-Malti ta' l-Għaqda" u hekk huma magħrufa minn kulħadd.

Fi ħdan l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti, bis-sitta u tletin kittieb fit-twelid tagħha, inkitbu u għadhom jissieħbu l-aħjar kittieba, studjużi u sostenituri tal-Malti: anzi xi wħud minnhom qatgħu figura tajba ferm f'lingwi oħra wkoll. Bis-saħħa ta' l-Għaqda li llum il-Kostituzzjoni ta' Malta tħaddan dawk il-prinċipji li fil-bidu tat-twaqqif tagħha l-Għaqda tant issieltet għalihom. Għalhekk illum il-Malti, mertu għall-Għaqda, hu l-Ilsien Nazzjonali ta' Malta (art. 5) li jintuża fil-Parlament, fl-amministrazzjoni u fil-qrati tagħha. Anzi, jekk l-Istat Malti ntrabat bil-Kostituzzjoni li għandu jissalvagwardja l-patrimonju tan-Nazzjon (art. 9), l-Ilsien Malti m'huwiex l-aqwa patrimonju li għandu n-Nazzjon? Jagħmlu sewwa l-membri kollha tal-Parlament li jitħabtu u jistinkaw bil-fatti biex tissaħħaħ il-qagħda ta' l-ilsien Malti u l-identità nazzjonali Maltija.

Is-sena 1920 ħabtet fi żmien ta' prova għal ilsienna. Il-Malti kellu

ftit wisq ħbieb u sostenituri. Ried iħabbat wiċċu ma' bosta avversarji u l-battalji ma naqsu qatt. Kien hemm ukoll għadd ta' problemi oħra, fosthom il-*laissez faire* fl-ortografija, il-kwistjoni tal-lingwa bil-komplikazzjonijiet politiċi u edukattivi li ġabet magħha, l-opinjonijiet differenti u n-nuqqas ta' qbil bejn il-puristi, l-arabisti u l-progressisti. Iżda, minkejja kollox, l-Għaqda ħarġet bl-unuri u kisbet rebħa wara l-oħra.

Iżda issa, fis-sena 1990, jista' wieħed joqgħod kalm u trankwill u jibqa' ferħan bih innifsu u bir-rebħiet li nkisbu? Baqa' xi jsir? L-ilsien Malti għad baqagħlu egħdewwa? Fid-dieher ma għadx għandu avversarji militanti jaħdmu kontrieh minn naħat influwenti. Madankollu l-Malti għandu kankri oħra li qegħdin jifnuh irqiq irqiq u jekk dawn jitħallew jinfirxu, il-mard se jkun wieħed terminali.

Fl-1990 il-Malti għandu fuq naħa waħda l-bruda u t-traskuraġni. Dan jidher fil-kitba. Għad għandna wisq żbalji ta' l-ortografija. Ħafna mill-istudenti, mill-professjonisti u nies b'karigi importanti għadhom ma laħqux il-livell mixtieq li wieħed jistenna f'dan il-qasam. Għadna naraw ukoll wisq żbalji ta' l-ortografija fil-ġurnali, fil-lapidi u saħansitra fl-avviżi u fiċ-ċirkularijiet tal-Gvern. Possibbli li din hi problema li ma tistax tissolva?

Hawn ukoll ix-"xenomanija", wirt tradizzjonali ħtija ta' dik l-inferjorità li jġib miegħu l-kolonjaliżmu. Fl-imgħoddi kellna l-klassi li titkellem bit-Taljan, illum għandna dik li titkellem bl-Ingliż. Il-Malti jkollu jħabbat wiċċu mal-ksuħat artifiċjali fejn tidħol il-lingwa mitkellma. F'dan ir-rigward il-mezzi tax-xandir qegħdin jonqsu ferm minn dmirhom u b'hekk jagħmlu ħsarat enormi. Li kieku kellna napplikaw in-normi aċċettabbli ta' kif litterat għandu jitkejjel, ħafna mill-Maltin jistgħu jitqiesu semi-litterati, għax la jafu jiktbu u lanqas jesprimu ruħhom sewwa b'ilsienhom!

L-Akkademja tal-Malti hija kommessa li tibqa' taħdem favur il-kawża ta' l-Ilsien Malti. Għad hemm ħafna problemi. Aħna naraw fit-tagħlim u fit-tixrid tal-Malti, mhux is-sentimentaliżmu esaġerat, iżda l-valur intrinsiku tiegħu. Hu l-ilsien li bih il-Malti jaħseb, jesprimi ruħu, jitlob u jiżviluppa l-personalità tiegħu. Aħna, kif ukoll dawk kollha li ġew qabilna u kellhom l-ideal li għaddewh lilna, qatt ma daħlilna f'moħħna li nbarru minn pajjiżna t-tagħlim ta' lingwi oħra. Aħna rridu biss li l-Malti jieħu l-post li jixraqlu f'daru, ikun irrispettat, imħares bil-liġi u jkun il-mezz biex kull Malti jkun jista' jiżviluppa l-personalità tiegħu kompluta. Il-biża' li tinqered l-idjoma Maltija huwa serju u dan huwa abbinat ma' problemi oħra bħal, per

eżempju, il-post u l-importanza tal-Malti fil-kurrikulu, it-tagħlim tiegħu u l-kotba, l-aġġustament tat-*Tagħrif fuq il-Kitba Maltija*, il-lingwaġġ legali Malti, eċċ. jeħtieġu azzjoni immedjata.

Sebgħin sena wara t-twelid tagħha, tajna ħarsa lura lejn il-ħidma ewlenija ta' l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti. Radd il-ħajr kbir għal dan kollu jmur lil Ġużè Muscat Azzopardi u l-kittieba fundaturi, lill-imseħbin li matul is-snin ġeddu l-ħajja ta' l-Għaqda u lil dawk kollha li ħadmu id f'id magħha biex l-ideal tagħha jitwettaq f'Malta Maltija. Issa bil-qlubija l-Għaqda tagħna tħares 'il quddiem: l-Akkademja tal-Malti taf sewwa li għad baqgħalha x'tagħmel ħafna, u dan tagħmlu bil-ħila taż-żgħożija dejjem tiġġedded tagħha li bid-demm ta' membri u sostenituri ġodda jissaħħu t-tamiet għall-ġejjieni. Is-sena 1990 hija waħda kruċjali għax fis-sebgħin anniversarju mit-twaqqif ta' l-Għaqda tagħna, il-Malti reġa' sab ruħu f'salib it-toroq. Iżda bħal dejjem fl-imgħoddi, ilsienna għad għandu l-Akkademja li tħarsu u b'ħilitha kollha taħdem favur tiegħu.

## Mid-Djarju ta' l-Akkademja

*J.M.G.*

**Ġieh lil Val. V. Barbara**

Dan il-membru anzjan ta' l-Akkademja f'Marzu 1990 ingħatalu ġieh li jixraqlu tassew: għax ħadem u għadu jaħdem ħafna għall-Ilsien Malti f'Malta stess u fl-Awstralja, forsi iżjed ukoll milli jafu ħafna nies! Billi f'Marzu Val. V. Barbara għalaq 70 sena, waqt li ftit qabel l-Agostinjani Maltin ħadu ħsieb ippubblikawlu t-traduzzjoni għall-Malti ta' *L-Istqarrijiet*, l-opra famuża ta' Santu Wistin, l-*Għaqda Kulturali Maltija* ta' Blacktown, N.S.W., ħatfet l-okkażjoni biex torganizza serata kulturali f'ġieh il-kittieb ħabib tagħna, Barbara.

Minkejja li nofs id-dinja tifridna minn xulxin, smajna li għamlu festa festun lil Val. V. Barbara. Għal dik l-okkażjoni mistħoqqa saħansitra l-Kummissarju Għoli ta' Malta qagħad jinqala' minn Camberra u mar għas-serata, fejn attendew ukoll il-Konslu Malti ta' Sydney u kbarat oħra mid-'diaspora' Maltija. Aħna minn hawnhekk ħadna gost nisimgħu b'dan kollu li ta sodisfazzjon kbir lill-ħabib tagħna nnifsu, anki jekk hu ma jħossx li jistħoqqlu daqshekk. Is-serata f'ġiehu kienet xhieda ta' għarfien għalih personali kif ukoll għall-kittieba Maltin kollha li jinsabu fl-Awstralja. Dawn ħutna qegħdin

jagħmlu ħafna xogħol fejjiedi b'riżq Ilsienna f'dik l-art kbira, speċjalment fl-istat ta' New South Wales madwar Sydney, kif ukoll fl-istat aktar 'l isfel ta' Victoria, fil-belt ta' Melbourne.

Val. V. Barbara hu kittieb u traduttur magħruf: dak li m'hux magħruf sewwa minn ħafna hu s-sehem tassew kbir tiegħu li jħaddan snin twal ta' xogħol iebes u ta' responsabbiltà kbira biex issir it-traduzzjoni mirquma tal-kotba liturġiċi ġodda kif ukoll tal-Bibbja ta' l-Għaqda Biblika. L-Arċisqof Gonzi wera miegħu r-rikonoxximent tal-Knisja li tatu d-dekorazzjoni tal-Papa *"Pro Ecclesia et Pontifice"*. Lill-ħabib tagħna nixtiqulu aktar snin ta' ħidma fuq proġetti siewja li jkattru l-ġieh tal-Letteratura Maltija!

**Sala tal-Wirjiet**

Fl-aħħar xhur tas-sena 1989 fir-Reġistru Pubbliku (l-Insinwa) tal-Gvern, fi Triq il-Merkanti tal-Belt Valletta, iżżanżnet sala ġdida għall-wirjiet dwar nies magħrufa Maltin u Għawdxin. Ħadna gost li barra tifkiriet ta' Prim Ministri mill-imgħoddi, bħal Ġorg Borġ Olivier, Nerik Mizzi u Pawlu Boffa, ġew ippreżentati tifkiriet ta' persuni minn oqsma oħra tal-ħajja soċjali fosthom il-kittieba Sir Temi Zammit, li għadu magħruf sewwa fostna għall-istejjer popolari li kienu dehru fis-Snin Tletin u stampati mill-ġdid diversi drabi, u aktar tard il-poeta tal-"Leġġendi", Patri Ġużeppi Delia S.J.

**Quddiesa f'Jum l-Akkademja**

Nhar l-Erbgħa, 14 ta' Novembru 1990, l-Akkademja tal-Malti fakkret is-70 sena mit-twaqqif tagħha.

F'din il-ġurnata, magħrufa bħala "Jum l-Akkademja", ġiet ċelebrata quddiesa b'suffraġju għal ruħ il-membri mejtin ta' l-Akkademja. Il-Quddiesa tqaddset mill-President ta' l-Akkademja, Patri J.M. Ghigo, S.J., fil-Knisja ta' Santa Barbara, Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta.

**Forum Letterarju dwar Ninu Cremona**

Attività oħra għal "Jum l-Akkademja" kienet forum dwar Ninu Cremona, wieħed mill-fundaturi ta' l-Akkademja tal-Malti. Il-forum letterarju sar fis-Sala ta' Din l-Art Ħelwa, 133, Triq Melita, il-Belt, nhar it-Tlieta 20 ta' Novembru 1990.

F'dan il-Forum tkellmu l-Prof. Ġużè Aquilina dwar Cremona u l-filoloġija, is-Sur Ġużè Chetcuti dwar il-ħajja letterarja ta' Cremona, u s-Sur Ġużè Cassar Pullicino dwar Cremona folklorista. It-tliet kelliema ħadmu sewwa mas-Sur Nin għat-tisħiħ ta' l-ilsien Malti.

## Is-Sena tal-Kitba

Is-Sena Internazzjonali tal-Kitba f'pajjiżna kellha rabtiet mill-qrib ħafna ma' l-Akkademja. Ħidma importanti ferm li saret matul is-sena kienet *sensiela ta' wirjiet* ta' kotba u dokumenti minn kittieba ewlenin li l-poplu seta' jara f'postijiet ċentrali bħall-Bibljoteka Nazzjonali fil-Belt Valletta, f'Beltissebħ u fir-Rabat ta' Għawdex. Il-Ministru ta' l-Edukazzjoni Dr Ugo Mifsud Bonnici fetaħ hu stess kull waħda minn dawn il-wirjiet li bdew f'Jannar 1990 biex personalment jagħti ġieh lill-kittieba. S'issa l-kittieba magħżula kienu *kollha membri* ta' l-Akkademja u dehru b'din l-ordni: Trevor Zahra, Ġorġ Pisani, Ġorġ Zammit, Oliver Friggieri, u Ġużè Aquilina.

Ħadna gost nosservaw ukoll li fi ħdan il-Kumitat maħtur mill-Ministeru ta' l-Edukazzjoni għas-Sena tal-Kitba bl-attivitajiet kollha li qanqlet kien hemm diversi membri oħra ta' l-Akkademja bħal Joseph Zammit Mangion, Joe Zammit Ciantar, Trevor Zahra u Alfred Ellul Galea.

## L-Innu għaż-Żjara tal-Papa

Il-Kumitat inkarigat mill-Isqfijiet biex iħejji ż-Żjara tal-Papa f'Mejju talab lill-Kunsill ta' l-Akkademja jgħinu fit-tħejjija tal-konkors biex jingħażel l-Innu tal-Papa għall-okkażjoni. Għalhekk Joe Zammit Ciantar flimkien mal-President lestew ir-regolamenti tal-konkors li aktar tard kien eżaminat minn ġurija magħmula mill-membri akkademiċi li kienu l-President, Rev. J.M. Ghigo S.J., Prof. Dr. Oliver Friggieri u Prof. Mons. Dun Karm Sant.

Is-sehem ta' l-Akkademja deher ċar ukoll meta nfetħu l-envilopsijiet biex jitħabbar ir-riżultat. Ir-rebbieħ ta' l-ewwel premju kien sehibna Pawlu Mifsud li l-innu miktub minnu kien immużikat, waqt li t-tieni premju ntrebaħ minn membru akkademiku ieħor, Pawlu Aquilina.

## Dun Mikiel Xerri u Sħabu

Billi minn riċerka storika sar magħruf li Dun Mikiel Xerri u xi wħud minn sħabu jinsabu midfuna fiċ-ċimiterju fejn illum hemm il-knisja dedikata lil San Publju fil-Furjana, dik il-Parroċċa ħasbet biex fil-25 ta' April tikxef lapida fuq iz-zuntier tal-knisja biex jitfakkru dawk l-eroj nazzjonali. Dun Mikiel u sħabu mietu xkubettjati fil-qawmien tal-Maltin kontra l-Franċiżi fl-1799.

Għal dik l-okkażjoni, il-President, P. Ghigo, u membri oħra irrappreżentaw lill-Akkademja tal-Malti.

# Il-Premju Letterarju u s-Sussidji

Dan l-aħħar il-Gvern ħabbar l-għoti tal-Premju Letterarju 1989 għal kotba ppubblikati fl-1988. Intrebaħ mis-Sur Peter Caruana għar-rumanz *Ħajt li Jifred*. It-tieni premju ngħata lill-Prof. Albert J. Borg għax-xogħol grammatikali *Ilsienna*. It-tielet premju ma ngħatax.

Fl-istess żmien li ngħatat din l-aħbar il-Gvern reġa' stieden, kif jagħmel kull sena, lill-awturi ta' kotba bil-Malti biex japplikaw għal sussidju għal xogħlijiet pubblikati fl-1989.

L-għażla tar-rebbieħ tal-Premju Letterarju 1989 qanqlet kontroversji f'ambjenti letterarji; is-sistema tas-sussidji ġiet wkoll ikkritikata.

Bla dubju kulħadd għandu l-fehmiet tiegħu, imma forsi dan hu każ li jagħti okkażjoni biex issir riflessjoni serja dwar il-mod kif wieħed jista' jinkoraġġixxi tassew il-kitba ta' xogħlijiet letterarji u xjentifiċi bil-Malti u fuq l-Ilsien Malti.

Nibżgħu wisq li t-tendenza li ntirtet mill-imgħoddi li l-awtur Malti jingħata palata biex "miskin" ikopri "xi ftit" mill-ispejjeż li jagħmel, speċi tal-frak li jaqgħu mill-mejda, baqgħet prevalenti taħt dal-Gvern li żamm, bi ftit titjib, il-bażi ta' l-iskema tas-sussidji mingħajr ma bidel xejn fil-prattika tagħha. Hekk issib awtur li jispiċċa jagħti erba' kopji ta' xogħlu, li bejniethom jiswew mat-tmien liri, u jirċievi sussidju ta' ħames jew sitt liri. Qed insemmu dan l-eżempju, li nafu bih, biex inqiegħdu l-każ f'dimensjoni kważi ridikola ħalli forsi l-awtoritajiet jagħrfu kemm jinħtieġ li l-imħuħ jinfetħu għal ftit aktar immaġinazzjoni fuq kif wieħed għandu jmexxi 'l quddiem ilsien art twelidna.

Fl-aħħar mill-aħħar, anki meta awtur tagħtih ħamsin lira sussidju ma tkunx qed tagħmel ħaġ'oħra ħlief traqqagħlu l-pannu bil-qara' aħmar.

Hemm imbagħad punt ieħor li nħossu li għandna nirrilevaw.

Kemm fil-każ tal-Premju Letterarju u kemm fil-każ tas-sussidji jidhrilna li hu importanti li l-ġurija toħroġ rapport li jiġġustifika l-għażla jew għażliet li tkun għamlet, kif sar dan l-aħħar fil-konkors tar-rumanzi mniedi mill-Fondazzjoni Ġużè Ellul Mercer. Dan hu wkoll meħtieġ biex wieħed ikun jaf sewwa l-kriterji ta' l-għażla u jiġu ċċarati dubji li jistgħu jinbtu fl-imħuħ ta' dak u ta' l-ieħor.

Għaliex billi tgħid, fil-każ tal-Premju Letterarju, li x-xogħol irid ikun tali li "bih tkompli tistagħna l-letteratura Maltija jew l-Ilsien Malti" jew li, fil-każ tas-sussidji, ix-xogħol irid ikollu "xi valur" (*sic*) fil-qasam

letterarju, edukattiv, xjentifiku, kulturali jew ta' riċerka, tkun qiegħed tpoġġi kriterji miftuħin għal elf interpretazzjoni.

Il-fehma tagħna, imbagħad, hi li l-Gvern, kien min kien, jitgħallem darba għal dejjem li inizjattivi ta' din ix-xorta jmexxihom id f'id ma' għaqdiet serji u kompetenti. Ma nistgħux f'dir-roqgħa ta' gżira, ma ngħaqqdux ir-riżorsi kollha li għandu l-pajjiż biex l-affarijiet isiru bis-serjetà kollha li tixirqilhom.

*J.F.P.*

## L-Ilsien Malti fil-Lapidi

Fl-1988 il-Ministru ta' l-Edukazzjoni, Dr Ugo Mifsud Bonnici, laqa' talba mill-Akkademja tal-Malti biex membru tagħha jinħatar fil-Kumitat tal-Lapidi. Fil-fatt Patri Ghigo, il-President ta' l-Akkademja, mar regolarment għal-laqgħat ta' dak il-kumitat.

Madankollu, minn żmien għal ieħor, jidhru lapidi bi żbalji ortografiċi bħal dik imsemmija f'din l-interpellanza. Żbalji bħal dawn qanqlu korrispondenza direttament mal-Ministru minnufih malli dehru, bħalma qanqlu wkoll interventi minn membri akkademiċi oħra.

Hi ħaġa xierqa li Membri Parlamentari juru interess huma wkoll fil-qagħda ta' l-Ilsien Malti fil-ħajja kollha Maltija. Tkun ħaġa aktar xierqa li jittieħdu l-passi meħtieġa għax, erbatax-il xahar wara l-kxif tagħha, il-lapida fis-Suq tal-Belt għadha bla korrezzjonijiet.

### L-Iżbalji ta' l-Ortografija fuq il-lapida tas-Suq il-Ġdid

*Mistoqsija Parlamentari Numru 21209*

L-Onor Lino Debono, jistaqsi lill-Ministru ta' l-Edukazzjoni u ta' l-Intern.

Jikkonfermax il-Ministru li l-Akkademja tal-Malti, ġibdet l-attenzjoni lill-Ministru ta' l-Edukazzjoni, għall-iżbalji ta' l-ortografija li hemm fil-Lapida tas-Suq il-Ġdid u għaliex wara daqstant żmien dawn l-iżbalji għadhom ma ġewx ikkoreġuti?

Iħossx il-Ministru li mhux waqthom dawn l-iżbalji meta l-Ministeru dalwaqt jiddiskuti l-liġi dwar il-Ħarsien ta' l-Ilsien Malti?

Kemm-il darba ltaqa' l-Kumitat tal-Lapidi u jekk inġibditx l-attenzjoni għal xi korrezzjoni? Jekk iva, liema kienu?

*(23/5/90)*

**Tweġiba:**

Naħseb l-Onor. Interpellant japprezza l-interess li għandi fl-ilsien

Malti. Prova ta' dan hija l-liġi tal-Ħarsien ta' l-ilsien Malti li semma. Żbalji ta' l-ortografija jistgħu jitfaċċaw u difatti tfaċċaw kemm-il darba f'lapidi. Kien għalhekk li jien ħadt ħsieb li fil-kumitat tal-lapidi jkun hemm individwi esperti ta' dawn l-affarijiet u qed ninsisti li t-test tal-lapidi jiġi sottomess biex ma jkunx hemm żbalji ta' ortografija. Il-President ta' l-Akkademja tal-Malti ġie minn xi żmien 'l hawn nominat fuq il-Kumitat tal-Lapidi proprju biex wieħed inaqqas il-possibbiltà ta' żbalji.

*Tweġiba mogħtija 30/5/90*
*Seduta numru 380*

# Himno nacional de Malta

Dun Karm Psaila

*(Traducción de Kilín)*

De esta dulce tierra,
la madre que nos dió su nombre,
cuida, Señor,
como siempre cuidaste.
Recuerda que a ella
de la más dulce luz bañaste.

Da, gran Dios,
cordura a quien gobierna;
merced al dueño,
y al trabajador la fuerza.

Y entre los malteses
unión y paz confirma.

(L-**Innu Malti** ta' Dun Karm, maqlub għall-Ispanjol minn Kilin)

# Tifkirieti dwar l-Akkademja

*Vic Apap*

L-ewwel darba li smajt bl-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti kien nhar it-3 ta' Frar, 1923, meta kont għadni lanqas għalaqt għaxar snin. Dak in-nhar kien ġie jiekol għandna Ninu Cremona, iz-ziju ta' missieri. Kif konna fuq il-mejda, iz-ziju Ninu staqsa lil missieri jekk dak in-nhar setax jeħodni miegħu t-Teatru Manoel fejn kien se jsir kunċert b'riżq l-"Għaqda". Mort bil-qalb għad li dak it-teatru ma kienx ġdid għalija. Kienet sorpriża għalija meta fuq il-palk ħareġ jitkellem is-Sur Ġużè Muscat Azzopardi. Is-Sur Ġużè kien ħabib ta' missieri; kienu jiltaqgħu kuljum il-Każin San Giorgio, fil-Pjazza tal-Palazz, fejn illum hemm il- "Bank of Valletta". Lili s-Sur Ġużè min jaf kemm drabi qabadni minn idi u ħadni miegħu sal-bottegin tal-każin biex jixtrili pasta.

Dak il-Kunċert Malti kien l-ewwel laqgħa tiegħi ma' dik l-Għaqda li maż-żmien intrabtet daqshekk ma' qalbi. Imma kien hemm ħaġ'oħra li laqtitni: smajt l-ewwel darba jitkanta l-Innu Malti mill-bniet ta' l-iskola tal-gvern. Sirt naf li l-versi kitibhom Dun Karm Psaila. Lanqas dan il-qassis ma kien ġdid għalija: meta kont immur għall-btajjel tas-sajf man-nanniet f'San Ġiljan, lil Dun Karm kont narah il-Qaliet jilgħab il-boċċi man-nannu Wiġi, is-sinjuri Satariano, Coppini u oħrajn, u ġie li ltqajt miegħu għand in-nanniet iqatta' siegħa jew tnejn jedha b'xi logħba *rummy*.

Xi rrid infisser b'dan? Donni li, bla ma kont naf, sa minn tfuliti kont midħla ta' nies kbar fil-qasam tal-letteratura Maltija: Ninu Cremona (ħu nannti), is-Sur Muscat Azzopardi (ħabib ta' missieri), Dun Karm (ħabib tan-nanniet Vincenti). It-tlieta kienu kolonni mill-aqwa ta' l-"Għaqda".

Nifraħ nistqarr li kien iz-ziju Ninu li ħajjarni nibda nitgħallem il-Malti. Dak iż-żmien it-tagħlim tal-Malti kien għadu ma daħalx fl-iskejjel. Ninu kien kitibni għall-ewwel klassi ta' filgħaxija li fetħet fil-Liċeo bejn l-1928 u l-1929.

Niftakar li fl-1930, għand il-librar Sciortino ta' Triq il-Merkanti, il-Belt, kont rajt edizzjoni rħisa ta' *Il-Malti*. Xtrajt kopja u minn dak iż-żmien bqajt naqra r-rivista. Isseħibt fiha għand is-Sur Saver Caruana li kont nafu bħala katekista fl-Istitut ta' San Ġakbu. Mur għidli dik

il-ħabta li biż-żmien kelli nilħaq l-amministratur ta' *Il-Malti* u ndum f'din il-kariga għal madwar tletin sena.

Fl-1940 ir-rabta tiegħi ma' l-"Għaqda" issaħħet aktar meta nħtart Membru Akkademiku u ssuktat tikber meta sentejn wara ntgħażilt Teżorier fi ħdan il-Kunsill. Dik il-ħabta, minħabba fil-ħbit mill-ajru, il-laqgħat tal-Kunsill ġie li kienu jintemmu ħesrem u b'hekk jintilef ħafna mix-xogħol li jkun inbeda. Waħda mill-agħar esperjenzi kienet dik tas-7 ta' April 1942, meta l-Kunsill kien qed jiltaqa' f'kamra tal-Mużew li dak iż-żmien kien fil-Berġa ta' l-Italja, fejn illum hemm il-Posta. F'nofs il-laqgħa ngħata s-sinjal ta' ħbit mill-ajru u ftit wara nstemgħu resqin l-ajruplani ta' l-għadu. Kellna ninżlu għall-kenn fis-sotterran tal-Berġa. Ma damx ma beda jinstama' t-tifqigħ tal-bombi fil-qrib. Inħass li l-ajruplani kienu qegħdin jaħbtu għall-Belt. F'daqqa waħda ħassejna bħal daqqa ta' mazza fuq rasna, l-art triegħdet, id-dawl inqata', daħna ta' trab tferrxet mal-kenn kollu. Ftit wara niżlu ħdejna n-nies ta' l-A.R.P. b'fanali f'idejhom u bi bramel bl-ilma; qalulna biex inxarrbu l-imkatar u ndawruhom ma' wiċċna. Il-bomba li qatgħetna minn riġlejna kienet ġarrfet it-Teatru Rjal. Dik kienet l-aħħar laqgħa tal-Kunsill li saret il-Belt. Bdejna niltaqgħu mhux wisq 'il bogħod: fl-uffiċċju tas-Sanità qrib il-Ġonna ta' l-Argotti, il-Furjana. Ħażin jew tajjeb, il-ħidma ta' l-Għaqda baqgħet sejra u r-rivista *Il-Malti* ma waqqfitx il-pubblikazzjoni tagħha.

Meta ntemmet il-gwerra u kulħadd inġabar f'daru bħal qabel, inħasset il-ħtieġa li l-"Għaqda" ma kellhiex tibqa' tittallab fejn tiltaqa', għalkemm dejjem sibna min jifthilna l-bibien bil-qalb. F'Jannar 1958 inqala' s-Sur Ugo Muscat Azzopardi, bin il-fundatur tagħna, li ndaħal għall-ħlas tal-kera ta' post li sibna nikru fi Triq l-Iskoċċiżi (illum Triq M.A. Vassalli), taħt l-Osborne Hotel. Dan għalina kien pass kbir 'il quddiem għaliex b'post tagħna stajna niltaqgħu kull meta rridu bla tisfiq ta' wiċċ, u fl-istess ħin stajna nibdew naħsbu ħalli jkollna librerija tagħna. Is-Sur Muscat Azzopardi baqa' jħallsilna l-kera sa mewtu. U mbagħad? Indaħal mill-ewwel Ninu Cremona li fetaħ fond għal dan il-ħsieb u kien jiġbor b'hekk il-flus tal-kera u għal ħtiġiet oħra tad-dar. Imma ma damx ma nqala' saram ieħor. Fis-sena 1961 is-sidien tal-Lukanda Osborne ġew bżonn il-kmamar li kellna f'idejna. Ħteġilna nsibu post ieħor. B'xorti tajba, meta l-Azzjoni Kattolika Maltija waqqfet is-Sede Ċentrali tagħha fl-Istitut Kattoliku, telqet żewġ kmamar li kellha f'Palazzo Carafa, il-Belt. Minnufih krejniehom għall-"Għaqda" u stajna nbattlu minn Triq l-Iskoċċiżi. Ta' min igħid li dawn iż-żewġ kmamar m'humiex jaqdu kif wieħed jixtieq lil organizzazzjoni

bħal tagħna u jixraq li jingħatalna ambjent aħjar.

Hawnhekk ta' min ifakkar li fil-15 ta' Diċembru 1963 l-"Għaqda" bdiet tingħaraf bl-isem ta' "Akkademja tal-Malti" filwaqt li baqgħet iżżomm ukoll l-isem ta' "Għaqda tal-Kittieba tal-Malti". Wieħed għandu jsemmi li 44 sena qabel din id-data, l-ewwel isem kien "Akkademja ta' l-Ilsien Malti" li saret ħaġa waħda ma' l-"Għaqda" u bdiet tissejjaħ "Għaqda tal-Kittieba tal-Malti". Fl-editorjal ta' *Il-Malti* (Marzu 1964) inkiteb hekk: "Il-Membri Akkademiċi dehrilhom li l-"Għaqda" jixirqilha tieħu isem aktar magħruf fost il-ġemgħat letterarji u kulturali, ħalli hi ma tidhirx anqas minnhom għal dak li hu qima u ġieh."

F'dik l-istess sena wkoll inħass li l-Akkademja jixirqilha jkollha motto u emblema. Għall-motto ndaħal il-Prof. Patri Serafin Zarb, O.P., li tana motto llum magħruf mill-membri kollha tagħna. Għad-disinn ta' l-emblema ġie avviċinat il-Kav. Emvin Cremona li bil-qalb kollha rregalalna d-disinn li għadna ninqdew bih sa llum.

Wara medda hekk twila ta' snin, l-Akkademja – l-ixjeħ fost ix-xirkiet b'riżq l-ilsien Malti u l-iżjed awtorevoli – għad fadlilha missjoni x'taqdi, jista' jkun ukoll ta' fejda akbar minn qabel, l-iżjed fejn jidħol l-iżvilupp tal-Malti bħala lsien ħaj li juri l-mixi 'l quddiem ta' l-espressjoni Maltija kif imfissra mill-fergħat kollha tas-soċjetà tagħna. Dawn huma x-xewqat u t-tamiet tiegħi dwar il-ġejjieni ta' l-Akkademja.

Fl-aħħarnett jidhirli li tkun ħaġa xierqa ħafna kieku l-Akkademja – bħalma ġie li għamlet fl-imgħoddi – tieħu ħsieb torganizza darba fis-sena, jew għallanqas kull sentejn, kungress li fih ikunu mistħarrġa fehmiet. isiru diskussjonijiet, u fl-aħħar jingħataw direttivi li jistgħu u għandhom ikunu ta' ġid mhux żgħir biex tissaħħaħ uniformità fl-ortografija u fl-espressjoni. Inħoss li l-Akkademja, minn żmien għal ieħor, għandha taħtar kummissjonijiet ta' nies esperti – mhux bilfors minn fost il-membri Akkademiċi li jkunu jistgħu jagħtu fehma xierqa dwar l-użu tal-Malti fl-oqsma kollha tal-ħajja Maltija. B'hekk niksbu ċerta individwalità u ma jkollniex għalfejn nibqgħu ninqdew b'dak li għalina hu għal kollox barrani.

# Fiż-Żmien li Jien kont Segretarju ta' l-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti" 1940 – 1948

***Ġużè Chetcuti***

Kien fl-10 ta' Marzu 1940 f'Laqgħa Ġenerali li saret fil-Palazz de la Salle, il-Belt, meta ngħażel il-Kumitat għas-snin 1940-41 li jien inħtart Segretarju ta' l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti. Is-Segretarju ta' qabli, is-Sur F.S. Caruana, kien ilu segretarju mill-bidu tat-twaqqif ta' l-"Għaqda", jiġifieri mis-sena 1920.

Monsinjur Dun Karm Psaila baqa' jżomm il-presidenza ta' l-"Għaqda", viċi-president inħatar il-Professur Ġużè Galea, u kaxxier in-Nutar Anton Buttigieg, (li wara laħaq avukat u fil-ħajja politika tiegħu spiċċa President ta' Malta).

F'laqgħa tal-Kumitat li saret għaxart ijiem wara, fl-20 ta' Marzu, ngħażilna Dun Karm bħala Direttur, jien bħala Asst. Direttur, u n-Nutar A. Buttigieg amministratur sabiex nieħdu ħsieb it-tmexxija tar-rivista *Il-Malti*.

L-ewwel numru ta' *Il-Malti* li ħareġ wara li jien inħtart bħala Assistent Direttur kien ta' Marzu 1940; l-aħħar numru sakemm jien bqajt Asst. Direttur kien ta' Ġunju 1942.

Qabel ilħaqt Segretarju kont ġà ili tliet snin membru akkademiku ta' l-"Għaqda", u l-ewwel kontribuzzjoni tiegħi kienet il-poeżija "Dawl ta' Tama" li dehret f' *Il-Malti*, l-Ewwel Għadd ta' l-1936. Fin-numru ta' wara dehret "Il-Poeżija tal-Ħajja" li jien iddedikajt lill-ħabib tiegħi Ninu Cremona bid-data tal-15 ta' April, 1936. F'dak l-istess numru dehret novella tiegħi "Taħbit u Ferħ ta' Ħajja".

Dawk it-tliet xogħlijiet kienu l-bidu ta' l-attività tiegħi letterarja fi ħdan l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti.

Minn dak iż-żmien 'il hawn ma waqaftx nikteb u nippubblika f' *Il-Malti* għadd kbir ġmielu ta' poeżiji, studji, reċensjonijiet u rapporti tal-ħidma li l-"Għaqda" u l-membri tagħha wettqu tul is-snin li jien domt segretarju. Kienu s-snin tal-gwerra.

Il-gwerra hawn Malta faqqgħet f'Ġunju 1940, u ma setax jonqos f'dawk l-ewwel xhur kemm sibna tfixkil fil-pubblikazzjoni ta' *Il-Malti* li konna nistampawh fl-"Empire Press", Triq San Pawl, il-Belt. Dun Karm fl-editorjal bl-isem "Aktar mill-Qilla, Aktar mit-Theddid, Aktar mid-Dwejjaq" kiteb biex jiġġustifika d-dewmien tal-ħruġ ta' *Il-Malti* ta' Ġunju-Settembru 1940. *Inter alia* kiteb: "... meta resaq iż-żmien

biex joħroġ it-tieni ktieb – Ġunju 1940 – faqqgħetilna l-gwerra mill-ġara tagħna, l-Italja ... waqaf għal xi żmien il-ħruġ ta' *Il-Malti*. Iżda llum li n-nies, għalkemm imxerrda, ftit jew wisq, tajjeb jew ħażin, sabet postha, u reġgħet twettqet ġmielha n-nisġa tal-ħajja soċjali u kummerċjali, rajna li ma għandniex għalfejn nieqfu iżjed, u bit-tħabrik tas-Segretarju l-ġdid, is-Sur Ġużè Chetcuti, *Il-Malti* sa jerġa' joħroġ bħal qabel."

Dan nista' nwettqu jien għaliex, minkejja l-ħbit mill-ajru u l-ħerba li kienu jħallu warajhom l-ajruplani egħdewwa, *Il-Malti* baqa' joħroġ regolari fi żmienu. Ukoll l-attività tal-membri ta' l-"Għaqda" ma waqfitx: il-laqgħat ġenerali, għalkemm mhux tant regolari minħabba nuqqas ta' *quorum*, baqgħu jsiru; bdejna wkoll nagħmlu laqgħat akkademiċi, u l-Kumitat xorta baqa' jiltaqa' f'ċirkustanzi mill-agħar fil-qalba tal-Belt. Biex wieħed jieħu idea tat-tiġrib u riskji kbar li l-membri ta' l-"Għaqda" ltaqgħu magħhom insemmi każ wieħed: laqgħa tal-Kumitat li saret f'April 1942 – l-agħar xahar ta' l-attakki mill-ajru tul il-gwerra kollha. Dik kienet okkażjoni storika għax fiha s-seba' membri li attendejna dik il-laqgħa rajna l-mewt.

F' *Il-Malti*, Ġunju 1942, ktibt artiklu taħt forma ta' rapport "Jum li Jibqa' Jissemma" u minnu ser nislet dawn il-punti saljenti: "Kien jum fil-bidu ta' April. Donnu kulħadd kien qed jistenna xi waħda kbira. Iż-żminijiet kienu mwiegħra mill-iżjed, imma l-imseħbin ta' l-Għaqda xorta ltaqgħu bla qiesu li riedu jiġu minn irħula fil-bogħod. Iltqajna fil-ħamsa, il-ħin miftiehem. Inġbarna f'kamra l-Mużew u bdejna naħdmu. Ma lħaqniex temmejna l-laqgħa meta smajna s-sirena tnewwaħ u xi ħadd għarrafna li l-bandiera telgħet! Ħsibna li aħjar immorru nkomplu x-xogħol tagħna isfel, taħt il-blat. Ix-xelter kien maħnuq bin-nies. Bombi bdew neżlin bi ħsejjes li jtarrxuk. L-art tħossha tiċċaqlaq taħtek. Bomba jew tnejn waqgħu dritt fuqna. Tfew id-dawl tax-xama' li kien hemm. Daħna ddur magħna tħossha se tifgak, wieħed bilkemm seta' jara lil ieħor. Għaddejna dwar sagħtejn f'dan il-waħx. Ilkoll ħlisnieha, imma dak jibqa' jum memorabbli fl-istorja ta' l-Għaqda li baqgħet miexja 'l quddiem fil-ħidma tagħha, gwerra u mhux gwerra."

Fl-ewwel disa' xhur tal-kariga tiegħi ta' Segretarju, minkejja l-attakki bla heda ta' l-għadu, minn Marzu sa Diċembru 1940 saru erba' laqgħat tal-Kumitat u laqgħa oħra Akkademika. Il-ħidma tagħna mexxejnieha mill-aħjar li stajna f'ċirkustanzi ferm ħżiena. Ingħażlet Kummissjoni għat-tibdil, żjieda u tnaqqis fl-Istatut. Il-President u s-Segretarju nħatru *ex-officio*, u magħna t-tabib Ġużè Galea, is-Sur Nin

Cremona u Dr. Anton Buttigieg. Saret kemm-il laqgħa tal-Kummissjoni u t-tibdil meħtieġ sar.

Punt ieħor importanti f'dik is-sena kien il-korrispondenza bejn l-"Għaqda" u l-Gvern fuq il-kwistjoni ta' l-ismijiet tat-toroq sabiex il-Malti, bħala wieħed miż-żewġ ilsna ta' l-amministrazzjoni tal-pajjiż, ikun imdaħħal fl-ismijiet kollha tat-triqat ta' Malta u Għawdex, u sabiex jinħatar Bord ta' nies li jistgħu jagħtu l-fehma tagħhom dwar l-ismijiet ġodda skond in-nisel, it-tradizzjoni u l-istorja tagħhom.

Fl-ittra lill-Gvern mibgħuta fis-26 ta' Ottubru 1940, żidna nfissru d-diżappunt tagħna li "mindu bdew jingħataw l-ismijiet ġodda tat-triqat bl-Ingliż u bil-Malti, hemm ħafna mill-ismijiet li ma jwiġbux għal dik li hi tradizzjoni u storja tagħhom, u għalhekk jitlob li dan il-Bord ikollu d-dmir li jagħmel ukoll reviżjoni ġenerali tagħhom."

Is-Segretarju tal-Gvern bagħat igħarrafna fit-2 ta' Novembru 1940 illi dwar l-ismijiet tat-toroq hemm Kumitat magħżul mill-Onorevoli Dr. Ġ. Borg, M.B.E., l-Onorevoli Dr. Louis Galea u l-Onorevoli Dr. P. Boffa li x-xogħol li għandhom jagħmlu "jiġbor fih il-punti msemmijin fil-memorandum mibgħut mill-Għaqda tagħna."

Fis-6 ta' Diċembru 1940 intbagħtet ittra lil Dr. Albert Laferla, Direttur ta' l-Edukazzjoni, u wieħed mill-Presidenti Onorarji ta' l-"Għaqda". Fiha fissirna l-ħtieġa li l-Malti jiddaħħal fil-klassijiet kollha tal-Liċeo kif ukoll fl-iskola Sekondarja tal-Bniet, u sabiex igħin kemm jista' lill-imseħbin ta' l-"Għaqda" u b'hekk ikun qed igħin il-letteratura Maltija. It-tagħlim tal-Malti f'dak iż-żmien kien isir biss fil-klassijiet il-kbar u qatt fil-klassijiet iż-żgħar tal-Liċeo u ta' l-Iskola Sekondarja: din il-politika hi għal kollox kontra l-politika li ġiet addottata mill-Gvern meta daħħal il-Malti fl-iskejjel tagħna bħala suġġett obbligatorju bħal ilsna oħra.

Ried igħaddi ż-żmien qabel ma din it-talba tagħna setgħet tintlaqa' għal kollox.

Kittieba ta' l-"Għaqda" fis-sena 1940 kellhom xogħlijiet tagħhom imxandrin minn fuq ir-Rediffusion u l-BBC. Hekk ukoll fis-sena ta' wara, 1941. Dan ix-xandir kien ta' ġid kbir għal ilsienna, għax permezz tar-Rediffusion stajna nilħqu u ngħallmu lil kull klassi ta' nies u nuru l-ġmiel u l-kobor ta' l-ilsien Malti. Hawn wieħed irid iżomm f'moħħu illi dawn kienu snin tal-gwerra, it-tfixkil u bsaten fir-roti kienu kbar imma daqstant kienet kbira d-determinazzjoni tal-membri ta' l-"Għaqda" li jibqgħu jxerrdu l-Malti fost il-poplu b'kull mod possibbli.

Ix-xorti ħażina messet lill-"Għaqda" wkoll. Kellna l-ewwel it-telfa

tat-tabib Ġużè Bonnici li miet fis-6 ta' Ottubru 1940, fl-aħjar ta' żmienu, meta kien għadu mimli bil-ħeġġa u bl-inizjattiva fil-ħidma tiegħu għall-ilsien Malti bil-pubblikazzjoni tal-kotba, rumanzi u poeżija, fil-*Ġabra ta' Kitba Maltija*. Miet ukoll f'attakk aħrax tal-*Luftwaffe* l-Professur Kan. Ġ. Theuma-Relf, membru akkademiku ta' l-"Għaqda", meta kien għad għandu 31 sena. Mietu wkoll żewġ imseħbin oħra akkademiċi li ħadmu fl-ewwel snin ta' l-"Għaqda": Feliċ Mifsud Bonnici u l-avukat Gius. Micallef li, fi kliem Ninu Cremona, "fetaħ fostna l-bieb ta' l-istudju filoloġiku tal-Malti fuq sisien tax-xjenza moderna."

Fis-sena 1941 kellna korrispondenza mal-Gvern dwar il-post ta' Traduttur Anzjan ta' Dokumenti bil-Malti. Is-Sur Nin Cremona kien għadu kemm irtira minn din il-kariga. Minfloku għal dan ix-xogħol ferm importanti għall-ilsien Malti laħaq, wara eżami, is-Sur Victor Apap, membru akkademiku ta' l-"Għaqda".

*Il-Malti* ta' Diċembru 1941 ħareġ f'għadd speċjali ta' 64 paġna bħala tifkira ta' egħluq is-70 sena ta' Dun Karm, il-poeta nazzjonali u li f'idejh il-Gvern kien fada x-xogħol tad-*Dizzjunarju Ingliż-Malti*. Dwar Dun Karm f'dan il-għadd insibu kontribuzzjonijiet tal-Prof. Mons. Saydon li kiteb l-editorjal, Ninu Cremona, il-Prof. Dun Karm Sant li kiteb studju komparattiv bejn il-poeżija ta' Zanella "Sopra una conchiglia fossile" u l-poeżija "Il-Musbieħ tal-Mużew" ta' Dun Karm, u tas-sottoskritt dwar "Il-ġmiel letterarju fil-poeżija ta' Dun Karm".

Fit-2 ta' Lulju 1944 fis-Sala ta' l-Azzjoni Kattolika tal-Belt, l-"Għaqda" organizzat Laqgħa Akkademika fl-okkażjoni ta' egħluq il-50 sena li Monsinjur Dun Karm Psaila kien ilu jqaddes.

Imma x-xorti ħażina donnha kienet għadha titrod wara l-kittieba tal-Malti. Fis-sena 1941 miet is-Sur Fons Maria Galea, magħruf l-aktar għas-sensiela ta' 150 ktieb tal-*Mogħdija taż-Żmien*. Is-Sur Fons qatt ma kien membru ta' l-"Għaqda" u qatt ma kiteb bl-ortografija ta' l-"Għaqda". B'danakollu, kif kien qalli hu stess, "mhux għax ma kienx jaqbel magħna, u mhux għax l-ortografija tagħna ma kinitx togħġbu, imma għax ma riedx jitbiegħed mill-ortografija li kien ġà qabad u li biha kien diġà ħareġ għadd sabiħ ta' kotba."

## Dwar l-Ortografija

Nista' ngħid illi sas-sena 1941 il-ġurnali u r-rivisti kollha bil-Malti kienu adattaw il-kitba tagħhom fuq ir-regoli ta' l-alfabett u l-ortografija uniformi ta' l-"Għaqda". Kien baqa' *Leħen is-Sewwa*, u sa fl-aħħar dal-ġurnal fehem il-ħtieġa li jinqeda wkoll bl-ortografija ta' l-

"Għaqda", l-ortografija rikonoxxuta mill-Gvern.

B'hekk seħħet għal kollox is-sejħa li F.S. Caruana, taħt l-inizjali ta' X.C., kien għamel f'ittra li bagħat lil *Il-Ħabib* f'Settembru tas-sena 1920 biex il-kittieba kollha tal-Malti jinqdew b'ortografija waħda.

Tagħrifa li dehret f'*Il-Malti*, Marzu 1941, p. 32, tgħid: "Ma nistgħux ma nifirħux meta naqraw li *Leħen is-Sewwa* mill-1 ta' April ser jibda jinqeda bl-ortografija tagħna. Inħossu rwieħna ferħana u, biex ngħiduha wkoll, kburin fl-istess ħin li l-ortografija tagħna – l-ortografija ta' l-"Għaqda" – li, tul ħajjitha, min jaf kemm rat tfixkil, issa tinsab imxerrda ma' kullimkien: insibuha mgħallma fl-iskejjel, elementari, sekondarji u fl-Università; insibuha fil-Pastorali, maħruġin mill-Arċisqof ta' Malta u mill-Isqof ta' Għawdex; insibuha fil-kotba, fir-rivisti u fil-ġurnali li qed joħorġu."

Ta' min iġib ukoll dak li *Leħen is-Sewwa* qal fil-ħarġa ta' Marzu, 1941:

"Issa ċ-ċirkustanzi tbiddlu ħafna favur l-ortografija ta' l-"Għaqda": (a) iż-żgħażagħ li telgħin kollha tgħallmu jiktbu u jaqraw biha; (b) kull ħaġa li tiġi stampata hi miktuba biha; (ċ) dawk li kienu mdorrijin bl-ortografija antika llum naqsu jew draw ukoll dik il-ġdida.

"Għal dawn ir-raġunijiet dehrilna li l-ġid ta' kulħadd irid li aħna wkoll inbiddlu l-ortografija tagħna u dan nagħmluh għaliex naħsbu li b'hekk il-ġurnal tagħna jista' jaqdi aħjar il-missjoni tiegħu."

**Is-Sena 1942**

Din kienet l-agħar sena ta' ħbit bla heda mill-ajru, u l-ħidma li stajna nwettqu kienet imfixkla bis-sħiħ, b'mod speċjali fl-ewwel erba' xhur. Fl-4 ta' Marzu ngħażel Kumitat ġdid bi President ġdid, Prof. Ġużè Galea, Dun Karm, li issa kien daħal fit-tnejn u sebgħin sena, ħass li aħjar ma jibqax imexxi l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti. Għalhekk irtira minn president effettiv imma nħatar bħala President Onorarju flimkien mal-Professur Saydon u Dr. Alb. V. Laferla.

F'Laqgħa Ġenerali nhar il-21 ta' Awissu 1942 beda jseħħ Statut ġdid. F'dan l-Istatut, Taqsima 31, hemm stipulat li l-President ikun ukoll Direttur *ex-officio* ta' *Il-Malti*. Hekk Dun Karm ma baqax aktar Direttur ta' *Il-Malti*. Jien bqajt Segretarju imma ma bqajtx aktar Assistent Direttur ta' *Il-Malti*. Sew Dun Karm kif ukoll jien bqajna ngħinu r-rivista bil-kontribuzzjonijiet tagħna.

L-"Għaqda" għażlet bħala l-patrun tagħha lil San Luqa. L-Art. 1 (b) ta' l-Istatut il-ġdid igħid: "L-Għaqda tagħraf bħala l-protettur tagħha lil San Luqa Evanġelista."

Ir-rivista *Il-Malti* għal sbatax-il sena sħaħ baqgħet toħroġ regolari, imma f'dis-sena 1942, biex stajna nibqgħu noħorġuha, ħtiġilna nitolbu l-għajnuna tal-Gvern. Nhar l-14 ta' Ottubru, 1942, il-Gvern weġibna li għal dik is-sena hu mhejji jagħtina sussidju ta' £10 (għaxar liri). Fis-snin ta' wara s-sussidju sar £20 (għoxrin lira).

F'April 1942 Malta ngħatat il-*George Cross*. Il-Klabb Internazzjonali P.E.N., permezz tas-Segretarju ta' l-Istat għall-Kolonji, bagħat jifraħ lill-kittieba ta' Malta għall-almu u fehma sħiħa li wrew tul gwerra li qatt ma kien hawn bħalha.

Fis-sena ta' wara, 1943, ħarġet l-antoloġija *Malta Calling*. Fiha tiġbor bċejjec letterarji bil-Malti. L-"Għaqda" kitbet lill-editur, Miron Grindea, u għarrfitu li "ix-xogħol, li suppost hu antoloġija ta' kittieba Maltin ma jista' qatt jasal biex jingħoġob, għax m'huwiex rappreżentattiv u ma jiġborx fih l-aħjar materjal li għandna fil-letteratura Maltija."

Fl-1943 l-"Għaqda" bagħtet lill-Gvern memorandum dwar it-terminoloġija legali li fih ipprotestat bil-qawwa kollha kontra l-barbariżmi ta' kliem u espressjonijiet li kienu qegħdin jidhru fit-traduzzjonijiet tad-dokumenti u notifikazzjonijiet legali fil-*Gazzetta tal-Gvern*. Irrikmandat ukoll biex it-traduttur fl-Uffiċċju ta' l-Avukat tal-Kuruna jkollu effiċjenza fit-tħaddim tal-kelma Maltija u kmand tal-morfoloġija, vokabularju u sintassi ta' l-ilsien Malti.

Fl-1944 l-"Għaqda" ħadet l-inizjattiva twaqqaf Kunsill Ċentrali tal-Malti biex inkunu nistgħu nilqgħu għal kull ċaqliqa li qatt setgħet tinqala' kontra l-ilsien Malti. Dan il-Kunsill ġabar fih l-għaqdiet kollha tal-Malti li kienu jeżistu dak iż-żmien bil-President Onorarju l-Professur Ġużè Galea u jien bħala s-Segretarju Onorarju magħżula *ex-officio*.

Fl-1945 twaqqfet l-Assemblea Nazzjonali biex tifformola abbozz ta' Kostituzzjoni għal forma ġdida ta' awtonomija. Rappreżentant ta' l-"Għaqda" kien wieħed mill-membri akkademiċi tagħha, Ġużè Ellul Mercer, rumanzier magħruf u li fi żmien l-amministrazzjoni tal-Gvern Laburista serva bħala Ministru tax-Xogħlijiet.

**Premju Ġużè Muscat Azzopardi**

*Il-Malti*, Marzu 1946, ta l-aħbar tal-fondazzjoni tal-Premju "Ġużè Muscat Azzopardi" li twaqqaf b'tifkira ta' l-Kav. Ġużè Muscat Azzopardi, l-ewwel President ta' l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti. Art. 1 tal-kondizzjonijiet igħid: "Fl-4 ta' Awissu ta' kull sena – egħluq il-mewt ta' Ġużè Muscat Azzopardi – midalja tad-deheb *standard* u

cheque li jirrappreżenta l-bqija minn donazzjoni ta' £40, jingħataw lil min ikun iddistingwa ruħu l-aktar, bil-ħidma tiegħu, għall-iżvilupp ta' l-Ilsien Malti.

Art. 4 igħid: "Ir-Rettur ta' l-Università ta' Malta, bħala rappreżentant tal-Gvern, flimkien mal-President ta' l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti u ma' Ugo u Gino Muscat Azzopardi jiddeċiedu min ikun ħaqqu l-premju l-ewwel darba."

Ħadu dan il-Premju fis-snin li jien kont Segretarju Dun Karm, Ninu Cremona u l-Professur Galea. L-organizzazzjoni taċ-ċerimonja kienet fdata f'idejn is-Sur Ivo Muscat Azzopardi u l-awtur ta' dan l-istudju. Fis-snin ta' wara dan il-premju ħaduh ukoll Prof. Ġużè Aquilina, Mons. Dun Pawl Galea, ex-Vigarju ta' l-Isqof, Dr. Anton Buttigieg, ex-President ta' Malta, u Karmenu Vassallo.

Fil-15 ta' Mejju, 1947, bgħatna ittra lis-Segretarju tal-Gvern u fiha tlabnieh biex waħda mit-triqat f'Ħal Qormi tissemma għal Ġużè Muscat Azzopardi b'tifkira tal-ħidma li hu wettaq fil-qasam tal-letteratura u tal-politika f'Malta. It-talba tagħna maż-żmien intlaqgħet.

**Laqgħat Kulturali**

L-"Għaqda" minbarra l-laqgħat tal-Kumitat u l-laqgħat ġenerali, għamlet ukoll laqgħat kulturali, uħud minnhom fl-Aula Magna ta' l-Università. F'waħda minn dawn il-laqgħat kienu jinqraw kitbiet fuq ħafna frieghi letterarji u jsiru kummenti u diskussjonijiet.

Saru wkoll riċevimenti f'okkażjonijiet speċjali lil Dun Karm, lill-Prof. Ġużè Galea, lil Ninu Cremona, u lil Ivo Muscat Azzopardi u Toni Said, editur ta' *Il-Qari Malti* fiż-żjara tagħhom hawn Malta minn Lixandra.

Biex tinkoraġġixxi dejjem lill-poeti l-"Għaqda" nediet ukoll konkors għal Ballati. Ir-rebbieħ ta' l-ewwel premju kien Karmenu Vassallo bil-Ballata "Perfecti Mysterium Amoris".

F' *Il-Malti*, Settembru 1946, insibu ċirkulari ffirmata mill-Prof. Ġużè Galea, President, u minni bħala Segretarju. Fiha għarrafna illi delegazzjoni marret għand is-Segretarju tal-Gvern biex titħaddet miegħu dwar il-kondizzjonijiet tal-Konkors tar-Rumanzi mniedi mill-Gvern fil-*Gazzetta tal-Gvern* nru. 9357 tal-21 ta' Settembru, 1945. Għall-memorandum li ressaqnielu l-Gvern fit-23 ta' April 1946 weġibna li ma seta' jilqa' ebda waħda mill-kundizzjonijiet li għamilnielu. Għalhekk f'Laqgħa Ġenerali ġie deċiż li ebda membru ta' l-"Għaqda" ma jieħu sehem f'dan il-konkors la bħala konkorrent u lanqas bħala eżaminatur.

## Il-Kostituzzjoni ta' l-1947

Il-ħafna sforzi effettivi ta' l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti tul il-ħajja storika tagħha taw il-frott mixtieq meta fil-Kostituzzjoni ta' l-1947, Klawsola 46 (1) insibu illi "l-ilsien Ingliż u l-ilsien Malti jkunu l-ilsna uffiċjali ta' Malta" u fit-taqsima (3) insibu illi "xejn ma għandu jsir sew b'leġislazzjoni jew b'egħmil amministrattiv li jċekken jew inaqqas mill-pożizzjoni ta' l-ilsien Ingliż jew ta' l-ilsien Malti bħala lsien uffiċjali jew illi jittanta sabiex irażżan l-użu tiegħu fis-servizz pubbliku."

Fit-8 ta' Novembru l-"Għaqda" kitbet lill-Onor. Dr. Paul Boffa (wara, Sir Paul Boffa), Kap tal-Ministeru, u wegħditu kull għajnuna fil-problemi li setgħu jinqalgħu u li jkollhom x'jaqsmu ma' l-ilsien Malti.

Xieraq insemmi illi bil-Kostituzzjoni ta' l-1974 l-ewwel Gvernatur Ġenerali Malti u, wara, l-ewwel President ta' Malta Repubblika kien Sir Anthony Mamo, ħabib kbir ta' l-ilsien Malti u wieħed mill-ewwel membri fil-Kumitat ta' l-Għaqda tal-Malti (Università). Irrid insemmi wkoll biex tinżamm bħala tifkira dejjiema illi d-diskors inawgurali tiegħu bħala Gvernatur Ġenerali ta' Malta għamlu bil-Malti u mhux bl-Ingliż kif kien soltu jsir.

Ma rridx nonqos li ngħid li r-relazzjonijiet tiegħi ma' Dun Karm fiż-żmien li kien President ta' l-"Għaqda" u Direttur ta' *Il-Malti* u jien Segretarju u Asst. Direttur, ma setgħux ikunu aħjar. Il-karattru ta' Dun Karm kien hekk ġenjali u ko-operattiv li ma setax ikun li wieħed jasal biex jiksirha miegħu. Jien niftakar fiż-żmien tal-Gwerra meta kien rifuġjat f' Ħaż-Żebbuġ kien jibgħatli regolari l-editorjali għar-rivista *Il-Malti* u magħhom poeżija jew tnejn li jkun għadu kemm kiteb.

Dan nista' ngħidu wkoll għall-Professur Ġużè Galea, M.D., li miegħu ħdimt bħala Segretarju mis-sena 1942 sas-sena 1948. Ġużè Galea (1901-1978) kien bniedem ta' inizjattiva, ħabrieki u kien lest dejjem, bit-tattika u d-dehen tiegħu, biex isolvi b'riżq il-Malti problemi skabrużi. Għat-tmexxija 'l quddiem ta' l-ilsien u l-letteratura Maltija hu waqqaf fondazzjoni biex tingħata konferenza kull sentejn fuq suġġett ta' interess xjentifiku u letterarju għall-ilsien Malti.

Bħala Segretarju jien ħdimt ħafna id f'id mal-membri kollha ta' l-"Għaqda", b'mod partikulari mal-Professur Aquilina, Ninu Cremona, il-Professur Saydon, Ġużè Cassar Pullicino, Anton Buttigieg u Victor Apap li f'xi snin it-tnejn qdew dmirijiethom bħala Kaxxiera ta' l-"Għaqda".

Fiż-żmien li kont Assistent Direttur kontribuzzjonijiet għal *Il-Malti* kienu jaslu fost oħrajn mingħand Erin Serracino Inglott, Godfrey Zarb

Adami li kien ukoll għal ħafna snin Segretarju ta' l-"Għaqda", D. Micallef Decaro, Ġorġ Pisani, Karmenu Vassallo, Ġużi Mallia, il-Prof. Patri P.P. Tabone, Luretu Cutajar, Rikardu Mifsud Bonnici, il-Professur Dun Karm Sant, u Dr. Anton Buttigieg.

Ta' min ukoll isemmi illi billi l-"Għaqda" f'dawk is-snin tal-gwerra ma kellhiex dar tagħha, konna niltaqgħu għas-seduti fl-Uffiċċju tal-Mużew, Triq il-Merkanti, il-Belt, jew fl-Uffiċċju Sanitarju tal-Furjana; il-Patrijiet Konventwali tar-Rabat laqgħuna għandhom, hekk ukoll il-Patrijiet Ġiżwiti fetħulna l-bieb tad-dar tagħhom ħdejn Sarria fil-Furjana, l-istess l-"Unjoni Kattolika San Ġużepp" tal-Belt, u d-Dar ta' San Ġużepp, il-Ħamrun, kif ukoll is-Sur Ivo Muscat Azzopardi, laqagħna kemm-il darba fl-uffiċċju tiegħu tal-Belt.

Bis-saħħa ta' l-Għaqda-omm tal-Kittieba tal-Malti twieldu diversi soċjetajiet, sew f'Malta kemm barra minn Malta, kollha bil-għan ewlieni tagħhom id-difiża u l-mixi 'l quddiem ta' l-ilsien Malti. Is-snin erbgħin kienu snin koroh għal Malta kollha u, wisq aktar, għall-ilsien Malti, iżda ma' l-għoti tal-Kostituzzjoni l-ħajja għall-ilsien Malti bdiet titbiddel radikalment. L-*istatus* tal-Malti fl-infrastruttura ta' l-edukazzjoni kollu nafuh l-aktar għall-ħidma bla waqfien tul il-ħajja storika, imħabbta u mwiegħra, ta' l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti.

F' *Il-Malti*, Diċembru 1948, p. 120, dehret din in-nota editorjali dwar id-dimissjoni tiegħi bħala Segretarju u dwar l-għażla tas-Segretarju l-ġdid: "Jisgħob bina ngħarrfu illi s-Sur Ġużè Chetcuti li kien Segretarju ta' l-"Għaqda" ħalla mill-kariga ta' Segretarju b'inkejja tiegħu nnifsu għax ra li ma setax jissokta jaqdi d-dmirijiet tiegħu ta' Segretarju bla preġudizzju ta' xogħol ieħor u ta' karigi oħra amministrattivi. Aħna, jiġifieri l-Kunsill u l-membri effettivi, f'Laqgħa Ġenerali, kellna nilqgħu fuq qalbna din it-talba tiegħu ta' dimissjoni għaliex nafu li minn Ġużè Chetcuti, membru prominenti ta' l-"Għaqda", li ilu jaħdem bħala Segretarju għal tmien snin sħaħ bl-akbar ħeġġa u leħħa, l-"Għaqda" kienet qiegħda tirbaħ mhux ftit u li issa bid-dimissjoni tiegħu tilfet mhux ftit.

"Flok is-Sur Chetcuti nħatar f'laqgħa ġenerali tat-28 ta' Novembru, is-Sur Ivo Muscat Azzopardi, bin il-mejjet Kav. Ġużè Azzopardi, l-ewwel President ta' l-"Għaqda". Filwaqt li nifirħu nittamaw illi r-rabta hekk storika u għażiża li biha jinsab il-lum marbut ma' l-"Għaqda" mill-ewwel żminijiet tal-ħajja tagħha bħala Membru Korrispondent f'Lixandra u issa bħala Membru Akkademiku tagħha f'Malta, u kittieb magħruf tal-Malti, m' għandux f'din il-kariga ġdida li hu nħatar għaliha, jagħmel għajb lil demmu – illum magħruf biżżejjed fl-istorja

ta' l-ilsien Malti."

Wara li tajt dan ir-rendikont tal-ħafna attivitajiet ta' l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti fiż-żmien li jien għamilt bħala Segretarju mis-sena 1940 sas-sena 1948, inħoss li xieraq ukoll insemmi attività oħra kbira u importanti li l-Akkademja tal-Malti wettqet fis-sena 1984 dwar il-kitba ta' neoloġiżmi Anglo-Sassoni u Romanzi fil-Malti. Għal dan ix-xogħol il-Kunsill ħatar Kummissjoni magħmula mill-Onor. Mħallef Prof. Wallace Gulia (President), J.J. Camilleri, Joseph Zammit Mangion, Pawlu Aquilina u Ġużè Chetcuti. Ir-rapport wara li għadda f'Laqgħa Ġenerali u wara li ġie diskuss f'Seminar f'Mount St. Joseph, Tarġa Gap, il-Mosta, ħareġ f'numru speċjali ta' *Il-Malti* f'Jannar-Ġunju 1984 bħala *Żieda mat-Tagħrif.* Ġie ppreżentat lill-Ministru ta' l-Edukazzjoni ta' dak iż-żmien, Dr. Karmenu Mifsud Bonnici, u lill-Ministru tal-Kultura Dr. A. Sciberras Trigona, u ġie aċċettat uffiċjalment.

Wara dan ix-xogħol meħtieġ, l-Akkademja tal-Malti ħasset il-ħtieġa ta' xogħol ieħor importanti li baqa' jsir: l-aġġornament tar-regoli dwar l-alfabett u l-ortografija kif insibuhom fit-*Tagħrif fuq il-Kitba Maltija* maħruġ mill-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti fis-sena 1924. Għal dan ix-xogħol ta' aġġornament li għadu qed isir, l-Akkademja tal-Malti ħatret din il-Kummissjoni : Ġużè Chetcuti (President), Joseph Zammit Mangion, Joe Felice Pace, Ant. Mercieca (Segretarju).

X'inhuma x-xewqat u t-tamiet tiegħi għaż-żmien li ġej ta' l-Akkademja? Kif ġà kelli l-opportunità nressaq mozzjoni fil-Kunsill ta' l-Akkademja, nixtieq li għallanqas darba kull tliet xhur isir Seminar jew Laqgħa Kulturali li fiha nfakkru kittieba mejtin. B'hekk fl-istess ħin inkunu qed inżommu ħaj ix-xogħol li l-Akkademja wettqet fil-passat.

Xewqa oħra hi li jinstab mezz biex ir-rivista *Il-Malti* terġa' tibda toħroġ aktar ta' spiss.

It-tama tiegħi hi li l-liġi li għandu fi ħsiebu jagħmel il-Gvern issaħħaħ *l-istatus* tal-Malti fl-amministrazzjoni u l-kultura tal-pajjiż u illi l-ortografija ta' l-"Għaqda" ma jsir fiha ebda tibdil radikali.

# Ħidma Għalenija

*Ġanni A. Cilia*

Hija ħaġa tqila llum li ġġib quddiem għajnejk kemm xkiel, apatija u oppożizzjoni ltaqgħu magħhom ponn nies immexxijin minn Ġużè Muscat Azzopardi u magħqudin fil-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti biex barra li jgħinu 'l xulxin ħalli jkollna letteratura ta' fejda, joħolqu ortografija uniformi li tkun użata minn kulħadd, flok it-taħwid li kien hawn fl-1920.

Illum li kull gazzetta, kull ktieb, il-kitba fiċ-ċivil u fil-knisja, il-mijiet ta' kotba li joħorġu kull sena, l-eżamijiet mill-primarji sa l-università kollha jinqdew bl-ortografija tagħna, għalkemm mhux dejjem perfetta, taraha bi kbira li l-fundaturi ta' l-Għaqda tagħna kellhom ibaħħru minn baħar hekk imqalleb.

Fl-1924 l-Għaqda ħarġet *Tagħrif fuq il-Kitba Maltija* li mhux biss jurik li għandek tikteb "kotba" mhux "cotba", "qalb" mhux "kalb", imma jurik ukoll bini xjentifiku tal-kliem. Ingħidu aħna meta għandek tikteb "għamel" – *he did* – u "agħmel" imperattiv, jew meta tikteb – "għallem" – *he taught* – u l-imperattiv jibqa' l-istess "għallem". Dawn l-irqaqat ftit misterjuzi beda jurihomli wieħed mill-membri fundaturi ta' l-Għaqda, Żebbuġi bħali, Dun Karm Psaila.

Niftakar f'Ħadd ta' Mejju 1922 tlajt tmien bibien mid-dar tiegħi ħdejn tad-Dawl, f'Ħaż-Żebbuġ, sad-dar ta' Dun Karm. Il-bieb u t-twieqi kienu mbarrati u ġibt quddiem għajnejja meta Dun Karm kien għadu ma marx joqgħod il-Belt u kien jiġbor lil sħabu kitarristi u bil-gallerija miftuħa fi ljieli tas-sajf Dun Karm idoqq l-arpa mal-kitarri, bċejjeċ ta' l-opri, waqt li ġirien, fosthom ħija Karmnu, jitgħaxxqu b'dak id-daqq ħelu fid-dawl tal-qamar.

Wara ftit minuti jieqaf karozzin u jinżlu Dun Karm u s-seftura Ġannina bi ftit soror, il-gaġġa b'kanarin. Dun Karm stedinni nidħol fl-uffiċċju, l-ewwel kamra fix-xellug mill-intrata.

Lil Ġannina qalilha min kont u ġegħelha tfarfar l-iskrivanija. Qalli bl-aħbar sabiħa li l-Ministru kien ħatarni bħala l-ewwel librar tal-librerija ċirkolanti ta' Ħaż-Żebbuġ. Hu ma kienx ilu li laħaq "*Assistant Librarian*" tal-Bibljoteka u tani ftit kotba minn tiegħu għal-librerija tiegħi.

Minn dak iż-żmien bqajt immur sikwit fl-uffiċċju tiegħu nhar ta'

Sibt u kien jgħallimni fuq il-letteratura Ewropea u jħolli d-diffikultajiet fuq l-ortografija. Ma kienx joħroġ ktieb tal-proża jew poeżiji li ma kienx jagħtini kopja awtografata u saħansitra ġie jarani l-Imġarr wara l-gwerra billi kien ilu ma jarani.

Darba ġibtlu l-problema tal-kunjomijiet u qalli li fil-fehma tiegħu dawn għandhom jibqgħu jinkitbu kif kienu jinkitbu tradizzjonalment, biex ma jinqalax inkwiet fit-testmenti, il-kuntratti u dokumenti oħra.

Niftakar fl-1928 kien ili xi sena u nofs surmast ta' l-Imġarr u fl-istess ħin ngħallem Std. IV, id-direttur Dr. A.V. Laferla waqqaf il-karozza xi 200 pass bogħod mill-iskola f'xi t-tlieta ta' wara nofsinhar u mexa nkiss inkiss lejn l-iskola. Sab lis-sitt klassijiet kulħadd medhi bla storbju.

Daħal fil-klassi tiegħi u staqsieni kif inhuma sejrin u talabni biex inkompli l-lezzjoni. Jien ġbidt minn taħt id-desk u tajtu l-karti ta' l-eżami tas-sitt xhur u bqajt miexi bit-tagħlim beda jara l-karti. Wara ftit beda jagħti bil-karti fuq id-desk u jgerger. "*It's a revelation! It's a revelation.*" Insib li fost il-karti kont tajtu dawk tad-dutrina, fejn kont tlabthom fost l-oħrajn jiktbu miraklu jew parabbola ta' Kristu. Għall-ewwel inħsadt għax ħsibt li kont ksirt xi liġi tal-paripassu imma mbagħad staqsieni: "*Mr. Cilia, how do you account for the fact that our children find it so difficult to write the simplest sentence in English while these pupils write so fluently and idiomatically in Maltese?*" Jien weġibt, "*Because it is their own language!*"

Minn dan irrid naħseb li Dr. Laferla sar konvint li l-aħjar ilsien biex tgħallem l-ewwel qari u l-materji l-oħra f'pajjiżna hu l-Malti, l-ilsien tad-dar. Hekk kien issogra jgħallem Comenius fil-Boemja 300 sena qablu u għaddewh ta' miġnun billi dak iż-żmien fl-Ewropa l-ilsien li kienu jgħallmu bih kien il-Latin.

Niftakar li meta fl-aħħar, fl-1934, il-gvern kolonjali għaraf l-ortografija ta' l-Għaqda bħala dik li kellhom jinqdew biha f'kull qasam tal-Malti, sar sforz kbir biex kull materja fl-iskejjel primarji, barra l-Aritmetika, jinqdew bi lsienna, u dan kien jitlob għajnuna minn bosta nies immexxijin bil-ħerqa mid-Direttur Dr. A.V. Laferla.

Hu ħatar lil Manwel B. Vella, membru tal-Għaqda u li kien kiteb l-istorja ta' Ħaż-Żabbar u ta' Ħal Tarxien bl-ortografija tagħna, bħala l-ewwel Spettur tal-Malti. Is-Sur Vella beda jlaqqa' lilna s-surmastrijiet darba fil-ġimgħa u jagħtina lezzjoni tal-Malti li l-għada konna nirripetu lill-għalliema tagħna biex ilkoll ikunu kapaċi li jgħallmuh lill-iskulari. B'hekk fi ftit xhur l-iskejjel saru kompetenti mhux ħażin f'din l-ortografija. It-test li kellna nimxu fuqu kien *Grammatka tal-*

*Malti fil-Qosor* tas-segretarju ta' l-Għaqda, il-bravu Sur Francesco Saverio Caruana.

Is-Sur Vella beda wkoll jikteb sett ta' kotba ta' qari Malti, *Ġabra ta' Ward.* Jien tajtu sehmi billi ktibtlu xi bċejjeċ bħal "Damone u Pizja", "Praspar ta' Xadin" (II Ktieb), "Art Twelidi" (IV Ktieb). Billi jien kelli esperjenza fil-klassijiet infantili ktibtlu ktieb li jgħodd għal dawn iċ-ċkejknin u swielu għall-ewwel ktieb ta' l-infantili magħruf bħal tal-"Pà u Mà".

Għall-iskejjel sekondarji l-istudent Ġużè Aquilina u l-Professur Dun Pietru Pawl Saydon kitbu żewġ antoloġiji bi bċejjeċ magħżulin mill-aħjar kittieba li kellna sa dak iż-żmien.

Biex il-ġjografija tintgħallem bil-Malti, Dr. Laferla għażel lili flimkien ma' Mr Cyril Midgley ta' l-edituri A. Wheaton & Co, Exeter, speċjalisti fil-kotba tal-ġjografija. Ix-xogħol tiegħi kellu jgħaddi minn żewġ egħriebel: għall-ortografija mingħand is-Sur Ninu Cremona li kien laħaq *Editor Maltese Publications* tal-Gvern u mingħand Dr. Laferla nnifsu biex ma jkunx hemm xi kelma li turta 'l-Gvern. Ma għandniex xi ngħidu dan ix-xogħol kont irrid nagħmlu d-dar wara l-ħin ta' l-iskola.

Fl-ewwel ktieb *X'Nitgħallmu fil-Ġjografija* għal Std III ridt indaħħal il-klima, il-proviżjoni ta' l-ilma, il-biedja u prodotti ta' Malta. F'kull dipartiment fejn kien jeħtieġli nfittex laqgħuni u għamluli l-qalb u tawni r-rapporti annwali u kull għajnuna, għalkemm la jafuni u anqas ma talbuni ittri ta' rakkomandazzjoni, anzi ħeġġewni biex uliedna ma nibqgħux neqsin minn tagħrif dwar arthom.

Kelli qalbi ttaqtaq meta mort sibt is-Sur Nin f'toqba li kellu fil-Palazz, quddiem il-knisja tal-Griegi, qrib l-istamperija tal-Gvern. Kont studjajt *Maltese Orthography* tiegħu u naf li kiteb it-*Tagħrif.* Sibt raġel ftit qasir li laqagħni bi tbissima u b'għaġeb tiegħi ma messli kważi xejn mill-ortografija, anzi feraħli tal-kitba. Hekk bqajt is-snin, kull Sibt niltaqa' mas-Sur Nin biex inlesti l-kotba tal-Ġjografija l-oħra *Ġmiel id-Dinja* għal Std II, *L-Artijiet tal-Mediterran*, Std IV, *Ħarsa lejn id-Dinja* Std V u VI.

Dik il-ħabta, fl-1934, Dr. Laferla kien tani mappa tal-gżejjer tagħna biex fejn jeħtieġ inbiddel l-ismijiet biex ikunu jaqblu ma' l-ortografija ta' l-Għaqda. Kopji ta' din kif reveduta kienu stampati minn A. Wheaton u tqiegħdu f'kull għassa u f'kull dipartiment tal-Gvern. Niftakar li għal dan ix-xogħol, barra s-Sur Nin kien għenni Sir Temi Zammit, membru tagħna, kittieb famuż tan-novelli, li kont sirt ħabib tiegħu għax bħala arkeologu kien jaħżen is-sejbiet tiegħu fit-Tempju

ta' Ħaġrat f'kamra fl-iskola tiegħi ta' l-Imġarr.

Biex l-Istorja tintgħallem bil-Malti ndaħlu s-Sur Salv Gatt u s-Sur Ġużè Ebejer li qalbu għall-Malti *The Story of Man in Malta* ta' Dr. Laferla. Membru ieħor ta' l-Għaqda ħa ħsieb jikteb sett ta' kotba tad-dutrina, Dun Karm Farrugia, ukoll Żebbuġi, u jien kelli x-xorti ngħinu fit-taqsim tal-mistoqsijiet biex ikunu adattati għall-età tat-tfal. Hu ħa dan il-katekiżmu minn dak modern tal-kardinal Gasparri. L-Ispettur tar-Reliġjon, Mons. Giuseppe Darmanin qabbadni naqleb għall-ortografija tagħna *Ġabra ta' Talb u Tagħlim*. Jien qlibtu u żidt Talba lill-Familja Mqaddsa li kont tgħallimt minn ommi. Kull tifel u tifla kellhom kopja ta' dan il-ktieb.

X'kien jonqos? Dik li torbot kull kitba, il-grammatika. Din kellha tinkiteb mis-Sur Cremona u s-Sur E.B. Vella. Niftakar li jum wieħed fl-1934 Dr. Laferla qalli li dawn it-tnejn kellhom xi jgħidu u li s-Sur Nin qallu li jrid lili biex ngħinu; għalhekk talabni li naċċetta. Jien għedt iva u għal tliet snin bqajt naħdem mas-Sur Nin biex ktibna *Tagħlim fuq il-Kitba Maltija* Vol I għall-Primarji u Vol II għas-Sekondarji.

Waqt li żammejt is-sostanza tar-regoli jien fittixt li nagħti sura ta' kif l-għalliema kienu mdorrijin fil-grammatiċi ta' l-Ingliż u tat-Taljan u nqdejt billi l-ewwel nagħti l-eżempji u mbagħad niġbed ir-regola. Is-Sur Nin ħallieni nsawwar kif deherli l-aħjar u meta ma konniex naqblu kien jikteb lil Giovanni Vassallo, reġistratur f'Għawdex u studjuż kbir ta' lsienna u noqogħdu fuq il-kelma tiegħu. Il-manuskritt kont nieħdu l-Empire Press, wara s-Suq, fejn kont inpaċpaċ mas-Sur Saver Caruana, is-segretarju bravu u umli ta' l-Għaqda.

Ktieb ieħor li għen l-ortografija kien *Stejjer mill-Kotba Mqaddsa* ta' Lady Herbert maqlub minni b'xi żjieda tiegħi li kien f'idejn kull tifel u tifla fl-iskejjel Primarji għal bosta snin.

Niftakar li l-1922 wara l-iskola konna niltaqgħu ħdejn l-istatwa famuża ta' San Bastjan quddiem il-Knisja qadima, jien, Filippu Borg għalliem żagħżugħ u student tal-Mediċina Ġużè Galea u nitkellmu fuq mitt ħaġa. Fl-1935 tnediet kompetizzjoni ta' rumanzi u Ġużè ħa t-tieni premju bi *Żmien l-Ispanjoli* waqt li Ġużè Aquilina ħa l-ewwel b'*Taħt Tliet Saltniet*, b'ħafna rumanzi oħra qawwija li daħlu. Xi żmien ta' ħidma minn kull membru ta' l-Għaqda u b'liema armonija biex tinxtered l-ortografija tagħna u tissaħħaħ il-kitba fi lsienna!

Niftakar ... imma l-ispazju a jippermettix!

# IL-MALTI

## Kopji tas-snin mgħoddija għall-bejgħ

Prezz: Numru wieħed – 25ċ
Numru Speċjali – 50ċ

1939: Marzu; Settembru
1944: Ġunju; Settembru; Diċembru
1945: Marzu; Ġunju; Settembru; Diċembru
1946: Marzu; Settembru; Diċembru
1947: Marzu; Ġunju; Settembru; Diċembru
1948: Marzu; Ġunju; Settembru; Diċembru
1949: Marzu; Ġunju; Settembru; Diċembru
1950: Marzu; Ġunju; Settembru; Diċembru
1951: Marzu; Ġunju; Settembru; Diċembru
1952: Marzu; Ġunju; Settembru; Diċembru
1953: Marzu; Ġunju; Settembru; Diċembru
1954: Marzu; Ġunju; Settembru; Diċembru
1955: Marzu; Ġunju; Settembru; Diċembru
1956: Marzu; Ġunju; Settembru; Diċembru
1957: Marzu; Ġunju; Sett./Diċ. *(flimkien)*
1958: Marzu; Ġunju; Sett./Diċ. *(flimkien)*
1959: Marzu; Ġunju; Sett./Diċ. *(flimkien)*
1960: Marzu; Ġunju; Sett./Diċ. *(flimkien)*
1961: Marzu; Ġunju; Settembru; Diċembru
1962: Marzu; Ġunju; Settembru; Diċembru
1963: Marzu; Ġunju *(Numru Speċjali R. Briffa)*; Sett./Diċ. *(flimkien)*
1964: Marzu; Ġunju; Settembru; Diċembru
1965: Marzu; Ġunju; Sett./Diċ. *(flimkien)*
1966: Marzu; Ġunju; Settembru; Diċembru
1967: Marzu; Ġunju; Settembru; Diċembru
1968: Marzu; Ġunju; Settembru; Diċembru
1969: Marzu; Ġunju; Settembru; Diċembru
1970: Marzu; Ġunju; Sett./Diċ. *(flimkien)*
1971: Marzu; Ġunju; Settembru; Diċembru
1972: Marzu/Ġunju *(Numru Speċjali N. Cremona)* Settembru; Diċembru
1973: Marzu; Ġunju; Settembru; Diċembru
1974: Marzu; Ġunju; Settembru; Diċembru
1975: Marzu; Ġunju; Settembru; Diċembru
1976: Marzu; Ġunju
1977: Marzu; Ġunju; Sett./Diċ. *(flimkien)*
1978: Marzu; Ġunju; Sett./Diċ. *(flimkien)*
1979: Marzu; Ġunju; Sett./Diċ. *(flimkien)*
1980: Jannar/Diċembru *(numru wieħed biss)*
1981: Jannar/Diċembru *(Numru Speċjali Ġ. Galea)*
1984: Jannar/Ġunju *(Numru Speċjali – Żieda mat-Tagħrif)*

Ibgħat għall-kopja meħtieġa flimkien ma' ċekk għall-ammont ta' flus li jiswew il-kopji lis-Sur Pawlu Mifsud (Tel: 440733), 24, Triq il-Linja tal-Ferrovija l-Qadima, B'Kara.

# L-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti Għamlet lil Malta Tassew Maltija

*Ġorġ Pisani*

Fil-gazzetta *Il-Ħabib* tad-9 ta' Settembru tas-sena 1920 kienet saret sejħa biex il-kittieba tal-Malti jingħaqdu flimkien bil-ħsieb li jibdew jiktbu b'ortografija waħda u jxerrdu t-tagħlim u l-qari ta' l-ilsien Malti miktub b'sengħa letterarja. Din kienet żerriegħa li waqgħet f'art tajba. Fl-14 ta' Novembru ta' l-istess sena, 36 studjuż iltaqgħu fid-Dar ta' l-*Unione Cattolica San Giuseppe*, fil-Belt Valletta. Hemmhekk huma waqqfu l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti u ħatru lill-Kavallier Ġużè Muscat Azzopardi L.P. bħala President u lis-Sur Franġisku Saverju Caruana bħala Segretarju tagħha. Dak in-nhar inħatret ukoll il-Kummissjoni "Tagħrif fuq il-Kitba Maltija".

Illum, wara sebgħin sena, qegħdin infakkru din il-ġrajja glorjuża. Sebgħin sena m'humiex żmien twil wisq. B'danakollu, l-istoriku żagħżugħ li jaqbad il-pinna biex jistħarreġ illum il-ħidma ta' l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti matul dan il-perjodu bilkemm jasal biex jifhem is-sehem li kellha fl-iżvilupp tal-Malti bħala lingwa tan-nazzjon kif ukoll bħala strument għall-avvanz tal-letteratura Maltija. Għaliex biex tifhem dan kollu trid bilfors tkun għext fl-atmosfera ta' dik il-ħabta, atmosfera mgħobbija dubji, suspetti u preġudizzji kontra l-ilsien tal-poplu u kontra dak kollu li hu Malti ġenwin u tal-pajjiż.

Esperjenza bħal din ma kenitx ħlief l-effett ta' snin twal ta' kolonjaliżmu li matulu l-Maltin u l-Għawdxin draw jammiraw u japprezzaw l-ilsien u l-kultura ta' dawk il-ġnus li ħakmuhom matul is-sekli u żammew ruħhom bħala razza ogħla u superjuri għalihom. Il-ġens tagħna ntrikeb minn sens qawwi ta' inferjorità li żammew dejjem pass lura, ħallieh nieqes mill-kuraġġ u daħħallu f'moħħu l-idea li pajjiżu hu ċkejken mhux biss fil-medda ta' l-art, iżda anki fis-setgħat fiżiċi u intellettwali tan-nies tiegħu.

Fi kliem ieħor, il-poplu tagħna kien qiegħed fi kriżi ta' identità nazzjonali. Dan ġara għaliex il-Maltin u l-Għawdxin ma baqgħux jikkultivaw u jużaw dak l-istrument li, fuq kollox u qabel kollox, seta' jagħżilhom minn ġnus oħra u jagħtihom sens ta' individwalità u indipendenza biex jiżviluppaw il-karattru tagħhom u jħaddmu l-fakultajiet fiżiċi u intellettwali li potenzjalment kellhom maħżuna ġo fihom bħala poplu werriet ta' ċiviltà bil-wisq antika u magħrufa.

Dan ifisser illi l-Maltin u l-Għawdxin kienu abbandunaw għal kollox l-ilsien tagħhom.

Mhux talli kienu abbandunawh, iżda bosta kien jisgħobbihom għaliex konna writna dan l-ilsien u mhux xi lsien ieħor barrani. Oħrajn, imbagħad, kienu jaslu, saħansitra, sabiex jiddisprezzawh. Il-kliem ta' żeblih ma kenux igħiduh lill-kittieba anzjani, iżda lilna, il-kittieba żgħażagħ, billi magħna kienu jitkellmu bil-kuraġġ u bil-kunfidenza. Mhux l-ewwel darba li jien u sħabi l-kittieba żgħażagħ kellna nħabbtu wiċċna ma' attakki qawwija minn ħutna l-Maltin biex niddefendu dak l-ilsien li, fl-aħħar mill-aħħar, kien tagħhom sewwa sew daqs kemm kien tagħna.

F'xi każijiet il-Malti kien oġġett ta' mistħija. Xi librara kienu, saħansitra, jistħu juru kotba miktuba bil-Malti fil-vetrini tal-ħwienet tagħhom. Kienu jaħsbu li ħaġa bħal din kienet tbaxxilhom il-grad tan-negozju u tagħmlu librerija tat-tieni klassi. Darba waħda ġieni l-kuraġġ immur nistaqsi, ċar u tond, lil sid ta' ħanut ir-raġuni għaliex ma kienx ħareġ għall-wiri fil-vetrina ċertu ktieb bil-Malti li kien għadu kemm ġie ppubblikat. Dan ma staħax jistqarr miegħi li ma kenitx drawwa tiegħu li jesponi fil-vetrina tal-ħanut kotba bil-Malti biex iżomm għoli kemm jista' jkun l-isem tan-negozju.

Li tikteb ittra bil-Malti, li tibgħat ċirkulari jew stedina bil-Malti kienet ikkunsidrata wkoll bħala azzjoni li ma tantx tixhed tajjeb dwar il-mentalità ta' min jagħmilha. Li tfaħħar lill-qaddisin bil-Malti kienet ħaġa li ma togħġobx lil dawk li kellhom f'idejhom l-organizzazzjoni tal-festi reliġjużi. Kull min kien jintalab biex jikteb innu ta' tifħir lil xi qaddis biex jiġi mmużikat u kantat kien ikollu jagħmel dan mhux b'ilsien il-poplu, iżda b'xi lsien ieħor barrani, avolja mbagħad dawk li kienu jkantawh lanqas biss kienu jkunu jafu x'ried igħid bil-versi tiegħu l-poeta.

Imma hekk kienet sejra d-dinja u wieħed kien ikollu jagħmel bħall-ieħor mingħajr ma jaf il-għaliex. L-istess ħaġa kienet tiġri għal dawk li huma skrizzjonijiet minquxa fil-ġebla jew fl-irħam. Dawn aktarx li kienu jkunu miktuba bil-Latin jew b'xi lsien ieħor barrani. M'għandniex xi ngħidu, biż-żmien, kienu jinqerdu, jitkissru u jintremew mingħajr ma l-poplu seta' qatt jasal biex jaqrahom, jifhimhom u hemm jirċievi l-messaġġ li riedu jwasslulu.

Din kienet il-qagħda kulturali fil-Gżejjer tagħna qabel it-tletinijiet. Imma fost dan id-dlam u fost dan il-waħx ta' ideat antikwati u preġudizzji kien hemm torċa tixgħel qawwi u tifrex ir-raġġi tagħha ma' kullimkien. Din it-torċa kienet l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti,

għalkemm, iktar tard biddlet isimha f'dak ta' "Akkademja tal-Malti". Id-dawl li kien jilma minn din l-organizzazzjoni letterarja kien ċanfira kontinwa lil dawk kollha li ma kinux jirrispettaw jew japprezzaw biżżejjed l-ilsien tal-Maltin. Kienet ċanfira akbar lil dawk li kellhom l-ardir li jiddisprezzawh u jżebilħuh.

L-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti kienet ta' eżempju kbir għall-Maltin kollha. Fiha kienet tiġbor u tħaddan l-aħjar imħuħ u l-aħjar nies letterati li kellha Malta dik il-ħabta. L-ismijiet tal-Kavallier Ġużè Muscat Azzopardi L.P., Monsinjur Dun Karm Psaila, Sir Temi Zammit M.D., Professur P.P. Saydon, Professur Patri Anastasio Cuschieri, is-Sur Ġanni Vassallo, is-Sur Ninu Cremona u oħrajn kienu ta' kalibru għoli wisq biex wieħed ma jagħtix kas tagħhom.

Dawn l-ismijiet biss, fihom infushom, kellhom qawwa li tipperswadi u tikkonvinċi lill-Maltin u lill-Għawdxin li l-ilsien tagħhom ma kienx xi ħaġa ta' min jistħi minnha imma, għall-kuntrarju, ta' min igħożżha u jiftaħar biha. Kellhom qawwa dawn l-ismijiet illi jnebbhu lill-Maltin illi l-ilsien tagħhom ma kienx xi ħaġa rħisa u ta' min jarmiha, għaliex kellu l-egħruq tiegħu f'ilsna antiki u sinjuri li ħarġu s-sehem tagħhom għall-avvanz kulturali, soċjali u ċivili tad-dinja. Kellhom qawwa li juru lil kulħadd li l-Malti kien lingwa li tista' tikber u tistagħna għaliex kellha ġo fiha ingredjenti vitali u progressivi li setgħu jagħtu, biż-żmien, il-frott siewi tagħhom. Kellhom qawwa, insomma, li tixhed fid-dieher illi l-Malti, meta jitħaddem minn idejn nies kolti u letterati, kapaċi jagħti xogħlijiet li ma jagħmlux għajb lil dawk li dehru fil-letteratura ta' ilsna barranin.

Il-mod kif il-membri ta' l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti kienu jfissru fil-kitba l-ideat u t-teorija tagħhom kien xhieda mill-aktar evidenti ta' dan kollu. L-Għaqda ma kellha l-ebda pubblikazzjoni uffiċjali għajr *Il-Malti*, rivista li, għalkemm ma kenitx toħroġ ta' spiss, kellha kelma għaqlija li tgħallem, iddawwal, twissi u ġġiegħel lill-qarrej jirrifletti. Għal dak iż-żmien hija kienet l-ogħla awtorità għall-mod kif kellu jinkiteb ilsienna kif ukoll għal dak kollu li, b'mod jew ieħor, kellu x'jaqsam mal-Malti.

L-editorjali, miktuba b'dehen fin u diplomazija, li kienu jidhru f'din ir-rivista letterarja kienu jinqraw b'interess minn kulħadd, anki mill-awtoritajiet, u kienu jingħataw dik l-importanza li tixirqilhom. Il-poeta Nazzjonali, Dun Karm, dam żmien editur ta' din ir-rivista. L-editorjali li kien jikteb il-poeta f'dan il-qari perjodiku għadhom jinqraw sal-ġurnata ta' llum b'sens ta' interess u ammirazzjoni. Fihom, mingħajr dubju ta' xejn, jinħass il-polz tal-qagħda edukattiva, soċjali u kulturali

ta' Malta ta' dik il-ħabta.

F'din ir-rivista *Il-Malti*, naturalment, kienu jidhru wkoll ix-xogħlijiet letteraji tal-membri tagħha. Dawn il-kontribuzzjonijiet kienu bħal mera ċara ta' kemm il-Malti jista' jirrendi u jagħti frott tajjeb meta jkun maħdum u miktub mhux minn dilettanti li qatt ma studjawh u interessaw ruħhom fih ħlief biex imaqdruh, iżda min-nies li taw lill-istudju tiegħu l-istess importanza li taw lill-istudju ta' ilsna barranin. Ta' min igħid ukoll illi, f'dan iż-żmien, il-membri ta' l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti ma llimitawx il-kitba tagħhom għal din ir-rivista biss, iżda bdew jiktbu wkoll fil-gazzetti, fil-perjodiċi u kull fejn isibu. Huma riedu juru l-potenzjal li kellu l-Malti bħala lingwa letterarja kif ukoll il-ħtieġa li kellu l-pajjiż li jiżviluppa għal skopijiet edukattivi u kulturali l-ilsien li bih jitħaddet il-poplu.

L-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti serviet ukoll ta' eżempju biex, f'dan iż-żmien diffiċli ta' taħbit u lotta kontinwa, jitwaqqfu għaqdiet oħra letterarji ħalli jħabirku għall-avvanz tal-Malti fi ħdan is-soċjetà Maltija. Hija kienet ta' ispirazzjoni biex żewġ studenti universitarji, li wara saru t-tabib Ġużè Bonnici u t-tabib Rużar Briffa, iwaqqfu huma wkoll fost l-istudenti ta' l-ogħla istituzzjoni kulturali li għandna Malta għaqda oħra tal-Malti taħt l-isem ta' Għaqda tal-Malti (Università). It-twaqqif ta' din l-għaqda tal-Malti f'ċentru kulturalment hekk importanti bħalma kienet l-università pperswada lil kulħadd illi s-siegħa tar-rebħa tal-Malti kienet fil-qrib u li żmien il-preġudizzji kien wasal biex jispiċċa darba għal dejjem.

Imnebbhin mill-eżempju tajjeb li kienet tagħti kontinwament l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti, għadd sabiħ ta' letterati Maltin u Għawdxin tħajru jwaqqfu għaqda oħra biex tħabrek għall-progress ta' lsien il-poplu, imma għaqda mhux essenzjalment akkademika, izda aktarx propagandistika u pubbliċitarja. Din l-għaqda li ħadet l-isem ta' "Xirka għat-Tixrid ta' l-Ilsien Malti" kellha l-għan ewlieni li xxerred fil-gazzetti lokali u barranin kif wkoll fuq il-mezzi tax-xandir ta' dak iż-żmien il-kawża ta' l-ilsien nazzjonali bħala mezz għall-avvanz soċjali, edukattiv u kulturali tal-poplu Malti. Ix-Xirka kienet taħseb ukoll biex, kultant żmien, torganizza laqgħat ta' natura kulturali għalkemm, kif rajna, l-iskop tagħha ewlieni kien dak propagandistiku. Jiena kont wieħed mill-promoturi ta' din ix-Xirka tant f'Malta kemm ukoll f'Għawdex u nista' nistqarr li wettqet tabilħaqq il-għan ewlieni li għalih kienet ġiet imwaqqfa tant f'Malta kemm ukoll ġewwa Għawdex.

Il-laqgħat tal-Kunsill ta' l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti kif ukoll il-

laqgħat ġenerali kienu jinżammu regolarment. Għadni niftakar b'liema ħeġġa u b'liema interess konna nattendu f'dak iż-żmien għal dawn il-laqgħat. Għadhom jidwu f'widnejja d-diskussjonijiet imqanqlin tal-membri waqt is-seduti kull meta kien ikun hemm xi kwistjoni li tolqot fil-laħam il-ħaj il-ġieh u l-unur ta' l-ilsien Malti bħal meta, ngħidu aħna, ma kienx jingħata dak il-post li kien jistħoqqlu fiċ-ċirkustanzi tal-ħajja soċjali, edukattiva u kulturali tagħna l-Maltin.

B'hekk ma rridx ngħid illi, kultant ma kienx ikun hemm nuqqas ta' qbil bejn il-membri. Kif inhu minn awl id-dinja għaqda ma tfissirx dejjem u bilfors unjoni jew unanimità. Iva, kien ikun hemm kwistjonijiet illi dwarhom mhux dejjem kulħadd kien jaqbel. Iżda dawn ma kinux ikunu kwistjonijiet bażiċi u fundamentali dwar it-twemmin tagħna fil-kawża ta' l-ilsien Malti. Iżda kienu jkunu aktarx kwistjonijiet sekondarji dwar il-mod kif kellna naffrontaw xi problemi karatteristiċi tas-sitwazzjoni tal-mument.

Dik il-ħabta l-qagħda tal-Gżejjer Maltin kienet ftit u xejn delikata. Xi membri mdorrijin jerfgħu piżijiet ta' responsabbiltà kienu b'seba' għajnejn biex l-"Għaqda" ma tagħmilx xi pass ħażin li sata' joħloq fuqha suspetti li qiegħda tindaħal b'xi mod fil-pulitka. Aħna l-membri żgħażagħ, xi drabi, konna nkunu nixtiequ li l-Għaqda turi iktar determinazzjoni fil-mod kif tirreaġixxi għal ċerti sitwazzjonijiet, tkun iktar iebsa fid-deċizjonijiet tagħha u tieħu miżuri iktar drastiċi. Iżda mbagħad, wara ftit tħambiq, konna nbaxxu rasna għall-fehma ta' dawk li kienu avvanzati iktar minna fl-età u konna noqogħdu għall-fehma tagħhom bħala nies ta' għaqal u esperjenza.

Diġà għedt illi l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti kienet tiltaqa' regolarment. Hawnhekk nista' nżid li baqgħet tiltaqa' regolarment anki fi żmien l-aħħar gwerra dinjija. Ngħidu aħna jiena qatt ma nasal biex ninsa dik il-laqgħa li kellna fis-7 ta' April 1942. Dak iż-żmien jiena kont ħallejt it-tagħlim fil-Liċeo t'Għawdex u kont mort Malta biex naħdem fid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni li kien twaqqaf fil-Belt Valletta. L-uffiċċju tagħna kien sewwa sew fl-ewwel sular tal-Berġa ta' l-Italja, fil-bidu ta' Triq Merkanti, biswit dik il-Berġa l-oħra li dak iż-żmien kienet użata bħala l-Uffiċċju tal-Posta. Malli spiċċajna mix-xogħol, għall-ħabta tal-ħamsa ta' wara nofs in-nhar il-membri kollha tal-Kunsill ta' l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti ltqajna taħt il-presidenza tat-tabib Ġużè Galea f'dik il-kamra li qabel kienet l-Uffiċċju tad-Direttur tal-Mużew, il-magħruf Sir Temi Zammit.

Is-seduta dak in-nhar kellha aġenda mżewqa u interessanti. Iżda, b'xorti ħażina, malli bdejna nitkellmu, dritt daqq is-sinjal ta' ħbit mill-

ajru. Mill-ħsejjes ta' l-ajruplani ta' l-għadu u mill-kotra ta' sparar tal-kanuni tagħna kien jidher ċar illi dak kien wieħed mill-aqwa rejds tal-gwerra u li kien l-iktar ikkonċentrat fuq il-Port il-Kbir u fuq il-Belt Valletta. Issospendejna s-seduta u nżilna dritt nieħdu kenn ġewwa x-xelter tal-Berġa ta' l-Italja li kien jaqsam Triq Merkanti u jibqa' sejjer sakemm jisbokka fix-xelter l-ieħor li kien hemm taħt il-Palazz tal-Posta.

Meta nżilna isfel sibna li x-xelter kien maħnuq bin-nies u l-atmosfera ta' hemm ġew kienet fgata għal kollox, tant illi wieħed bilkemm seta' jieħu nifs. Sadattant l-isparar tal-kanuni ta' kontra l-ajruplani msieħeb mat-tfaqqigħ tal-bombi li kien qiegħed jiżra' mill-ajru l-għadu f'dak il-ħbit beda jiżdied, jitqawwa u jiħrax aktar ma beda għaddej il-ħin. Ix-xeni mqanqla li kien hemm f'dawk il-mumenti ġewwa dak ix-xelter kienu tassew xeni li jaqsmulek qalbek u jbikkuk. Ma kontx tara ħlief ommijiet irossu ma' sidirhom lil uliedhom iż-żgħar, irġiel jiġru 'l hawn u 'l hinn biex jagħtu l-għajnuna lil dawk li kien ħasshom ħażin, kullimkien biża', biki u tnehid. Il-qagħda kompliet teħżien meta, sewwa sew ħdejn il-bieb tax-xelter, waqgħet bomba ta' l-għadu u l-gass qerrieda tagħha beda dieħel, mewġa mewġa, ġewwa x-xelter. B'xorti tajba, ftit wara daqq is-sinjal illi l-ajruplani ta' l-għadu kienu telqu mis-sema ta' Malta u li l-ħbit kien issa spiċċa. Jiena u sħabi l-membri tal-Kunsill ħriġna ħajjin b'miraklu minn dak ix-xelter.

Xi ħadd hawnhekk għandu mnejn jistaqsi għaliex f'din il-kitba jien għażilt li ndaħħal dan l-episodju tal-gwerra ta' meta ġie bbumbardjat it-Teatru Rjal. Semmejt dan kollu biex nuri bil-fatti illi l-Għaqda ma abbandunatx il-ħidma tagħha b'riżq l-ilsien Malti lanqas f'dawk il-ġranet kritiċi u perikulużi tat-Tieni Konflitt Mondjali. Hija baqgħet dejjem fidila għall-missjoni li għaliha kienet twaqqfet, sakemm wasslet l-ilsien tal-poplu fl-ogħla quċċata ta' l-unur u tal-glorja. L-Għaqda ġiebet rivoluzzjoni fl-ideat u qawmien letterarju li edukaw u ssensibbilizzaw il-kuxjenza tal-kotra. Tajjeb li wieħed isemmi dan kollu f'egħluq is-sebgħin sena ta' ħajjitha. Hija jixirqilha tabilħaqq monument, iżda monument ta' utilità prattika u funzjonali u mhux wieħed simboliku kif soltu jitwaqqfu f'okkażjonijiet bħal dawn.

Jixraq illi f'din l-okkażjoni ta' egħluq is-sebgħin sena tagħha, il-Gvern jirregala lill-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti, bħala sinjal ta' ħajr u apprezzament għal dak kollu li għamlet biex tgħolli u tmexxi 'l quddiem l-ilsien tal-poplu, dar deċenti u li tixirqilha fejn tkun tista' tagħmel il-laqgħat tagħha u fejn tkun tista' tilqa' lir-rappreżentanti

ta' movimenti letterarji barranin li, minn żmien għal żmien, iħossu l-bżonn li jiġu jżuruha.

Jixraq ukoll li l-Gvern u xi organizzazzjonijiet oħra li jistgħu jħallsu jikkontribwixxu kull sena, jew kull tant żmien, somma xierqa ta' flus biex biha l-Għaqda tkun tista' tkompli l-ħidma fejjieda tagħha fil-qasam edukattiv u letterarju ta' pajjiżna. Matul is-sebgħin sena ta' ħajjitha, l-Għaqda għenet bis-sħiħ biex il-Maltin, permezz ta' l-istudju ta' lsienhom, jiżviluppaw sens qawwi ta' identità nazzjonali u hekk għamlet lil Malta tassew Maltija.

# Ad Multos Annos!

*K. Vella Haber*

L-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti, illum magħrufa wkoll bħala l-Akkademja tal-Malti, għalqet sninha. Jiena, għalhekk, nifirħilha kif jifirħulha l-akkademiċi kollha u nifirħilha wisq iktar jien, membru anzjan li ġejt mistieden biex insawwar f'kitba l-fehmiet u t-tifkiriet tiegħi dwarha.

Għandi quddiemi l-famuż ritratt li juri min kienu l-membri ta' meta kont ġejt magħżul membru jien u x'ħin wieħed iħares lejn dak il-grupp ta' kapurjuni tal-Malti, jintebaħ malajr li ma fadalx minnhom ħlief l-aħħar tlieta! L-aħħar trijumvirat imlaqqa' tassew tajjeb magħmul minn Malti li huwa s-Sur Ġużè Chetcuti u minn żewġ Għawdxin is-Sur Ġorġ Pisani u jien!

Kont sirt Membru ta' l-Għaqda tal-Malti fis-seduta tas-7 ta' Lulju, 1942 kif jidher mid-diploma tiegħi, diploma li kienet ġiet mogħtija snin wara, mhux lili biss imma lill-membri l-oħra wkoll. Mingħalija meta sirt jien, kont l-iżgħar membru fl-età. Niftakar li kont kburi għall-aħħar talli għażluni membru ta' l-Għaqda tal-Malti u sa llum għadni ngħid li kelli raġun inkun kburi talli l-"Għaqda" laqgħetni bħala kittieb Malti fil-bidu tal-karriera tiegħi.

Kulmin jitħabat biex iwettaq xi ħaġa tajba jaqbel miegħi li kull organizzazzjoni tista' tkun tollerata, megħjuna jew ikkumbattuta, dejjem skond in-natura tagħha u ż-żmien li matulu topera.

Irrid mill-ewwel ngħid li, skond fehmti, l-Għaqda tal-Malti għaddiet mill-metamorfosi ta' dawn it-tliet stadji, imma kollox bil-maqlub, għaliex fil-bidu tagħha l-Għaqda kienet mhux biss imfixkla imma wkoll imżebilħa kif ukoll ikkumbattuta. Iktar tard, mas-snin bdiet tiġi tollerata minħabba li kienet tħasslet opinjoni pubblika favur il-Malti u fl-aħħar, . . . wara taqbidiet oħra, l-Għaqda tal-Malti kellha tiġi megħjuna. Din, jidhirli, kienet metamorfosi perfetta u għalhekk issa l-Għaqda, jew aħjar l-Akkademja tal-Malti għandha, u jew imissu jkollha, ġejjieni sabiħ quddiemha: sabiħ għaliha u sabiħ għal Malta Maltija.

Dan li qed ngħid, ma jfissirx li t-taqbida ntemmet. Fil-fehma tiegħi għandna pedistall bla statwa fuqu! Jekk tassew aħna Maltin, l-Akkademja m'għandhiex tkun pedistall bla statwa imma l-pedistall

għandu dejjem jitqies li bla vara ma jiswa xejn! Għalhekk beħsiebni nikkonkludi dil-kitba b'dak li, fil-fehma tiegħi, għandu jagħmel il-Ġens Malti fil-ġejjieni qarib biex itella' l-vara fuq il-pedistall tagħha li jixirqilha. Għalissa xtaqt nissokta b'dak li kelli f'moħħi.

Bla dubju, bħal kull ħaġa oħra patrijottika, l-"Għaqda" irnexxielha tagħmel bħal dik il-ħaxixa li mqar jekk tqaċċatha, xorta żżerra'. L-Għaqda tal-Malti żerrgħet u ż-żerriegħa li nisslet, fellset, sallbet u kibret f'xirkiet, għaqdiet u movimenti ġodda tal-Malti.

Hekk nibtet l-Għaqda tal-Malti (Università), . . . ix-Xirka għat-Tixrid ta' l-Ilsien Malti, il-Moviment tal-Malti, l-Għaqda Letterarja Maltija u oħrajn li lkoll kemm huma ħabirku biex jinkiseb l-istess skop ta' l-"Għaqda" oriġinali tal-Malti.

Biex nillustra l-mentalità ta' dak li ħteġilha tħabbat wiċċha miegħu l-Għaqda tal-Malti nsemmi inċident li ħadd ma semma xejn dwaru. Kien hemm diskursata fi ġnien, wara l-ħin tat-tè, . . . bejn Dr. Herbert Ganado u Mons. Pantalleresco. Dr. Ganado ġie mistoqsi x'kien jagħmel bil-*Leħen is-Sewwa,* (li tagħha kien l-Editur) li kieku kulħadd jibda jikteb bl-ortografija ta' l-"Għaqda". Dr. Herbert wieġeb li huwa, kieku, jagħmel l-istess ħaġa. Il-Mons., imma rribatta: "Hekk mhux sewwa. jeħtieġ li wieħed iżomm il-pożizzjoni tiegħu!" Dan qed ngħidu għalkemm illum it-tnejn li huma m'għadhomx magħna u għalkemm ukoll *de mortuis nihil nisi bonum* għaliex l-istorja hija ħaġa iktar sagrosanta minn hekk. Wieħed għalhekk malajr jista' jimmaġina kif kienet Malta, taparsi Maltija, ta' dak iż-żmien!

Issa rrid ngħid xi ħaġa fuq dawk li jiena nqis il-"frieħ" ta' l-Għaqda tal-Malti. Nibda bl-Għaqda tal-Malti - Università. Għadni niftakar meta kellhom ġlieda kbira għaliex l-awtoritajiet ta' l-Università ma ħallewhomx jużaw faċilitajiet u saħansitra l-istemma ta' l-Università. Kemm ġid għamel l-imfaħħar perjodiku *Leħen il-Malti?* . . . Jien u sieħbi Karmenu Vassallo konna niksbuh u naqrawh bil-moħbi ta' kulħadd meta konna l-kulleġġ flimkien u rrid ngħid li Karmenu u l-*Leħen il-Malti* kienu l-aħjar ħbieb li kelli dak iż-żmien. L-ewwel poeżija tiegħi ktibtha għall-ewwel tqarbina ta' ħija Martin u dehret f'*Leħen il-Malti* fil-ħarġa ta' Lulju - Awissu ħabta tas-sena 1934.

Ngħid kelma fuq ix-Xirka għat-Tixrid, kif konna nafuha. Din ukoll swiet ta' ħafna ġid. Jiena kont waqqaft, fin-Nadur, Għawdex, fergħa tagħha fi żmien il-gwerra fejn kont mort għal xi żmien u mexxejt dik il-fergħa jien. Fil-Kumitat kelli l-Prof. P.P.Tabone, illum mejjet, u n-nutar G. Cauchi ma' għadd ta' ħbieb oħra. Tant irnexxiet u tant ħadmet il-fergħa tan-Nadur li ġiet imfaħħra fir-rapport ġenerali tax-

Xirka f'Malta bħala l-fergħa li ħabirket l-iktar u li l-iktar irnexxiet. Ħafna, imqar fostna l-Membri ta' l-Għaqda, insew x'sar dak iż-żmien u rari ħafna tissemma xi ħaġa fuq hekk. Biżżejjed wieħed jifli *Il-Berqa* ta' dawk is-snin u wieħed malajr jintebaħ x'ħidma kbira twettqet favur il-Malti! Saħansitra appelli lill-Gvernatur kienet bagħtet ix-Xirka tan-Nadur, u l-akkademji letterarji li kienet torganizza għadhom jidhru kbar imqar illum. Dan qed ngħidu għaliex l-Għaqda ma tfissirx biss l-"Għaqda" proprja imma wkoll dak li tnissel jew dak li tkebbes mix-xrara li hija kebbset.

Xtaqt insemmi f'dan il-kuntest lil dik l-armata msejħa "Moviment tal-Malti". Bro. Amedy Charles Caruana, FSC., kien waqqaf Xirka tal-Malti għat-Tfal fl-1943, wara li kien mar apposta Għawdex biex jieħu sehem f'waħda mill-akkademji letterarji tax-Xirka għat-Tixrid fin-Nadur. Malli jien erġajt lura Malta, waqqaft fergħa tagħha fil-Ħamrun. Meta Br. Charles telaq lejn l-Ingilterra, ħallieni mmexxi jien, imma meta fittixt sibt li ma kien fadal ebda fergħa li tiffunzjona. Għalhekk insejt ix-Xirka għat-Tfal u sejjist u bnejt il-Moviment tal-Malti li kabbartu mbagħad tant li qsamtu f'sittax-il fergħa kemm għall-ġuvintur kif ukoll għat-tfajliet, imxerrdin ma' Malta f'ħafna bliet u rħula. L-għadd tal-membri kien elf u sitt mija! Dik kienet l-ewwel armata fis-sens sħiħ tal-kelma, l-ewwel Armata tal-Malti għax barra l-1600 membru kelli wkoll l-imbuttar tal-ġenituri tal-membri wkoll. Ħarġu mill-Moviment uħud fost l-aħjar kittieba li waqqfu għaqdiet oħra. Il-ġurnal *Il-Berqa* u *The Times of Malta* wkoll u xi gazzetti oħra sikwit kienu jippubblikaw il-ħidmiet spissi tal-Moviment. Ġie li kellna xandiriet letterarji fil-ġimgħa fuq ir-Rediffusion. Dan għedtu għax rari jissemma llum x'għamel il-Moviment tal-Malti u dak kien ukoll konsegwenza ta' l-Għaqda tal-Malti. Kont domt immexxih għal 'il fuq minn 25 sena.

Hawn xtaqt nagħmel xi kummenti qosra tat-tifkiriet tiegħi fuq xi wħud mill-persunaġġi li jidhru f'dak ir-ritratt famuż li issa sar storiku.

**Nikol Biancardi** kien ħabib kbir tiegħi. Kien iħobb jismagħni saħansitra kull nhar ta' Ħadd fix-xandira għall-bdiewa għalkemm ma kellux ġnien jew qasrija. Niftakru raġel fuq l-irġiel.

**Ġużè Buhagiar** kien jitmasħan malajr fejn jidħol il-Malti. Kien bniedem ta' fehmtu ħafna. Lili kien iġibni wisq minħabba li kont inħabrek ħafna għall-Malti.

**Rikard Mifsud Bonnici** niftakru bħala karattru ġwejjed u jagħmel

il-ħbieb malajr. Lil **Turu Vassallo** niftakru pulit, pulit, fuq ruħu, qabel telaq lejn Londra. U lil **J.F. Marks** niftakru qisu biss f'ħolma; ftit kelli kuntatti miegħu.

**Ġużè Bonnici**, it-tabib, kien jiġi minni. Kont nammirah ħafna għax għall-Malti kien jindaħal u jagħmel sa s-sagrifiċċji. Missieru kien Għawdxi min-Nadur. Meta ta' tfajjel, missieri kien iġibni Malta, kien jeħodni biex naraw lil "Pawlu tagħna", jiġifieri lil missier Ġużè Bonnici. Kienu jsejħulu Pawlu imma ma kienx jismu Pawlu; kellu l-ħwienet ħdejn it-Teatru Rjal, il-Belt.

**Ninu Cremona** Għawdxi ieħor mill-iprem. Kien ħabib tal-qalb. Ħdimna flimkien fl-'Agrikoltura' fit-taqsima tal-propaganda. Jien intervistajtu kemm-il darba meta binti Frances, - l-ewwel tfajla Maltija li kisbet il-B.A. (Hons.), fil-Malti, kienet qed tħejji t-teżi tagħha fuq il-ħidma ta' Ninu Cremona. Frances, għad għandha dawk l-intervisti fuq it-tejp.

**Tankredi Borg** raġel daqsiex, fil-Bibljoteka, il-Belt. Kien ippubblika enċiklopedija ta' xi ħdax-il volum. Kont xtrajtha kollha llegata mingħand xi ħadd, għal tliet liri!

**Geo. J. Ransley**, kien bin Ingliż. Ħija, Pietru Pawl, kien jaħdem miegħu f'Kastilja għal xi snin. Matul l-aħħar gwerra kien sar Kummissarju għal Għawdex u sirna ħobża u sikkina sakemm domt f'Għawdex. Stidinnieh in-Nadur u ġbidnieh għall-pjazza bil-ħbula! Tela' fuq palk ikellem lin-Nadurin. Qalilhom: "Tiġux għandi! Morru għand Vella Haber!" Dak iż-żmien kont qrib ħafna tal-Gvernatur! Kont nikseb ukoll ħafna 'pjaċiri' mill-Palazz.

**Patri Born** kien magħruf ħafna minħabba r-Rediffusion. Konna ħbieb u kkollaborajna għal għadd twil ta' snin minħabba l-programmi tiegħi. **Dr. Rużar Briffa** kien dejjem imħabbat minħabba l-professjoni tiegħu. Il-kitbiet tiegħu kont nogħxa naqrahom. Wàsalt għal **Franġisk Saver Caruana**, grammatku, raġel twil u bjond joqgħod il-Belt. Qatt ma kelli miegħu relazzjonijiet fil-qrib.

**Ivo Muscat Azzopardi** kont nikkorrispondi miegħu meta kien għadu Lixandra. Qabbadni ma' Karmen Mikallef Buħaġar u ma' Anton B. Said. Ivo kien ħabib mill-qrib u meta ġie Malta, ħtartu President Onorarju tal-Moviment tal-Malti. Kont ukoll immur għandu fi Triq Grenfell, S. Ġiljan. Kien ħajjarni nikteb triloġija Għawdxija u ktibt versi fuq ir-Ramla l-Ħamra, Ħondoq ir-Rummien u x-Xlendi. Dan meta kien għadu f'Lixandra.

**Dun Karm** kont iltqajt miegħu kemm-il darba imma ftit kelli kuntatti mill-qrib. Sieħbi, Karmenu Vassallo kien jiktiblu sikwit.

**Il-Prof. Galea** kien ħabib tiegħi mill-qrib. Ma kienx ikolli okkażjoni tal-familja li ma kienx jilqa' l-istedina tiegħi. Kont nirrispettah ħafna.

**Ġorġ Pisani** għadu mimli għomor u nixtieqlu għomor itwal. Għawdxi ieħor mill-iprem. Dejjem konna ħbieb għalkemm ftit niltaqgħu.

**Ġużè Chetcuti** huwa persunaġġ li nħossu qribi ħafna. Dejjem għożżejtu u dwaru ktibt tant profil kemm kitbiet oħra dwar il-*Melita Invicta*. Ġużè kiteb profil fuqi wkoll u għadni ngħożżu sa llum. Nixtieqlu għomor itwal.
Lil **E.B.Vella** ma niftakarx li ltqajt miegħu iktar minn xi darbtejn.

**Karmenu Vassallo,** sieħbi fis-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl għal xi seba' snin! Konna dejjem qrib ħafna. Saħansitra għand zitu Rożanna, fis-Siġġiewi kien jeħodni. Ktibt dwaru diversi drabi. Meta ħareġ *Nirien* kont iddefendejtu f'*Il-Berqa* f'artiklu twil, minħabba d-dell tal-Leopardiżmu. Meta Karmenu kiteb il-famuża "Żewġ Għidien", ... konna flimkien deħlin l-Imdina għall-festa ta' San Pawl ta' Jannar, u rajna l-karozza tieqaf u mwieżen minnha jinħareġ ġuvni twil bjond, ... il-ġmiel tiegħu, imma milqut mill-mard kiefer tas-sider! Jaqbdek il-biki tħares lejh!... Insemmi hawn li Mons. Depiro, lili kien ħelisni mill-mewt fl-aħħar waqtiet fl-isptar ta' Għawdex, fl-1929. Qatt ma ninsa u nibqa' dejjem niftakar f'dak il-qaddis!

Ħarsa lejn dak ir-ritratt storiku. Fadal biss jien, Ġorġ Pisani u Ġużè Chetcuti. Malti u żewġ Għawdxin. Trijumvirat.

Ħafna fostna saru magħrufin minħabba l-kotba ta' versi li ppubblikaw. Jien versi ktibt eluf imma ma xandartx ġabriet f'kotba. Il-Malti ma nqisux biss versi jew novelli u rumanzi imma wkoll Malti tekniku, – dan huwa iktar iebes għalina u meħtieġ ħafna wkoll. Jiena ktibt ħafna artikli ta' natura teknika. Fadal ħtieġa kbira f'dan il-qasam ta' kitba. It-tradizzjoni teknika hija ta' ħtieġa kbira wkoll. Din tipprovdi xogħol iebes ħafna.

Issa noqorbu lejn l-egħluq. L-Għaqda tal-Malti nibtet minn żerriegħa jisimha Malta! Nibtet biex iċċarrat l-għanqbut ta' l-imgħoddi u trodd lil Malta xi ħaġa mill-patrimonju mċaħħad tagħha. Issaqqiet minn patrijotti Maltin u Għawdxin li riedu jeħilsu lilhom infushom, u lil ġensna minn ħakma psikoloġika mill-barrani biex jifdu 'l-Malti u 'l-Maltin! It-taqbida kienet ħarxa u kiefra *Pugna erit gravis et anceps!*

Li kieku ma kinitx l-"Għaqda" tal-Malti u l-kurrent ta' xirkiet, għaqdiet u movimenti tal-Malti li ġabet warajha, . . . kieku Malta Maltija għadha sa llum Maltija biss fl-isem, *quoad nomen* u mhux ukoll *quoad rem!* L-Għaqda tal-Malti għalhekk, jixirqilha li Malta kollha tifraħ magħha u tfaħħarha għaliex dak li tnissel minn ħidmitha ta identità lill-ġens Malti.

Nagħlaq billi nħares lejn il-ġejjieni u ngħid x'nixtieq nara 'l quddiem.

Taqbdek għafsa ta' qalb tara, wara tant snin ta' taqbid u tbatija, li l-"Għaqda", dan l-aħħar, ħtiġilha tilmenta pubblikament li f'ċerti skejjel, il-Malti, għad mhux qed jiġi mogħti dak li jixraqlu! Ma rridux ninsew, qed ngħid jien, li qatt ma nkunu Maltin kompluti mingħajr il-Malti, imma nkunu biss biċċa minn xi ħaġa, jew agħar, inkunu biċċa minn xi ħaddieħor!

Nixtieq nara wkoll l-Għaqda tal-Malti, illum l-Akkademja, f'livell nazzjonali ogħla milli kienet sa llum.

Irrid b'qawwa li l-Gvernijiet ta' Malta, ikunu dawn sofor, ħodor u ta' liema lewn, jagħżlu huma, ma jinħlewx fil-'paroli' u fil-wegħdi. Il-'paroli' m'huma tajbin għal ħadd u l-wegħdi tajbin biss għall-qaddisin! L-Għaqda tal-Malti tiġi mogħtija s-saħħa u l-*istatus* ta' awtorità. Għandna diversi awtoritajiet f'Malta waqt li l-Għaqda tal-Malti għad m'hix awtorità nazzjonali fejn jidħol il-Malti. Dan m'hux sewwa f'lejlet is-seklu wieħed u għoxrin!, . . . u jagħmel għajb lill-ġens Malti kollu.

Għalhekk jeħtieġ li l-Għaqda u l-membri jew l-akkademiċi tagħha kollha jibdew jisħqu u jtanbru fuq din il-ħtieġa biex Malta, titmexxa minn min titmexxa, tagħraf il-ħtieġa ta' Awtorità tal-Malti u l-ħtieġa li dik l-Awtorità tkun f'idejn l-Akkademja tal-Malti. Irrid li l-Gvernijiet jissussidjaw kif jixraq lill-Akkademja tal-Malti biex din tkun tista' ssir istituzzjoni. Miljuni fuq miljuni ta' liri mħallsin mill-Maltin jintefqu fi ħtiġijiet oħra u minn dawk il-miljuni kollha l-Akkademja tal-Malti sa llum, baqgħet barra; baqgħet iltima u l-Malti għad ma ġiex u ma wasalx fejn trid l-Akkademja u fejn jeħtieġu ġensna. Il-periklu wkoll għadu dejjem hemm u t-taħsir jissokta jsir u s-suġġerimenti mhux dejjem jiġu milqugħa. Sa llum qegħdin naraw pedistall jiżżejjen bl-istatwa li tixraqlu.

Minn hawn, illum li wasalt għas-sebgħa u sebgħin sena tiegħi, u wara li ftakart fi sħabna li glorjożament ħallewna, insellem lil sħabi li fadal u lill-membri l-oħra kollha ta' l-Akkademja.

# Il-Ġejjieni ta' l-Ilsien Malti

*Val V. Barbara*

Fit-2 ta' Ottubru 1989 inqara għall-ewwel darba l-abbozz ta' liġi msejjaħ *Att biex isaħħaħ il-qagħda ta' l-Ilsien Malti u l-Identità Nazzjonali Maltija*. Fl-abbozz ma hemmx premessa li turi x'qanqal it-tfassil ta' din il-liġi. Jista' jkun li l-Gvern ra li l-ilsien Malti tilef minn saħħtu u jrid iroddhielu lura u jħarishielu biex għal li ġej jiflaħ jegħleb kull tfixkil. Żgur li l-Gvern hu sinċier u ġenwin fit-tħabrik tiegħu, imma allura għax ma jibdiex hu stess u jagħtina eżempju? B'konsistenza mal-prinċipji mfissra fl-abbozz, jagħmel ħaġa xierqa u ġusta jekk iħabrek għal bidla fil-Kostituzzjoni fis-sens li l-Malti waħdu jkun l-ilsien uffiċjali fil-qasam amministrattiv, ġudizzjarju u edukattiv. Xi ħtieġa indispensabbli hemm li Malta repubbblikana jkollha bħala uffiċjali wkoll ilsien barrani? Neħtieġu tassew relikwi tal-kolonjaliżmu? Mela għalhekk xi wħud, anki fost dawk li suppost jagħtuna eżempju, sikwit ixandru tagħrif u stedin bl-Ingliż biss u ħadd ma jista' jixlihom li qed jimxu kontra l-kostituzzjoni. Nammetti li xi drabi l-Ingliż jista' jkun soċjalment meħtieġ, imma nkunu nuru d-dinjità tagħna jekk it-tagħrif jew stedin nistampawh bil-Malti flimkien ma' traduzzjoni Ingliża.

Skond l-abbozz, il-Prim Ministru jaħtar Kunsill għall-Ħarsien ta' l-Ilsien Malti. Għax mhux il-Ministru ta' l-Edukazzjoni, jew għallinqas bil-parir tiegħu? U x'garanzija hemm li fil-Kunsill ikollna persuni kwalifikati, l-iżjed biex jaqdu d-dmirijiet imsemmijin fl-art. 4? Inħoss li din il-liġi, kif inhi mfassla, tħalli l-bibien miftuħa għal nuqqasijiet mhux mixtieqa.

Kollox ma' kollox, il-Malti mhux se jinqered kif ġieb u laħaq. Jekk ikun meħtieġ, ħa nissellfu kliem minn ilsna oħra, basta nagħrfu nsawruh skond ir-regoli grammatikali, eċċ. tal-Malti għax b'hekk Ilsienna jistagħna. L-iżball ikun jekk ninqdew ħażin bi kliem missellef u noħolqu tawtoloġiji u malapropiżmi taċ-ċajt li jgħarrqu l-Malti. L-agħar hu li xi wħud qed jinfluwenzaw il-poplu tagħna billi jbarru l-Malti u jitkellmu b'ilsna oħra fi djarhom u fis-soċjetà. X'jista' jsir biex inġagħluhom jistħu minnhom infushom talli huma hekk nieqsa mill-għożża lejn Ilsienhom u Art twelidhom? Daqshekk baxxejna l-valuri għolja tagħna? Mhux għajb u għarukaża għalina li kien hemm bżonn

liġi għall-ħarsien ta' l-Ilsien u l-Identità tagħna?

Bħala Malti fl-Awstralja, lili jinteressani ħafna l-art. 3 (5) ta' l-abozz dwar it-tagħlim tal-Malti lill-Maltin ta' barra. Hawn fl-Awstralja diġà ħadna daqqa papali bit-tneħħija tat-tagħlim tal-Malti mill-iskejjel statali ta' New South Wales u Victoria. Fi NSW għandna Għaqda Kulturali Maltija u programm Malti mir-radju etniku; l-istess f'Victoria; wegħduna programm televiżiv ta' darba fil-ġimgħa bil-Malti; hawn gazzetta Maltija li minn Sydney tilħaq il-Maltin fl-istati kollha; hawn ħafna Għaqdiet Maltin. Uħud, minn rajhom u bla ħlas, qegħdin igħallmu l-Malti f'xi skejjel wara l-ħin. F'xi libreriji muniċipali hemm taqsima b'kotba Maltin. U b'danakollu nafu li qed niġġieldu ġlieda mitlufa. Għaliex?

Frank Zammit, President tal-Għaqda Kulturali Maltija ta' NSW, kif ukoll Manwel Nicholas-Borg, ta' l-Għaqda Letterarja Maltija ta' Victoria, jiġbru t-tweġiba tagħhom f'dawn il-punti: it-tneħħija tat-tagħlim tal-Malti mill-iskejjel tal-Gvern; mexxejja ta' Għaqdiet Maltin iwarrbu l-Malti fil-laqgħat tagħhom; ħafna ġenituri ma jisħqux fuq uliedhom biex jitkellmu bil-Malti għallinqas fid-dar; it-tfal stess ma jinkeddux għall-identità Maltija tagħhom; l-egħluq ta' l-emigrazzjoni minn Malta. It-tnejn jaqblu li l-ilsien Malti fl-Awstralja ma għandux ħajja twila ħafna.

Ġorġ Chetcuti, editur letterarju tal-*Maltese Herald,* igħid li l-Komunità u l-Għaqdiet tagħna m'humiex jagħtu importanza lill-Ilsien Malti; jixtieq li l-Gvern Malti jagħmel kull ma jista' għall-kawża ta' Lsienna fl-Awstralja; jisgħobbih li sa llum baqa' bla tweġiba għat-talba tiegħu lill-Akkademja tal-Malti biex iwaqqaf fergħa tagħha hawnhekk; u jidhirlu li l-programmi Maltin tar-radju u l-istampa Maltija jmisshom jagħtu iżjed għajnuna għall-ħarsien tal-Malti fostna.

It-tabib Ġorġ Boffa, li fil-programm Malti bir-radju jxandar tagħrif fuq is-saħħa, igħid li, billi Malta u l-Awstralja xorbu mill-istess influwenza Ingliża, l-emigranti Maltin kienu f'qagħda aħjar minn oħrajn biex jassimilaw ruħhom; fil-biċċa l-kbira kienu bla skola u ma ħassewx il-ħtieġa li jżommu l-identità Maltija, anqas sabu min jagħmlilhom il-qalb biex jibżgħu għaliha. Issa wliedna nqatgħu minnha soċjalment, u ħafna mill-mexxejja tal-għaqdiet tagħna ma jfittxux li l-Ilsien Malti jinżamm ħaj fostna. Hawn firdiet partiġjani bejnietna li ma jħalluniex nitkellmu b'leħen wieħed qawwi għal skop wieħed. Il-mezzi Maltin tal-komunikazzjoni m'humiex igħinu biżżejjed għal dan l-iskop. Kollox juri li l-ġejjieni tal-Malti mhux sabiħ fl-Awstralja.

Fil-fehma tiegħi, il-ħtija hi waħda: l-egħluq ta' l-emigrazzjoni. Nagħmlu x'nagħmlu, ma nistgħux inserrħu rasna fuq uliedna, li disgħa u disgħin fil-mija minnhom ma juru ebda interess għall-Malti llum u wisq inqas se juru għada, meta jiżżewġu ma' Awstraljani u gruppi etniċi oħra. F'Awissu li għadda kellna fostna l-Prim Ministru Dr Eddie Fenech Adami; fissirnielu l-problemi tagħna u huwa tkellem mal-Gvernijiet lokali fuq diversi punti interessanti ħafna għall-komunità tagħna. Nittamaw li t-taħditiet tiegħu jkollhom frott tajjeb. Imma wisq nibża' li, meta aħna l-emigranti nispiċċaw, inħallu vojt li ma jimteliex, u l-ilsien Malti u l-Identità Maltija jispiċċaw magħna.

## Karmenu Vassallo u P. Anastasju Cuschieri, O. Carm.

***Hugh A. Mallia, O. Carm.***

Fil-ħarġa speċjali ta' *Il-Malti* (sena 64) iddedikata lill-poeta Karmenu Vassallo (p.19) id-direzzjoni tar-rivista ġabet in-nota li tidher fil-"Kelmtejn fuq l-Ittri" li Karmenu Vassallo kiteb bħala daħla għall-ktieb tiegħu *Għażiż Karmenu ...* (Pubblikazzjoni Gulf, 1981). Din in-nota tgħid li mal-poeziji miġbura ta' Cuschieri (ara: *Cuschieri: Il-Poeta tal-Madonna u tal-Kelma Maltija* (II Ediz. 1976), bi żball, ħarġet poeżija ta' Vassallo. Jekk wieħed jaqra sewwa n-noti ta' K. Vassallo, l-aktar dik li hemm f'paġna 142, jintebaħ li fil-fatt kienu tnejn u mhux waħda l-poeziji ta' Vassallo li dehru stampati bħala ta' Cuschieri.

Vassallo kellu ammirazzjoni kbira lejn il-Professur Cuschieri u kien iħobbu ħafna. Vassallo ma kien jinsa qatt lil min kien għamillu xi ġid xi darba u, għalkemm qatt ma qalli eżattament x'ġara, kien urieni biċ-ċar li, meta kien għadu fil-bidu tal-kitba tiegħu, il-Prof. Cuschieri kien laqgħu tajjeb u għamillu ħafna l-qalb biex jissokta jikteb.

L-aħħar darba li kelli x-xorti nkellem lill-poeta Karmenu Vassallo (dan iġib 'il bogħod!) kienet nhar il-25 t'Awissu 1983. Kien ilu jgħidli li mal-poeżiji ta' Cuschieri kienu dehru tnejn li kien kiteb hu, u għalhekk staqsejtu biex jgħidli eżatt liema kienu: donnu li qalbi kienet ħebritni li dik kienet l-aħħar okkażjoni li kelli nagħmel dan! Miskin, niftakar li kien qalli: "Isma', dan mhux qed ngħidulek għal xi ħaġa oħra ħlief biex ma nagħmilx tort lill-Profs. Dawk kienu żewġ poeżijiet

tiegħi tal-bidu u qatt ma stampajthom fl-ebda ġabra tal-poeżiji tiegħi u għalhekk ma rridx li l-Profs jeħel b'xi żelluma tiegħi ta' meta kont għadni prinċipjant ... fuq kollox waħda minnhom hija biss traduzzjoni. L-iżball tiegħi kien li, mingħajr ma kont naf, bdejt jiena wkoll ninqeda bi tliet stilel minflok ismi bħalma wara sibt li kien iħobb jagħmel il-Prof. Cuschieri.

Il-poeżija l-oħra ta' Vassallo hija dik li nsibu f'paġna 78 tat-tieni edizzjoni tal-ġabra ta' Cuschieri u li ġġib l-isem ta' "Talba". Hawn ħa nagħti l-poeżija kollha kif tidher fil-ġabra ta' Cuschieri:

Talba

Alla ħanin, li sserraħ
Il-moħħ w il-qalb għajjiena,
F'dal-ħin li nħossni waħdi...
Mifluġ... lejK nersaq jiena.

B'imħabbtek qalbi ħeġġeġ,
U l-bruda minnha tajjar,
Sawwarni bl-hena safi
Li jagħni 'l-bniedem fqajjar.

Dawwalni b'għaqlek u għerfek,
Tad-dnub mis-sibi eħlisni;
Qawwini b'kobor Ħnientek;
Fil-lejl tal-waħx wennisni.

Int taf li ħajti msejkna
Sejra kull jum bħax-xemgħa,
Bin-nar, bħas-silġ bix-xmejxa,
Li jdub fil-għajn bid-demgħa.

Serraħni ftit mit-toqol
Li tajn din l-art bewwisni,
Neżżagħni t'haw' mill-frugħa;
Tal-grazzja l-ġmiel libbisni.

Lir-ruħ li fiK tittama
Kull faraġ, sliema w ġid,
Għin fis, Mulejja, w agħmel,
Li tirbaħ kull għafrid.

(Dehret f' *Il-Messaġġier tal-Qalb ta' Ġesù,* sena 1932 p.149)

Din hija t-tielet poeżija li dehret fil-ġabra ta' Cuschieri li, wara kollox,

ma kenitx tiegħu (ara: paġna mhux numerata wara l-frontispizju, fit-tieni edizzjoni tal-Ġabra ta' Cuschieri). Għad irid isir studju aktar serju ta' l-istilistika ta' Cuschieri, b'mod speċjali l-użu għani tal-vokali li bihom kien iħobb jimla l-versi tiegħu biex jagħmilhom aktar ħelwin fil-widna. Iż-żagħżugħ Mangion, Alla jagħtih mitt ġenna, kien se jaqbad din it-triq meta ħalliena ħesrem u ħadd s'issa għadu ma daħal għal dan ix-xogħol. Waħda mill-indikazzjonijiet li setgħet tgħin lill-kompilaturi tal-ġabra biex jintebħu li l-poeżija li semmejt hawn fuq ma kenitx ta' Cuschieri huwa l-użu ta' l-ittri kbar 'K' u 'U' meta dawn, bħala pronom mehmuż, jirreferu għal Alla. Darbtejn biss Cuschieri għamel dan fil-kitba tiegħu: fil-poeżija "Lil Sidtna Marija" (p.10), u f'dik li żgur hija tiegħu, "Nagħtuk Qalbna, nagħtuk Ruħna" (p. 75); iżda Cuschieri ma kienx konsistenti daqs kemm kien Vassallo f'dan l-użu.

Wieħed kien jistenna li ġabra postuma ta' kittieb kellha ssir b'apparat wisq aktar kritiku fejn jiġu ndikati l-poeżiji li l-awtur ippubblika huwa stess u dawk li ħalla għad-dlam fil-kexxun (ħaġa li saret fit-tieni edizzjoni): biss jonqsu l-indikazzjonijiet ta' meta Cuschieri ppubblika l-kitba tiegħu f'aktar minn post wieħed u, wisq aktar, liema huma l-varjanti fl-oriġinali li ħalla warajh. Hemm korrezzjonijiet li għamlu l-kompilaturi tal-ġabra, għaliex ħassew li kellhom jagħmluhom, mingħajr ma jagħtu l-indikazzjoni li għamlu dan u għalhekk, min jaqra biss il-ġabra li ħarġu huma, ma jistax ikun jaf jekk dak li hemm miktub huwiex ta' Cuschieri jew xi korrezzjoni ta' dawk li ġabruha. Nittama li xi ħadd jidħol għal dan l-istudju għaliex Cuschieri jistħoqqlu li jkun studjat aktar fil-fond.

*Nota:* Hugh A. Mallia hu patri Karmelitan u bħalissa qiegħed l-Irlanda.

# Għanja Lejlija ta' Ragħaj jiġġerra fl-Asja

*"Che fai, luna, in ciel..."**

***Giacomo Leopardi***

Qamar, x'int tagħmel hemm fl-għoli tas-sema?
Hemm fuq, x'int tagħmel sieket?
Narak tiela' fl-għaxija
U timraħ tmur fix-xagħri mbagħ'd hemm tinżel.
Kos! Qisek qatt ma tegħja
Elf darba tofroq l-istess triq ta' qabel!
Ma tiddejjaqx x'ħin inti tħares ġwejjed
Lejn il-widien u l-iġbla.
Qed ngħid, din ħajtek tixbah
'Il dik li r-r'għaj iqatta'!
Hu mat-tbexbix ibakkar
Biex lejn mergħat isuq il-merħla tiegħu.
Imbagħ'd, għajjien, fid-dlam mistrieħu jfittex.
Għidli, Ħabibi Qmajjar,
Lir-r'għaj x'tiswielu l-ħajja?
U l-ħajja x'tiswa lilek? Għidli, fejn jasal
Dan it-thewdin kbir tiegħi?
U l-ġirja ġwejda tiegħek?
Xwejjaħ marradi u sfajjar,
Nofsu għarwien u jilheġ,
Taħt it-tagħbija jogħtor, qalb agħdajjar,
Widien, għoljiet u tlajja',
Fuq ġebel aħrax, wieqaf, wiċċu sfajjar;
B'riħ qawwi jonfoħ fuqu u s-sema jkarwat;
Jew x'ħin fil-ksieħ u x-xita,
U waqt is-silġ ifaqqa',
Igħaġġel, bla nifs, jixxengel,
Jiżloq, iqum u jħabrek,
Mingħajr waqfien iterraq;
Imqatta', id-demm iċarċar,
Sa ma mifluġ hemm jasal

N.B. L-ewwel parti (I) hi l-poeżija li kiteb Leopardi, minsuġa pessimiżmu, il-karatteristika ta' dan il-poeta, maqluba għall-Malti. It-tieni parti (II) hi tweġiba għal dak li kiteb Leopardi, imma mnebbha b'ottimiżmu u b'sens Nisrani. It-traduzzjoni u l-poeżija huma xogħol ta' Bro. M. Buttiġieġ fsc.

Fejn moħbi jsib fi triqtu mrar il-ħajja:
Għammieq bla qiegħ, fih jogħdos ħalli jinsa.

Qamar fiddien, dil-ġrajja;
Għal bniedem hekk hi l-ħajja.
Sabiex imut jitwieled;
Jista' jkun mewt saħansitra twelidu.
Uġigħ iġarrab, jibki
Mill-ewwel ħin; u f'dak il-bidu bikri
L-omm u l-missier jiftiehmu
Kif ifarrġuh, għaliex ġabuh fil-ħajja.
U malli jibda jikber
Dlonk bla serħan igħinuh, il-waħda u l-ieħor,
Sabiex bi kliem w egħmejjel,
Il-qalb jagħmlulu msejkna,
Ħalli jtaffulu ftit għax huwa bniedem;
M'hemmx dmir aħjar li jistgħu
Jaqdu ma' min f'ħidmet l-imħabba welldu.
Lix-xemx għax tagħtihulha?
Għaliex iżżomm fil-ħajja
Lil min imbagħad imħabba fiha tfarrġu?
Jekk gwaj għalina l-ħajja
Għaliex titwal il-ġrajja?
Qamar Ħabib, qed tifhem?
Tal-bniedem hekk hi l-qagħda.
Imm' int mhux bħali msawwar.
U ma naħsibx li tifhem xi tħoss qalbi.
Għarib, fis-skiet arak tiġġerra waħdek;
M'int qatt ħosbien. Waqtiet nistħajlek tifhem
X'ikun li aħna ngħixu;
Li aħna wkoll immutu;
X'inhu t-tibdil aħħari
Ta' kulma għandu l-ħajja
W imbagħad fl-art jinqered; jew mal-bqija
Fix-xejn tintemm l-imħabba, l-ħbiberija?
Iva, naf żgur li tifhem
L-għaliex tal-ħwejjeġ kollha.
Int tafu l-ġid tal-għodwa u tal-għaxija,
Taż-żmien il-mixja bla waqfien u siekta.
Hux inti taf għal liema mħabba ħelwa
Titbissem ir-rebbiegħa;
Għal min is-sħana tiswa
U l-bard u s-silġ tax-xitwa.
Int taf elf ħaġa w tikxef elf ħaġ' oħra

Li għall-imsejken r'għaj jibqgħu mostura.
Sikwit, x'ħin naħseb fuqek,
Sieket, narak f'dik il-wita xagħrija
Li tmiss is-sema b'firxitha ramlija;
Jew xi daqqiet nistħajlek
Mal-merħla u miegħi timxi ħinek kollu;
U x'ħin nitgħaxxaq bil-kwiekeb fis-sema
Ħosbien nistaqsi 'l qalbi:
Għalfejn dal-ħafna msiebaħ?
Jew, x'tiswa l-firxa bla tarf, kaħlanija?
L-għammieq bla qiegħ? U l-baħħ bla qies x'isarraf?
U, jien, għalfejn? X'qed nagħmel?
Ma' ruħi hekk nitkellem: minn kamarti
Hekk wiesgħa w għanja żejjed,
U mill-familja kbira tiegħi, x'nieħu?
Ukoll, mill-ħidma bla heda, mill-ġiri
Ta' dawk il-ħwejjeġ sbieħ li fl-art, fis-sema,
Dejjem sejrin u bla mistrieħ f'ġirjithom
Biex jerġgħu lura minn fejn kienu telqu;
Ma nilmaħx siwi fihom
Jew l-iċken ġid. Tabilħaqq, Żagħżugħ Qmajjar,
Int dejjem ħaj u żgur li taf sew kollox.
Dan nobsru jien, u nħossu
Minn tidwirietek sħiħa,
Minn dgħufijet din ħajti:
Ħa jkun ħaddieħor hieni
Jew għani. Gwaj jaħasra għalija l-ħajja!
O Merħla tiegħi, int tistrieħ imbierka.
Jekk qatt ħassejt ġo fik niket jew dwejjaq
Tifhem x'inġarrab fija.
Kemm ngħir għalik, ja Merħla!
Mhux biss għax inti tidher
Dejjem bla ħsieb u ħielsa,
Jew għax malajr int tinsa
T-taħbit, l-inkwiet u l-biża' sħiħ tal-ħajja;
Ukoll, għax għomma inti qatt ma ġġarrab.
X'ħin int tistrieħ għad-dell fuq firxa ħdura
Kemm tidher hienja u ġwejda!
Għaliex, x'ħin jien fuq il-ħaxix nintasab
Għad-dell, ifiġġu dlonk f'moħħi
Dwejjaq li jkidd u dritt tniggiżni xewka
Hekk li fl-istess mistrieħ fil-ħin inħossni
Mill-kenn u s-sliem nitbiegħed?
Aktar x'nixtieq? X'jonqosni?

Jien dmugħ s'hawnhekk m'għandix għalfejn inxerred.
X'jista' jhennik ftit nobsru
Jew kemm, Ħabiba, hi x-xorti kbira tiegħek!
U jien wisq ftit nithenna!
Mhux għal dan biss ingerger, Merħla tiegħi.
Kont nistaqsik li kieku taf tweġibni;
Għaliex x'ħin fl-art tintasab,
Ma tagħmel xejn, titmattar,
Hienja tistrieħ il-bhima?
U jekk nimtedd, id-dwejjaq dlonk jifnuni?
Min jaf li kelli l-ġwienaħ
U 'l fuq mis-sħab nittajjar
U ngħodd bil-mod il-kwiekeb waħda waħda,
Niġġerra 'l hawn u 'l hinn ħafif daqs berqa,
Kontx inkun aktar hieni, Merħla tiegħi?
Kontx inkun hieni, ja Qmajjar fiddieni?
Jew, jien mis-sew nitbiegħed
Meta fuq xorti l-bniedem jistrieħ ħsiebi:
Taħt kull għamla jew qagħda,
Ġo l-għar jew ġol-benniena,
Jum it-twelid ta' ħasra għal min jitwieled.

14 ta' Lulju 1969 — Herouville, Franza

II

U rajt il-qamar fiddieni jitbissem
Ibexxaq fommu biex fis-skiet jitkellem:
"Bniedem Ħabib," hu qalli,
"Għaliex ittaqqal moħħok?
Iblah, għax tnikket qalbek?
Għaliex, għid, tgħir għall-bqija?
Għaliex int tgħir għalija?
Ħdejk x'jien? Sultan int fil-ħolqien, u fuqu!
Jien ma narakx! Jien ċappa dlam; mhux bħalek. (+)
Il-jum li x-xemx ma tislifnix dawlitha
Ma taranix; sbuħiti fis tintilef,
Bħal blanzun warda wara li jkun nixef.
Imbagħad, f'iljieli twal ngħix qisni agħma
Li ma jarax ħlief dalma.

(+) Il-qamar m'għandux dawl minnu nnifsu. Id-dawl tal-qamar m'hux ħlief id-dawl tax-xemx jiddi fuqu li wara jasal fuqna.

Int le. Min għamel lili għamlek isbaħ.
Sid il-ħolqien fik naqax sebħ xbihetu.
U kos! Waqtiet jien naħseb:
Jekk jien sabiħ, u naf, int isbaħ minni,
Kemm hu wisq isbaħ Dak li sbieħ għamilna!
Għax bħalu taf u tifhem, trid. Mhux bħali.
Int tħobb u l-kobor tagħraf ta' madwarek.
Int b'ħila mogħni twettaq ġid u s-sewwa;
Imżejjen b'ruħ li taħseb
U taf li tgħix għal dejjem
Għerf il-bnedmin u ġmiel ħolqien id-dinja
Jistgħu bil-ferħ u l-hena
Igħaxxqulek ir-ruħ tiegħek.
Ġà tista' tħoss il-hena
Sa ma tingħaqad sħiħ f'għaqda ta' mħabba
Ma' Min f'imħabbtu lejk ried jagħmlek bħalu.
U ferħek ħelu, safi, jibqa' għal dejjem.
Dan żgur iseħħ jekk f'għaqlek
Int tagħraf tmexxi l-ġifen tar-ruħ tiegħek
Fost mewġ u blat u skolji,
F'taqlib is-sema u l-baħar,
F'irwiefen kbar u f'ħalel,
Sa ma fil-kenn ta' ħdan Min ħabbek tasal.
Minn dan jien xejn. Jien qisni rħama kiesħa,
Sabiħa 'mma bla ħajja;
Sbuħiti ma nafx biha.
Inqum fil-ħin u ninżel;
Biex ġmiel ta' dawli nferrex
Fuq artkom sejra torqod
U qajla tagħtu kasi.

–Għalkemm minn snin 'il hawn ġejtu żżuruni:–
Interraq dejjem waħdi,
Eluf w eluf ta' drabi
Fis-skiet froqt l-istess medda:
Bla ma jien ħajti nbiddel
Sakemm Dak li sawwarni
Jerġa' fix-xejn jitfagħni.
U x'ħin intemm kull dmiri
Tintemm il-ħtieġa tiegħi.
Mhux bħalek. Għax int tibqa'
Waqt f'baħħ jien ngħib għal kollox.
Giacomo, tgħirx. Xortik m'hemmx ogħla minnha.
Jekk tul il-ħajja tbati

Tgergirx. Int b'hekk tkun biss iżżid it-toqol.
U ħalli l-ħsieb ifarrġek
Li wara l-għadd ta' jiemek
Fil-hena tmur għal dejjem.
Int sultan kbir. Fuq l-art int sieħeb Alla:
Int miegħU toħloq b'moħħok, ġismek w idek.
Agħraf kobortok! U qis dan ġiehek kbir
Ma twaqqgħux baxx, bħall-bhima,
Fil-għajb tat-tajn u l-ħama.
Ir-r'għaj fil-ħajja tiegħu,
F'ebusijiet ħidmietu,
Isib fin-niket l-hena,
B'tama li tqawwi 'l qalbu
Ta' jiem aħjar, jiem isbaħ.
Il-merħla għażiża tiegħu
Thennilu l-jiem ta' ħajtu
Bil-ferħ timlielu 'l ruħu:
Ma jridx band' oħra jfittex hena oħla.
Għalih, uliedu: d-dinja b'kulma fiha.
Taf il-għaliex? Għax jaf jgħix b'dak li għandu.
U b'li m'għandux, bis-sabar jikkuntenta.
Li kieku l-bniedem jagħraf l-għatx irażżan:
Il-għatx li jikseb iżjed;
Il-għatx li jrekken dejjem:
Id-dudu li jgerrimlu bil-mod qalbu.
Ma jintebahx bin-nassa li jkun daħal
Jew f'liema jasar waqa'.
Waqt li jistinka jaqta' għatx xewqatu,
Ikun iqanqal fih għatx xewqat ġodda.
Imbierek min jaf jgħix b'dak biss li għandu!
Nitħassrek. Giacomo, għax int ridt tixrob,
Ridt minn ċkunitek tibla'
Il-baħar t'għerf id-dinja;
U l-veru għerf m'għaraftx kif tista' tiksbu.
Filwaqt li r-r'għaj, bla kotba w qajla jaqra,
Tgħallem kif hieni jgħix fil-qagħda tiegħu.
X'jiswielek, għid, li bikri għarraqt saħħtek
Biex xrobt, u skirt, b'kitbiet l-għorrief t'Atene
Jew bil-kittieba kbar tal-belt ta' Ruma?
Għalfejn int shart l-iljieli,
Ngħalaqt dak il-ħin twil fi dlam kamartek?
F'dinja oħra qalbek għexet
U qisha ntebqet għall-imħabba bnina.
Int li tkixxift w għarbilt il-għerf tal-bniedem

Missek taf aħjar minni
Is-sebħ, il-ġmiel u l-kobor
Ta' Min ħalaqna u l-għerf kbir ta' ħidmietu!
Ir-r'għaj dan malajr għarfu.
Le, mhux f'kitbiet il-bniedem,
Iżda fil-Ktieb li naqxet,
Bi lwien, xbihat, mill-isbaħ,
Id il-Ħallieq fid-dinja, u fil-ħajja.
Għax tisħet, Giacomo, t-tbatija u l-għomor?
Sa wsalt biex tmaqdar, tkasbar jum twelidek.
Nagħdrek. Hekk għamel Ġobb li kull gwaj ġarrab:
Tilef 'l uliedu, il-bhejjem u l-ġid kollu;
Min f'saħħtu safa mwarrab għal fuq miżbla
Minn ħbiebu wkoll minn martu.
Wara li bħalek seħet jum twelidu[1]
U xtaq li miet fil-ġuf ta' mħabbet ommu,
Sabiex fit-trab jintesa
Mas-slaten kbar ta' qablu;
'mma f'ruħu żamm is-sabar
U t-tama fi twemmin il-Ħallieq tiegħu,
Għax miegħU kien sa jmur jitħenna għal dejjem.[2]
Iblah! Insejt li hekk minn awl id-dinja
Miktub kien dejjem li kull ġid u hena
Jitnisslu jew jitwieldu fit-tbatija:
Il-qamħa fl-art titnawwar qabel tnibbet[3]
Biex wara trodd is-sbula b'qamħ bil-mija.
Qabel 'l uliedha twelled l-omm trid tbati;
Wara, l-ferħ tagħha jisboq kull tbatija[4]
U qalbha tfur bil-hena
X'ħin tilmaħ lilha nfisha,
Bħal meta tħares f'mera,
Demm demmha u laħamha,
Fil-ħlejqa l-ġdida tagħha
Fid-dinja tiehu mkienha.
Hi tifraħ meta għajjiena ttemm ħajjitha
Għax qdiet 'il dmirha sewwa:

(1) Ara *Ktieb ta' Ġobb*: III: 13 u X: 18.
(2) *Ġobb XIX*: 26 u 27.
(3) *Ġwann XII:* 24.
(4) *Ġwann XVI:* 21.

Isimha jgħix warajha
U fil-Ħallieq issib mistrieħ bla biża'.
Jum it-twelid , għad li f'x'uħud inissel
Xi bikja, mewt, tbatija,
Aktarx lill-kotra jagħti
Xi hena, ġid, tgawdija.
U jiena nżid mal-bqija:
Taħt kull għamla jew qagħda,
Ġo l-għar jew fil-benniena,
Hieni jum it-twelid għal min jitwieled!
Jum aktar hieni għal min tah il-ħajja!

Siena, l-Italja
1 ta' Awissu, 1971

Gżira, Malta
25 ta' Jannar 1991

***Brother Michael Buttigieg fsc.***

# Tifkira ta' Żewġ Assedji

Taħdita li saret f'Għawdex, nhar it-8 ta' Settembru, 1990

*Joe Zammit Ciantar*

Onorevoli Ministru, Ħuti Għawdxin,

Inġbarna hawnhekk illum biex niċċelebraw Jum Nazzjonali, Festa Nazzjonali; il-jum huwa t-8 ta' Settembru; il-festa hija l-Vitorja – ir-Rebħa – festa nazzjonali.

Għax illum, il-Maltin u l-Għawdxin, bħala poplu ningħaqdu u niċċelebraw flimkien festa waħda, l-istess festa. U dan l-istess poplu - li jaf jaħseb, jaf jaħdem, jaf ibati, jaf iħenn; jaf ikun qalbu tajba imma m'hux ġwejjef, jaf jilqa' lil kulħadd imma m'hux lest iħalli lil min jabbuża bih, jaf jirrispetta lil min imexxih imma m'hux lest iħalli lil min ikasbru - illum qiegħed jiċċelebra wkoll il-festa tat-twelid ta' Marija Bambina.

Jiġifieri f'dan il-jum, il-poplu Malti qiegħed qabel xejn juri li għandu rispett lejn l-imgħoddi, qiegħed juri li jaf ikun ċivili u jagħti s-sehem tiegħu f'komunità li qiegħda tiffesteġġja, u anki jekk forsi mhux dejjem konxju - jaf jaġixxi, jaf iġib ruħu bħala poplu b'identità tiegħu, poplu li filwaqt li jaċċetta li hu żgħir fid-daqs, hu kburi li hu Malti u jaf jirrispetta u jistenna li jkun rispettat u stmat bħala Malti. Jiġifieri wkoll, li dan il-poplu, għalkemm ħafna drabi jaljena ruħu, jinsa u jwarrab id-dîn tiegħu, huwa konxju li t-twemmin tiegħu huwa fis-Sema, jaf li r-refuġju tiegħu jsibu fis-Sema, jaf li t-tama tiegħu qiegħda fis-Sema u jaf li l-aħħar serħan u mistrieħ tiegħu huma biss fis-Sema.

★ ★ ★

Jiena nemmen illi kieku kellna nieqfu naħsbu u niddiskutu biss dwar dawn l-aspetti tal-festa ta' llum nieħdu s-sigħat, u kulħadd, skond is-somma ta' l-esperjenzi tiegħu, isib xi jgħid biex japprezza din il-festa u juri li tassew tistħoqq il-ġieħ ta' waħda nazzjonali.

Ma jiniex biħsiebni ntawwal f'dan id-diskors tiegħi ta' llum. Qabel xejn ingħatajt biss ftit minuti għal dan id-diskors. Imma fuq kollox irrid nirrispetta l-programm u lilkom, Onorevoli Ministru u ħuti Għawdxin, billi ma nabbużax mill-paċenzja u l-attenzjoni tagħkom. U allura nillimita l-ftit ħin li għandi għal ħsibijiet żgħar dwar dawn l-aspetti tal-festa nazzjonali tat-8 ta' Settembru.

Mis-sena l-oħra, it-8 ta' Settembru saret waħda mill-Festi Nazzjonali

b'riżoluzzjoni mgħoddija mill-Parlament Malti, b'approvazzjoni unanima, għalina l-Maltin.

Settembru jfakkarna f'diversi ġrajjiet; imma din id-data tfakkarna l-aktar f'żewġ rebħiet kbar; tfakkarna fir-rebħa ta' dak li baqa' jissemma l-Assedju l-Kbir ta' l-1565 - assedju li fih il-Maltin missirijietna tqatlu spalla ma' spalla mal-kavallieri ta' San Ġwann biex rebħu fuq it-Torok li dik il-ħabta kienu theddida għall-paċi u l-Kristjaneżmu fl-Ewropa u tfakkarna wkoll fir-rebħa ta' l-aħħar gwerra dinjija (1939 - 45), meta l-Maltin missirijietna ġġieldu spalla ma' spalla ma' l-Ingliżi kontra l-faxxiżmu u n-nażiżmu li kienu qegħdin jieħdu d-dimensjoni ta' theddida kbira għad-demokrazija fl-Ewropa.

Fl-annali ta' l-istorja tagħna, l-Assedju l-Kbir jeħodna lura b'425 sena. U għalhekk iridu jkunu l-kotba li fis-snin tarija ta' ħajjitna fl-iskola jlaqqgħuna ma' dawn iż-żminijiet mgħoddija, u, naturalment wara għarfien xieraq, ikattru fina apprezzament tal-ġrajjiet imdemma li xhieda tagħhom biss huma l-korazzi tal-ġellieda li nsibu fil-mużewijiet tagħna u t-torrijiet u s-swar li għadhom jindokraw lil xtutna u jdawru l-bliet ewlenin tagħna.

Ħafna u ħafna huma l-kittieba Maltin u barranin li kitbu dwar l-Assedju l-Kbir ta' l-1565. U bosta huma l-poeti Maltin, mejtin u ħajjin, li kitbu dwar u faħħru l-qlubija tal-Maltin missirijietna, dejjem b'sens ta' apprezzament għall-imgħoddi, dejjem b'sens ta' qima lejn Malta tagħhom u tagħna, dejjem b'sens ta' dmir li jħossu li għandhom ikattru fil-Maltin ta' żmienhom kuxjenza ta' identità. U għalhekk huwa għajb għal min ma jafx ġrajjet pajjiżu, u huwa għajb għal min ma jiħux interess igħallem l-istorja.

Fit-taħdita li kien għamel għat-Tifkira ta' l-Assedju l-Kbir (biss) fl-1933, f'Għawdex, il-Professur Ġużè Aquilina kien qal:

> "*. . . illum sejħitilna n-Nazzjon, għaliex timliena bl-ispirtu nadif tal-kobor tagħna, b'patrijottiżmu sinċier u sħiħ, li jerfagħna bl-imħabba lejn pajjiżna mingħajr ma jbellahna billi jġagħlna noboghdu pajjiżi oħra, jew ninfexxu fit-tmaqdir tagħhom. Bi ħsara kbira, hu patrijottiżmu bħal dan, tbaqbiq ta' rjus maħkumin mid-deni, li f'dawn iż-żminijiet (1933) qed iressaq iċ-ċiviltà ta' l-Ewropa lejn qabarha, hu patrijottiżmu ta' din l-għamla li qed irewwaħ il-ġamar ta' gwerra li llum jew għada għad tista' tiknes u tħarbat id-dinja kollha u triegħex lil Dak il-Bniedem-Alla li ppriedka lill-ġnus il-għaqda ta' bejn l-aħwa mad-dinja kollha, il-ħbiberija internazzjonali.*"

Sitt snin biss wara dan id-diskors, faqqgħet il-gwerra mbassra. Kienet gwerra kiefra. Kienet gwerra li ġabet magħha qirda li qatt stajna noħolmu bħalha qabel. Kienet gwerra li dewqitna t-togħma qarsa tal-ħerba tal-bomba atomika. Kienet gwerra li suppost għallmitna xi jġib il-ġlied bejn il-popli, xi jsarrfu n-nuqqas ta' ftehim u l-firda bejn il-popli. Kienet gwerra li suppost tgħallimna xi frott tagħti l-kilba għall-poter u kemm hija perikoluża s-setgħa f'idejn min huwa despotiku u m'għandux rispett lejn il-persuna umana.

Kien preċiżament il-jum it-8 ta' Settembru 1943. Kienu diġà ntilfu ħafna u ħafna ħajjiet ta' Maltin fil-gwerra li kienet ġà ilha sejra għal ftit aktar minn tliet snin. Fil-gżejjer tagħna, il-Maltin u l-Għawdxin kienu qegħdin jiċċelebraw il-festa tat-twelid ta' Marija Verġni; il-Bambina.

Fl-Isla, il-poplu nġabar f'purċissjoni ta' talb u qima. Ċelebrant ewlieni kien Mons. Manwel Galea, l-Isqof Awżiljari ta' Malta. Fost in-nies kien hemm ukoll l-Ammirall Mackenzie u l-mara tiegħu. Il-baned *Beland* (taż-Żejtun), *Maria Mater Gratiae* (ta' Ħaż-Żabbar) u *De Paule* (ta' Raħal Ġdid) kienu qegħdin idoqqu marċijiet huma u għaddejjin bl-istatwa ta' Marija Bambina, f'toroq imnaddfa apposta u miksija fjuri kif konna niksu fi tfulitna minn fejn tgħaddi l-purċissjoni ta' *Corpus Christi*. F'daqqa waħda, minn fuq *loudspeaker* ta' vapur fil-Marina nstema' leħen jagħti l-aħbar li l-Italja ċediet. Aktar tard, fil-kappella ta' San Filippu, l-Arċipriet ta' l-Isla, il-Kanonku Emmanwel Brincat tela' fuq il-pulptu u qara lin-nies in-nota li kien għaddielu l-istess Ammirall Mackenzie:

> *"The admiral superintendent would like you to know that the Italian Armed Forces have surrendered unconditionally today and he feels that it is a great tribute to Malta that this has taken place on the occasion of Our Lady of Victories."*

Għal Malta u l-Maltin il-gwerra kienet spiċċat. Għal Malta u l-Maltin kienet seħħet rebħa fuq assedju ieħor. Għal Malta u l-Maltin il-Madonna kienet reġgħet tat is-sehem tagħha u għenet fir-rebħa fuq l-għadu.

Għal uħud minna hawn preżenti, it-tifkira ta' din ir-rebħa hija esperjenza li ġarrbu fl-ewwel persuna; hija esperjenza li ġarrbu mill-qrib bit-tensjoni, bil-biża', bit-tbatija, bit-taqtigħ il-qalb, bil-biki, bit-tama fit-talb, u bil-ferħ u r-radd ta' ħajr lil Alla u 'l Marija Bambina. Għal oħrajn kienet rebħa fuq il-mewt - rebħa li fissret ħajja.

Għaż-żgħażagħ ta' llum ir-rebħa hija ġrajja li dwarha qraw u raw u għadhom jaraw films li jippruvaw iżommu għal dejjem quddiem

għajnejna l-kruha tal-gwerra u l-biża' ta' l-olokawst li żgur iġġib magħha gwerra oħra.

Għalkemm għar-rebħa fuq it-Torok ma nafux mill-qrib x'ġarrbu l-Maltin missirijietna, nistgħu nobsru billi nqabblu ma' dak li ġarrbu wħud minna hawnhekk preżenti u l-ġenituri tagħna fit-tieni Gwerra Dinjija. U jekk il-Forzi Armati Ingliżi kellhom bi ħtieġa bżonn l-għajnuna tal-Maltin u l-Għawdxin għall-kisba tar-rebħa fl-aħħar gwerra dinjija, nistgħu nobsru kemm kellhom bżonn ukoll ta' l-għajnuna tal-Maltin, il-kavallieri ta' l-Ordni ta' San Ġwann, fl-Assedju l-Kbir, meta dawn kienu ilhom biss hawn fostna ftit snin. U jekk ir-rebħa fuq it-Torok ma ġietx biss għall-kavallieri u l-Ewropa imma ġiet ukoll għall-Maltin, hekk ukoll ir-rebħa tal-Forzi Alleati fuq il-faxxiżmu u naziżmu ġiet ukoll għalina l-Maltin.

Għax fl-għaqda hemm is-saħħa. U fl-istorja mqallba tal-poplu Malti tagħna jidhru ħafna l-għaqda u s-saħħa tal-Maltin.

Kienet l-għaqda fost in-nies ta' żmien il-preistorja li wasslet għall-bini tat-tempji - l-eqdem fid-dinja tagħna - tempji li għadhom sa llum isaħħru lilna u lil min jiġi jżurna, tempji xhieda ta' għaqda, ftehim, saħħa u fuq kollox ta' twemmin li mhux kollox jispiċċa mal-mewt. Kienet l-għaqda ta' missirijietna Maltin li tat l-għajnuna u laqgħet fostna lil San Pawl, lil San Luqa u n-nies li kellhom magħhom fin-nawfraġju. Kienet ir-rieda annuna li wasslet lill-Maltin missirijietna jgħinu fit-tkeċċija ta' l-aħħar Għarab minn fostna u jaċċettaw bil-ferħa l-ħakkiema ġodda Ewropej. U kienet l-għaqda wkoll fost il-Maltin missirijietna li wasslet li fi żmien ta' prova jeħduha kontra l-ħakkiema barranin u li jagħtu saħansitra ġidhom għall-fidwa ta' Malta stess minn taħt Monroj.

Meta ngħaqdu, il-Maltin missirijietna rnexxielhom jeħduha kontra s-saħħa tal-Franċiżi. Is-saħħa u l-għaqda fil-fehma fost il-Maltin wasslu l-ewwel għall-kisba tas-Self Government fl-1921, imbagħad għall-Indipendenza fl-1964 u għas-sedqa ta' pajjiżna f'Repubblika fl-1974. Kienet ukoll l-għaqda fostna l-Maltin u Għawdxin li biha stajna nagħtu waħda mill-isbaħ merħbiet li qatt kellu s-suċċessur ta' Pietru, il-Papa Ġwanni Pawlu II fostna, ftit xhur ilu. U trid u għad tkun ukoll din l-għaqda bejnietna - għaqda mingħajr ix-xkiel ta' l-għamad tal-passjoni li għada pitgħada twassal biex inkunu l-poplu Malti, b'identità Maltija, poplu fost iż-żgħar, fi ħdan il-Komunità tal-Ġnus Ewropej.

F'din l-għaqda biss nuru li aħna nazzjon. F'din l-għaqda biss nuru li aħna poplu matur.

Kull wieħed minna għandu l-fehmiet tiegħu. Imma bħala poplu Malti aħna poplu wieħed; aħna Maltin qabel ma aħna Nazzjonalisti jew Laburisti. U bħala poplu Malti aħna ma' kulħadd u kontra ħadd. Għax weħidna nitkissru wieħed wieħed u waħda waħda; imma flimkien naslu fejn irridu.

Jekk il-ġrajjiet li qegħdin infakkru llum igħallmuna ħafna, igħallmuna żgur li kontra t-theddid ta' l-egoiżmu - hi liema hi s-sura li jieħu dan l-egoiżmu u huwa ġej minn fejn ġej l-egoiżmu, - aħna l-Maltin u l-Għawdxin, minn qaddisna, għandna ħabta ninsew x'jifridna u x'jagħmilna raħli, belti u l-bqija, u nsibu kif ningħaqdu f'poplu Malti matur, li jaf ifittex il-ġid għalih u għal pajjiżu. U f'din il-maturità aħna nidhru fuq kollox li aħna nsara.

Dawn huma ftit mill-ħsibijiet li jqanqal fina dan il-Jum Nazzjonali tat-8 ta' Settembru li qegħdin niċċelebraw illum.

*Nota editorjali:* Tkun ħaġa xierqa li bħalma jsir bit-taħditiet li jsiru f'Malta, it-taħdita li ssir f'Għawdex għal din il-festa, tkun mitbugħa wkoll.

# Vassalli – It-Tnissil Ta' Kuxjenza Nazzjonali Maltija

*Oliver Friggieri*

Il-mistoqsija li aktarx ma jistax jaħrab minnha kull min jistħarreġ xi aspett jew ieħor tal-kultura Maltija hi din: minkejja li l-gżira hi art qadima bi ġrajja magħrufa qadima, minn meta 'l hawn nistgħu ngħidu li l-Maltin kisbu kuxjenza komunitarja waħda li tressaqhom lejn il-kwalifika ta' nazzjon mifhum fis-sens modern? Minħabba l-limiti ġeografiċi, numeriċi u politiċi, Malta ftit li xejn setgħet tikseb dan is-sens mingħajr l-imbuttatura ta' mentalità miġjuba minn artijiet li sawrulha l-identità mħallta tagħha ta' gżira mediterranea. Jekk is-sens ta' nazzjonalità ma kellux għalfejn jitbiddel f'kuxjenza attiva fil-każ ta' artijiet kbar li kellhom, ftit jew wisq, il-ħakma fuqhom infushom, fil-każ ta' art ċkejkna merħija f'idejn il-barranin, dan is-sens jew ma kienx jinħass il-bżonn tiegħu (jekk kien jeżisti), jew jekk kien jeżisti, kien ħaġa waħda mal-preżenza kulturali u politika barranija. Tant hu minnu li għal żmien twil dak li tqies Malti hu, bil-kriterji differenti ta' llum u għal-lum, barrani jew importat. Għal żmienu, jekk ma rridux inneżżgħu lil Malta ta' missirijietna l-qodma minn kull ħjiel ta' ruħ ħajja, dak għandu jitqies bħala wirt lokali, hu liema hu n-nisel tiegħu.

## Ir-Romantiċiżmu – għarfien tar-ruħ tal-poplu

Għal sekli sħaħ eżistiet id-distinzjoni bejn kultura għolja u kultura baxxa, kultura mirquma u kultura popolari. Herder innifsu saħaq fuq l-għażla fundamentali bejn il-*kunstpoesie* (il-poeżija ta' l-arti) u n-*naturpoesie* (il-poeżija tan-natura). L-ewwel waħda hi l-prodott iffurmat tajjeb tal-kultura u tar-riflessjoni matura, waqt li t-tieni waħda hi l-leħen intimu u spontanju tal-qalb. Fil-kwadru Malti, l-għażla hi, ftit jew wisq, dik li hemm bejn it-Taljan (miktub minn klassi edukata) u l-Malti (mitħaddet minn kotra mhux edukata). Il-poplu kien wieħed, iżda l-espressjonijiet tnejn. Ir-Romantiċiżmu ried iseddaq l-importanza ewlenija ta' kulma hu popolari, u jekk jista' jkun, jintegra miegħu dak li hu kolt fis-sens dejjaq. Dan hu li ġara fl-epoka tar-Romantiċiżmu: id-distanza bejn iż-żewġ estremi bdiet tingħeleb, il-kriterji tbiddlu, u wasal il-waqt tal-kixfa ta' l-identità tal-wirt indiġenu, mhux stmat tal-poplu. Hawn jidħol Mikiel Anton Vassalli (1764-1829),

Malti aġġornat fix-xejriet Ewropej ta' żmienu, konxju għall-aħħar ta' Malta bħala parti minn kontinent u mhux bħala blata maqtugħa għaliha. B'dan il-mod hu l-ewwel pjanifikatur tal-programm li kellu jseħħ aktar tard: l-integrazzjoni taż-żewġ mezzi ta' espressjoni (kultura għanja Taljana u kultura popolari Maltija) biex jingħata bidu għall-ħolqien ta' kultura li, waqt li tibqa' l-espressjoni tal-komunità kollha, ittella' fil-wiċċ l-aspetti mwarrbin, u awtentiċi, tal-kotra popolari. Hu l-waqt storiku meta l-esperjenzi kbar ta' l-Illuminiżmu u tar-Romantiċiżmu (imġarrba b'riħet il-preżenza kulturali Taljana fil-gżira) setgħu jwasslu għat-tiġdid mitlub mill-mentalità Ewropea l-ġdida.

Bil-mod il-mod ir-Romantiċiżmu, li beda jieħu sura għalih minn madwar nofs is-seklu tmintax sakemm immatura fis-seklu dsatax, beda jintroduċi viżjoni ġdida, radikali, tal-ħajja. Għal sekli sħaħ il-qima ta' l-Ewropej moderni lejn il-Greċja u lejn Ruma tal-qedem biddlu l-kultura f'devozzjoni rassenjata li timita u ma tfittixx it-trawwim ta' persunalità nazzjonali. Dan wassal, b'mod u b'ieħor, għall-għaqda Ewropea fuq il-livell kulturali. Għar-romantiku, għall-kuntrarju, l-individwalità – tal-bniedem bħala xi ħadd u bħala ċittadin – saret il-qofol. Mill-programm ta' tixrid kulturali mfassal mill-Illuministi, ir-Romantiċiżmu ħa t-tajjeb li hemm fil-prinċipju tad-demokratizzazzjoni tal-kultura, sakemm it-twemmin fil-poplu sar reliġjon u l-ideal tal-ħelsien tbiddel fi pjan ta' fidwa għan-nazzjonijiet mhux-ħielsa. Kollox beda jdur madwar il-kunċett ta' patrija, u twieled in-nazzjonaliżmu, bħala teorija u bħala prassi.

Bis-saħħa tal-preżenza kulturali Taljana f'Malta, li għal sekli sħaħ tqieset bħala l-kultura tal-gżira u trawmet fi ħdanha l-ħidma tal-Maltin f'bosta oqsma (l-arti, il-letteratura, l-arkitettura, l-ilsien uffiċjali u kulturali, bosta drawwiet soċjali u oħrajn), dan is-sens ta' fidi fin-nazzjon daħal f'Malta wkoll. Fil-viżjoni ta' Mazzini dan kellu jinġabar f'żewġ emblemi: *Dio e il Popolo*. M'hemmx poplu mingħajr Alla u m'hemmx tifsira ta' Alla mingħajr poplu; l-astratt kellu jsir konkret, u dan jagħraf ruħu fl-astratt. Fi żmien ir-Risorġiment Taljan, li l-gżira ħadet sehem sħiħ u ħaj fih (bejn wieħed u ieħor bejn l-1804 u l-1860), dan is-sentiment kiber sakemm wassal għal żewġ kisbiet importanti: (i) il-bidu organizzat tal-ħidma direttament politika tal-Maltin bħala Maltin, immexxija mill-kawża ta' emanċipazzjoni kostituzzjonali; (ii) l-għarfien ta' l-ilsien Malti, bħala l-espressjoni tal-poplu, u t-tiswir ta' letteratura bil-Malti skond l-istess xejriet ta' kontenut u ta' forma tal-letteratura tradizzjonali tal-gżira miktuba bit-Taljan, u issa aġġornata skond valuri ġodda. Il-punt tar-riferiment il-ġdid fil-każ ta' din it-tieni

kisba kien id-dħul ta' viżjoni ġdida tal-ħajja, li ddur madwar ir-reliġjon tal-patrija. Għalhekk il-wirt tradizzjonali u l-wirt modern – ir-Romantiċiżmu – tħalltu flimkien biex illum nistgħu nħarsu lejn il-ġrajja letterarja Maltija bħala mogħdija waħda mill-wirt rinaxximentali, neo-klassiku, għall-wirt romantiku. Mill-viżjoni tal-bniedem bħala bniedem, il-kultura setgħet tgħaddi għall-viżjoni tal-bniedem bħala ċittadin li, skond Mazzini, għandu l-jedd ta' patrija u d-dmir li jaħdem għaliha.

**L-identità storika ta' Vassalli**

Il-ħabbâr ta' din il-kuxjenza radikali, li maż-żmien tbiddlet f'moviment ta' nazzjonaliżmu fuq il-pjan politiku u fuq il-pjan kulturali (l-aktar letterarju), hu Vassalli. Jiġi fil-bidu tal-mixja twila li għamlet Malta matul perijodu mqalleb u ħaj, żmien ta' għarfien ta' individwalità territorjali, mibnija fuq fehmiet sodi ta' storja, kultura u pjanifikazzjoni politika ribelli. Meta wieħed jifhem li n-nazzjonaliżmu romantiku, l-aktar f'art bħall-Italja, xandar b'importanza kbira l-għarfien u l-użu tal-lingwa nazzjonali bħala għodda siewja ta' għaqda popolari, wieħed jifhem minnufih għala Vassalli, skond ix-xejriet ta' żmienu, saħaq daqshekk fuq il-ħtieġa ta' l-iżvilupp tal-Malti u lemaħ fih valuri li jmorru ħafna lil hinn mill-konsiderazzjonijiet lingwistiċi ta' llum. Min-naħa l-oħra, jekk lingwa kienet tfisser nazzjon, kif għallmu bosta ħassieba u kittieba romantiċi, l-għarfien tal-lingwa ma jibqax esperjenza maqtugħa għaliha weħidha ta' studjuż, iżda jinfetaħ u jieħu wkoll xejriet politiċi diretti. (Tant hu minnu li l-kwistjoni tal-lingwa bejn il-Maltin u l-Ingliżi kellha mhux biss tkun punt ċentrali iżda tissarraf fi ġlieda bejn id-dinjità u l-impożizzjoni; l-istorja turi li, għal għadd ta' raġunijiet, kien għadu kmieni li l-Maltin jidhru quddiem l-Ingliżi b'lingwa li kien għad ma kellha ebda dinjità kulturali, bħalma kien il-Malti).

Ir-Romantiċiżmu hu storiċista; fuq is-sisien ta' l-imgħoddi ried jibni l-fidwa tal-preżent. U l-ilsien Malti, meqjus bħala monument ta' qedem, kif isejjaħlu Vassalli, seta' jitbiddel f'emblema ta' għaqda fil-preżent u fi standard ta' kburija storika. Iżda l-kuxjenza popolari ma kinitx imhejjija għal dan. Il-Malti kien għadu nieqes minn letteratura deċenti, u l-ilsien kien għad jonqsu saħansitra ortografija normalizzata. L-istħarriġ lingwistiku ta' Vassalli, għalhekk, hu sforz serju u qalbieni ta' taħriġ fil-fiduċja tan-nazzjon. Fil-fatt, Vassalli jitkellem sa mill-1796 dwar il-Malti bħala lsien nazzjonali daqskemm jitkellem dwar Malta bħala nazzjon. Il-kitba kotrana tiegħu bit-Taljan

dwar il-Malti turi, fl-istess ħin, is-sintesi aġġornata għal żmienu bejn ilsien ta' kultura (it-Taljan) u lsien popolari (il-Malti). Dawn l-isforzi xjentifiċi huma l-bidu tal-ħidma twila li kellha twassal biex l-ilsien jingħata għarfien uffiċjali, jasal li jikseb il-post ta' lsien kulturali ewlieni tal-ġemgħa Maltija kollha u jitbiddel f'għodda mirquma ta' letteratura tajba. Fl-istess mogħdija jidħlu l-figuri ewlenin li ġew warajh u li raw il-ħtieġa tal-kontinwità fl-evoluzzjoni kulturali (u għalhekk anki politika) tal-gżira. Minn Ġan Anton Vassallo (1817-1868) sa Ġużè Muscat Azzopardi (1853-1927) sa Dun Karm (1871-1961) sa Ninu Cremona (1880-1972) u l-oħrajn kollha li bnew il-letteratura bil-Malti fuq is-sisien tal-preżenza bikrija tagħhom fil-letteratura lokali bit-Taljan, hemm mixja twila waħda li waslet għall-adultezza moderna mingħajr ma setgħet tiċħad it-tfulija storika.

Bħall-erwieħ romantiċi kollha, Vassalli ntebaħ li l-aqwa dawl ta' pajjiż jinsab fil-kultura tiegħu. Hu għallem li ma hemmx mixja politika mingħajr mixja kulturali, u l-iżjed lingwistika u letterarja. Dan ukoll hu wirt illuministiku u romantiku, żewġ kulturi li integraw b'saħħa kbira lill-kelma u l-arti tagħha fil-kumpless tal-ħajja ċivili u politika. Minħabba li l-kuxjenza kulturali trid tiġi qabel, bħala mezz, hu żvolġa dan il-programm ta' tixrid ta' fehmiet dwar il-lingwa u l-kultura tagħha. Maż-żmien, il-kittieba Maltin, imnebbhin mill-iżvolġiment politiku, żvolġew huma wkoll letteratura li tat sehem ta' fejda kbira fit-tiswir ta' viżjoni tal-patrija. Għall-ewwel darba l-kittieba skoprew il-bixra storika vera tal-gżira billi kantaw il-ġrajja, il-pajsaġġ, id-drawwiet, it-tbatijiet u l-ideali mgħoddija u preżenti ta' poplu f'qagħda kolonjali. Sa mill-1783 Vassalli ħaseb f'din id-direzzjoni wkoll, meta beda jiġbor għajdut u qwiel tal-poplu biex minnhom joħroġ il-karattru tal-komunità. F'*Motti, aforismi e proverbii maltesi* (Malta, 1828), Vassalli fittex li jinterpreta l-identità popolari skond kif il-kotra taħseb u mbagħad tirrifletti bil-għaqal f'sentenzi li jintirtu minn nisel għal ieħor u li jiġbru fihom l-għerf tal-poplu li ma jinqediex bil-kelma miktuba. Minn tradizzjoni mitħaddta huwa qiegħed ifittex li jgħaddi lil Malta għal tradizzjoni miktuba; hu programm ta' rikostruzzjoni u salvataġġ ta' wirt qadim u mwarrab li l-istudjuż se jagħtih id-dinjità li kien kiseb diġà f'artijiet oħrajn fejn l-ideoloġija romantika kienet wasslet diġà għal dan l-għarfien ġdid taż-żminijiet imgħoddija. Bis-saħħa ta' għanjiet, qwiel u espressjonijiet popolari tipiċi oħra, ir-Romantiċiżmu tella' fil-wiċċ il-wirt tradizzjonali li l-kultura mirquma ta' qabel, l-aktar fid-dell tar-Rinaxximent, ma tatux attenzjoni u valur.

Hi dejjem kuxjenza waħda li tmexxi lil Vassalli fil-kitbiet tiegħu, hi l-kuxjenza ta' intellettwali li jagħraf in-nisel tiegħu fil-kultura popolari waqt li jgħarbilha fid-dawl tal-kultura mirquma ġdida li issa bdiet ittella' fil-wiċċ għad-dawl tad-dinjità dak kollu li għal żmien twil tħalla fil-qiegħ, għad-dlam ta' l-għajb. Il-każ ta' Malta jistieden għallinqas żewġ riflessjonijiet: (a) il-qagħda tal-kultura Maltija kienet dik li kienet għaliex anki f'artijiet kbar il-kultura popolari kienet imħollija tikber weħidha, imbiegħda mill-kultura mirquma, jew aħjar mill-arti ta' siwi estetiku magħruf; (b) il-kultura Maltija kienet il-kultura ta' kolonja li kellha tgħix fid-dell ta' kultura kontinentali għolja u meqjuma. Għalhekk Malta kellha l-problema "żejda" ta' bilingwiżmu li kien jissarraf ukoll f'duwaliżmu kulturali: il-kultura ta' nisel Taljan jew Taljana kienet għolja, waqt li l-kultura Maltija, imfissra bil-Malti minn min ma kienx jaf ilsna oħra, kienet meqjusa bħala inferjuri jew nieqsa mis-siwi u mid-dinjità. Vassalli, bis-saħħa tal-fehmiet aġġornati li kiseb minn barra, jintroduċi l-medjazzjoni ġdida bejn iż-żewġ naħiet imbiegħda tal-kwadru kollu. Dan hu l-qofol tal-ħsieb tiegħu mfisser fl-1796,[1] għad li hi dejjem mentalità waħda li sserrep fix-xogħlijiet l-oħra tiegħu.

Bil-kejl tal-ġrajja Maltija, Vassalli jista' jitqies bħala l-ħolqa li tagħlaq l-epoka l-qadima u tiftaħ l-epoka l-ġdida. Minn warajh 'il quddiem il-pass tal-mixja Maltija lejn kuxjenza nazzjonali beda jitqawwa b'ritmu konsistenti, il-fiduċja li żera' Vassalli ssoktat tikber sakemm ħadet l-għamliet organizzati li nafu bihom fuq il-livell tal-ħidma politika u fuq il-livell ta' kitba bil-Malti b'argument Malti wkoll.

**Il-bniedem**

Il-persunalità kumplessa ta' Vassalli tgħaqqad flimkien, f'nisġa individwali waħda, lil bniedem li ħaseb ma' bniedem li ħadem. Hi ħidma kemm intellettwali u kemm fiżika, li tbiddel lill-ħajja tiegħu f'mixja mgħaġġla waħda lejn xi għamla ta' għarfien, kemm persunali u kemm nazzjonali. Ir-ritmu li jikkaratterizza lil ħajtu mqanqla huwa mnissel minn xewqa li kibret miegħu biex iċaqlaq u jbiddel il-qagħda

1 Il-fehmiet ewlenin ta' Vassalli li juruħ bħala ħassieb u studjuż li jara rabta sħiħa bejn l-iżvilupp ta' l-edukazzjoni bil-Malti u l-iżvilupp politiku tan-nazzjon jinsabu f'"Discorso Preliminare", *Ktieb il-Kliem Malti*, Roma, A. Fulgonio, 1796, pp. VII-XLIII.

li trabba fiha fil-pajjiż. Il-ħsieb tiegħu, bil-qisien Maltin ta' żmienu, huwa radikali għal kollox, u dan kien ifisser li ma setax jiftiehem minnufih jew minn bosta. Il-bidla li jipproponi tmiss lill-istrutturi, waqt li l-fehmiet li jintroduċi jitolbu għarfien mill-kotra, li kienet għadha mhux biss sajma minnhom iżda saħansitra sajma mill-mezzi li bihom setgħet tasal biex issir taf bihom.

Madankollu, l-azzjoni ta' Vassalli tiftiehem minnufih jekk titqiegħed fi ħdan il-kwadru kontinentali. Miftuħ għall-għerf, mogħni bl-għarfien tal-Latin u tat-Taljan, midħla tad-dinja ta' barra, Vassalli jieħu sehem sħiħ u ħaj fil-kuxjenza moderna tas-sekli tmintax u dsatax, waqt li jilmaħ il-ħtieġa u l-possibbiltà li din il-kuxjenza tixtered f'Malta wkoll. Kien għad jonqos kemm il-kuxjenza kif ukoll l-istrumenti meħtieġa biex dik il-kuxjenza tingħaraf. Kien iżjed iebes l-ideal tiegħu li jara lil din il-kuxjenza, jekk tasal biex tingħaraf, titħaddan kemm mill-istrutturi u kemm mill-kotra.

Dan hu li jfisser għala Vassalli kiteb dwar il-Malti bħala lsien nazzjonali, waqt li biex jagħmel dan inqeda bil-Latin u bit-Taljan. Huma ilsna li, fuq naħa, setgħu jagħtu dinjità lilu persunalment bħala bniedem kolt li kien qiegħed ixandar il-ħtieġa u s-siwi tal-Malti fuq il-bażi tat-tħejjija persunali tiegħu fl-ilsna meqjuma fil-kontinent. Huma wkoll ilsna li, min-naħa l-oħra, setgħu jqanqlu l-kuxjenzi tan-nies tal-kultura, kemm f'Malta u kemm f'artijiet oħrajn. Huwa importanti wkoll il-fatt li Vassalli qiegħed jibda mill-bidu, jiġifieri billi joffri sistema ortografika tal-Malti. Jidher sewwa li l-pjan tiegħu, indirizzat lil ħutu l-Maltin ta' żmienu kien mifhum minnu nnifsu wkoll bħala pjan li kellu jieħu ż-żmien biex iseħħ.

Huwa twieled Ħaż-Żebbuġ fil-5 ta' Mejju 1764, studja fis-Seminarju u mbagħad tgħallem il-Filosofija, it-Teoloġija, il-Letteratura u Ilsna Orjentali f'Ruma. Fost il-ħidmiet tiegħu ta' min isemmi li kien fassal għamla ta' ftehim bejn l-Ordni tal-Kavallieri u l-artijiet tal-Lvant bil-ħsieb li jkun jista' joktor il-kummerċ tal-gżira, kif ukoll li xtaq it-twaqqif ta' Lingwa għall-Maltin fi ħdan l-Ordni. Il-ħidma tiegħu wasslitu biex jingħata sentenza ta' ħabs għal għomru, wara li nstab ħati li seraq splussivi u armi mill-Armerija ta' l-Ordni f'Ħal-Qormi. Wara xi żmien tħarrab mill-Forti Rikażli u sab kenn f'Salerno. Tul iż-żmien li dam imbiegħed minn pajjiżu, Malta waqgħet f'idejn il-Franċiżi u hu aktar tard inħatar ajjutant fil-Gwardja Nazzjonali.

Fir-rewwixta kontra l-Franċiżi tkeċċa 'l barra mill-Belt u mbagħad reġa' ntefa' l-ħabs minħabba suspetti li waqgħu fuqu u safa eżiljat f'Tunes. Il-bqija ta' ħajtu għaddieha fil-faqar kif tixhed il-qagħda tal-

familja tiegħu fi żmien mewtu fit-12 ta' Jannar 1829.[2]

Ittra miktuba madwar Marzu 1822 lill-Arċisqof Ferdinando Mattei li fiha jitolbu jgħinu minħabba l-qagħda fqira tiegħu tagħlaq b'dan il-kliem: "*L'oratore nonostante il gran travaglio che fece pei letterati e per la Patria nel comporre l'unico Dizionario maltese, si trova ridotto ad una continua fame e nudità, e senz' alcun mezzo, onde sollevarsi dallo stato di tanta miseria.*"[3] Hi silta li turi l-qagħda li ġab ruħu fiha dan l-ispirtu ribell li għex biex jara ħolma ta' ħajtu sseħħ, jiġifieri li l-gżira tagħraf l-ilsien nazzjonali tagħha u b'hekk tikseb kuxjenza tagħha nfisha bħala nazzjon.

Il-ħidma politika tiegħu, għalhekk, tidher imsieħba mal-kitba u ma' l-istudju; huma żewġ xejriet ta' persunalità waħda. Imgħammar kif kien b'fehmiet liberali li ssokta jiżviluppa bis-saħħa tal-ġiri tiegħu barra minn Malta, Vassalli fehem sa minn kmieni r-rabta ċentrali bejn l-emanċipazzjoni kulturali u l-emanċipazzjoni politika.

## Il-ħsieb ta' Vassalli

Ix-xogħlijiet ewlenin tiegħu huma *Mylsen Phoenico-Punicum sive Grammatica Melitensis* (Ruma, 1791), *Ktieb il-Kliem Malti mfisser bil-Latin u bit-Taljan sive Liber Dictionum Melitensium* jew *Vocabolario maltese recato nelle lingue latina e italiana* (Ruma A. Fulgonio, 1796), u *Motti, aforismi e proverbii maltesi* (Malta, 1828). Fil-ġrajja tal-qlib tat-testi Bibliċi hu wkoll importanti għall-*Quatuor Evangelia et Actus Apostolorum* (Londra, R. Watts, 1829).

Forsi mkien iżjed milli fil-kelmtejn li jintroduċu d-dizzjunarju msemmijin "Alla nazione maltese", ma jinħass qawwi l-ispirtu investigattiv ta' Vassalli, ruħ imqanqla u solitarja fil-ħemda kulturali ta' l-1796, bosta snin qabel ma kellu jseħħ iċ-ċaqliq b'riżq il-qawmien politiku u kulturali tal-gżira. Is-silta li turi l-aktar l-individwalità u l-ħerqa patrijottika tiegħu hi din: "*A niun altro che a Voi consacro la presente opera, perch'ella vi appartiene ne' principali suoi rapporti. A Voi la deggio unicamente dedicare, perchè descrive ed illustra il*

2 Għal tagħrif dettaljat dwar il-ħajja u l-ħidma tiegħu cfr. N. Cremona, *Vassalli u Żminijietu*, Malta, 1937 (it-tieni edizzjoni, Klabb Kotba Maltin, 1975).

3 Mużew tal-Katidral, Arkivju tal-Kurja Episkopali, Att Oriġinali, ċit. minn Ġ. Azzopardi, "Ħames Dokumenti Ġodda fuq Mikiel Anton Vassalli", *Sagħtar*, 62, Marzu 1979, p.19.

*pregevol monumento della più antica favella che insin oggi avete conservato. Voi la riguarderete come vostra, perchè raccolta tra di voi medesimi da un vostro compatriotto. Voi più che altri formar potrete un'adequata idea e dare ragionato giudizio qualora con principj e discernimento esaminar vogliate le proprietà, qualità, e prerogative d'un idioma finora incolto ed ignoto. E siccome nel tessere questo Lessico o' avuto sempre innanzi gli occhi il comune vantaggio della mia Patria e le incessanti di lei brame; così ora nell'inviarvelo mi lusingo di poter appagare il voto universale... Voi intanti, o miei Concittadini, a' quali l'amor patrio ed i comuni vantaggi stanno più che altro a cuore, accettate di buon grado l'opera, che o' la sorte di presentarvi colla dolce lusinga di poter incontrare il vostro aggradimento, e di rendermi in tal guisa utile non solo alla Repubblica degl'eruditi, ma eziandio a Voi, a' vostri figli, ed ai più tardi nipoti, qualor vogliasi approfittare dell'opportunità di quest'opera. Vivete felici."*[4]

Dawn il-ħsibijiet, u l-iżjed l-użu mtenni ta' kliem "ġdid" bħal *patria, concittadini, amor patrio*, jixħtu dawl qawwi fuq Vassalli mhux l-iżjed bħala studjuż ta' lsien daqskemm fuq Vassalli idealista u patrijott, mixgħul mill-fehmiet moderni ta' l-Illuminiżmu u tar-Romantiċiżmu. Il-ħidmiet politiċi tiegħu, il-qlubija u l-konvinzjoni kontra l-poter ma jistgħux jinfirdu kif ġieb u laħaq mill-ħidma tiegħu b'riżq l-ilsien Malti, meqjusa dejjem fid-dawl tal-kundizzjonijiet imsemmija.

Sa mill-1933 Dun Karm ra fih figura li tħaddan wisq aktar milli hemm fl-isem li sar magħruf bih, "Missier l-Ilsien Malti". Kienet ħaġa loġika għall-poeta li jilmaħ fih il-profeta mbiegħed ta' nazzjon indipendenti:

u kont ewlieni fost in-nisel tagħna
li ħsibt il-jedd li nkunu ġens għalina.[5]

Id-"Discorso preliminare" tiegħu, meħmuż bħala daħla għad-dizzjunarju, jixraqlu attenzjoni kbira minn min irid jistħarreġ il-medda tal-viżjoni Maltija tiegħu. Taħt il-kunsiderazzjoni ta' xeħta lingwistika tinħass ittektek id-dehra ta' Malta differenti u ġdida, in-nazzjon ħieles li tkellem dwaru sikwit. Il-pjanijiet tiegħu ta' liema użu jista' jsir mill-Malti miktub, il-ħtieġa li jinfetħu skejjel għall-kotra, il-fehmiet tiegħu dwar it-trawwim ta' poeżija miktuba bil-Malti, u r-

4 *Ktieb il-Kliem Malti* ċit., pp. III-V.

5 *Lil Mikil Anton Vassalli*, vv. 13-14.

riflessjonijiet imxerrda 'l hawn u 'l hinn dwar il-psikoloġija tal-Maltin kif din tidher l-aktar fit-taħdit u fil-kitba: dawn huma biss uħud mill-ispunti li jbiddlu l-figura ta' Vassalli f'dik ta' osservatur ħerqan tal-poplu tiegħu.

Vassalli jiftaħ id-"Discorso" billi jikxef l-egħruq tal-kuxjenza Ewropea moderna tiegħu: f'seklu meta l-arti u x-xjenzi għamlu progress mill-akbar, kien xieraq li ma jibqax imwarrab u midfun wieħed mill-eqdem monumenti, l-ilsien Malti. Huwa jitkellem minnufih dwar il-Malti bħala lingwa, u jegħleb diġà x-xejriet tad-dibattitu li seħħ aktar tard dwar jekk il-Malti hux lingwa jew djalett. Il-Malti hu l-lingwa tagħna ("*nostra lingua*"), lingwa mċaħħda mill-ħarsien xieraq ("*incolta lingua*"). Hi wkoll qadima ("*antica favella*"), lingwa li ntisġet mal-ġrajja tal-poplu u saret tiegħu bħala lsien nazzjonali ("*lingua patria e nativa*"). Minn din il-"*lingua incolta ed antica*" huwa xtaq bħallikieku jislet il-prinċipji li jseddqu l-istess nazzjonalità tal-gżira. Bl-għarfien tal-Malti, il-Maltin setgħu jitgħallmu l-ilsna barranin u jiksbu d-dawl tax-xjenzi ("*l'unico organo per acquistare le lingue estere, e per ottenere in breve i lumi benefici della scienza*"). Minn din is-sintesi jidher minnufih li Vassalli kien diġà wieġeb u għeleb il-mistoqsijiet u l-preġudizzji li dehru aktar tard matul il-kwistjoni tal-Lingwa.

Il-Malti hu lsien qadim, u għalhekk hu minnu nnifsu erudit. Il-ġrajja tal-lingwa hija marbuta mill-qrib mal-ġrajja tal-bnedmin li jitħaddtuha; għalhekk l-għarfien ta' l-istorja lingwistika jwassal għall-għarfien ta' l-istorja tal-poplu, u l-kuntrarju. Vassalli jagħti l-fehmiet tiegħu dwar din ir-rabta bejn il-lingwa u l-poplu, u juri minnufih li għalih l-għarfien tal-Malti hu l-għarfien stess ta' l-identità tal-pajjiż. Dan huwa l-aspett politiku u kulturali l-iżjed importanti li joħroġ mill-ħsieb tiegħu kollu; l-istħarriġ tal-lingwa jimxi id f'id ma' l-istħarriġ ta' l-individwalità territorjali u nazzjonali tal-kotra li titħadditha. Hi mġiba kollha kemm hi politika li tqanqal lil Vassalli biex jixħet ħarstu, ta' studjuż daqskemm ta ħassieb politiku, fuq il-Malti bħala lsien qadim u minsi, żewġ xejriet li jgħoddu bl-istess mod għall-istess poplu Malti.

Għal Vassalli l-Malti hu lingwa, li tidħol fil-familja tagħha, waqt li għandha x-xejriet partikulari li jagħżluha: "*La lingua de' maltesi al giorno d'oggi è divenuta una lingua a parte, da considerarsi nella classe delle lingue orientali, delle quali è un complesso e per l'antichità e per la rarità di molti vocaboli in essa soli esistenti; onde parlandosi unicamente in Malta e Gozo, perciò dir si de maltese.*"

Huwa jagħraf ukoll ħames djaletti ta' din il-lingwa, id-djalett tal-bliet, id-djalett ta' Għawdex, id-djalett tar-rħula t'isfel, id-djalett tar-rħula ta' fuq, u d-djalett tar-rħula tan-nofs. Huwa jagħraf diġà t-taħsir bla ħtieġa tax-xeħta qadima tal-lingwa minħabba d-dħul ta' taħdit minn ilsna oħra li m'hux meħtieġ. Dwar id-djalett tal-bliet huwa jsemmi "*un certo fanatismo che alcuni ànno di maltezzare voci estere e di barbarizzare l'idioma nativo con espressioni siciliane, italiane, francesi, e simili.*" Vassalli, studjuż ta' l-ilsna, kittieb ta' xogħlijiet bil-Latin u bit-Taljan minbarra bil-Malti, jagħraf sa minn kmieni l-ħtieġa li din id-drawwa ta' taħlit ta' lingwi differenti titrażżan qabel ma tixtered mal-pajjiż kollu: "*Questo insipido e sciocco dialetto, o patois, bisognerebbe procurare di estirparlo ora sul suo nascere; poichè col tempo potrà radicarsi in tutto il dominio.*"

Huwa jagħraf fil-Malti wieħed mill-ilsna l-iżjed ħelwin, espressivi, sbieħ u kotrana fil-kliem. Dawn ix-xejriet jistgħu jerġgħu jitilgħu fil-wiċċ skond kemm il-Malti jkun ikkultivat. Jekk jitħares kif imissu, il-Malti jikseb ix-xejriet sbieħ li għandu: "*sembra ella è vero rozza e piena di barbarismi a primo aspetto; ma ciò accade perchè trascurata, ed appostatamente vi s'introducono le voci esotiche; ma si coltivi prima, anche per un poco, e si vedrà che più d'ogni altra è suscettibile di cultura.*" Il-ħarsien tal-lingwa m'hux mifhum minn Vassalli bħala programm ta' studju maqtugħ għalih waħdu, iżda hu meqjus bħala mezz ewlieni biex tingħaraf l-individwalità tal-pajjiż. Miegħu timxi l-letteratura bħala l-espressjoni popolari l-iżjed safja u naturali. Huwa jitkellem dwar "la vivezza dell'espressioni, le sentenze prodotte dal fervore della fantasia maltese, la semplicità, e la naturalezza attrattiva unite alle doti naturali della lingua"; dawn huma x-xejriet li jsawru "*il bello delle nostre canzoni*".

Bħalma jgħid hu nnifsu, dawn il-fehmiet juru l-"*erudizione*" u l-"*utilità*" tal-Malti, jiġifieri jiġbru d-dinjità kulturali u l-funzjoni soċjali u edukattiva ta' l-ilsien tal-kotra. Minn hawn 'il quddiem (fit-taqsimiet XXVI-XXXVIII tad-"Discorso preliminare") Vassalli jitħaddet dwar il-ħtieġa li l-ilsien Malti jkun ikkultivat. Il-qedem tal-lingwa huwa minnu nnifsu ta' ġid għar-"repubblica delle lettere" għaliex il-qedem stess jixħet dawl fuq għadd ta' ħwejjeġ. Madankollu, il-ħarsien tal-lingwa huwa wkoll meħtieġ għan-nazzjon li jitħadditha. Il-kultura nazzjonali tinbet mil-lingwa u biha tista' tiżviluppa ruħha. B'hekk jissawru l-ideat, u jikbru s-sentimenti nazzjonali. Mingħajr il-kultivazzjoni tal-lingwa, il-bniedem li jitħadditha ma jista' qatt ikollu kultura xierqa. Bħalma dan il-programm ta' ħarsien lingwistiku seħħ

f'artijiet oħra, fosthom fi Sqallija, igħid Vassalli, hekk ukoll għandu jibda jseħħ f'Malta. Minn dan in-nuqqas ta' ħarsien qiegħda tbati Malta, "*la nostra nazione*", kemm fl-aspett materjali u kemm fl-aspett morali ("*nel fisico egualmente che nel morale*").

B'dawn il-ħsibijiet Vassalli jgħaddi biex jagħti definizzjoni tassew moderna ta' nazzjon, dejjem mibnija fuq l-għarfien u l-ħarsien ta' l-ilsien nazzjonali. Il-kultura ta' nazzjon tikkonsisti fl-edukazzjoni, minn fejn titnissel il-moralità tiegħu, kif ukoll fl-għaqal tal-politika nazzjonali li biha taħdem għall-ġid komuni. Il-kultura titlob ukoll il-kultivazzjoni tax-xjenza u ta' l-arti, biex b'hekk jikber il-kummerċ. Huwa meħtieġ ukoll l-għarfien u l-ħarsien tal-liġijiet, li jżommu l-istat fil-paċi u fit-trankwillità. Dan kollu ma jistax jinkiseb mingħajr l-użu ta' l-ilsien tal-pajjiż, miktub u mħaddem fost kulħadd, għaliex il-lingwa hi l-mezz ewlieni tas-soċjetà. Minn dan wieħed jikkonkludi li fejn l-ilsien nazzjonali m'hux ikkultivat u ma jinkitibx, in-nazzjon li jitħaddtu ma jista' jasal qatt biex jikber u jiffjorixxi.

Il-lingwa nazzjonali hi meħtieġa qabel xejn għall-edukazzjoni: "*la cultura... della lingua materna è necessaria in primo luogo per l'educazione. Questa è il principal oggetto, che deve avere una nazione, perchè da lei la comune felicità dipende.*" Il-moħħ jitħaddem sewwa, u l-ideat jitfasslu kif jixraq b'dan il-mod: billi kollox jinbena fuq l-ilsien naturali. Vassalli jistħarreġ u jikkritika l-qagħda lingwistika fil-pajjiż u jisħaq fuq x'għandu jsir biex ma jintilfux "*le speranze della patria e della repubblica letteraria*". Huwa jara l-kawża ta' dan kollu fil-"*confusa e disordinata maniera d'insegnare, perchè non fondata sulla nativa lingua*"; il-pajjiż għandu sistema edukattiva "*ciecamente imitata sopra altre nazioni, i cui metodi non si possono adoperare, se non sono ben applicati ed adattati alla nazione che li accetta, e li riforma a suo uso.*"

Is-soluzzjoni tinsab fit-tbiddil tal-metodu, tbiddil li jqis lil Malta bħala nazzjon li għandu l-lingwa tiegħu u li għandha tingħata l-aqwa post fil-qasam tat-tagħlim: "*questi mali che ora sono evitabili si soffriranno d'ogginnanzi ancora, se alla coltura della materna lingua, ch'è l'unico e vero mezzo d'acquistare l'altre lingue ed anche le scienze noi non ci rivolgiamo.*" Minbarra ż-żgħażagħ, l-adulti wkoll jeħtieġu l-ilsien nazzjonali biex jedukaw ruħhom u jimmaturaw, u jieħdu ħsieb l-interessi tagħhom. Il-modernità tal-ħsieb ta' Vassalli, imdawwal mill-fehmiet ġodda li xterdu fil-kontinent fi żmienu, u li hu fittex li jdaħħal f'Malta, tidher aħjar f'din is-silta: "*A tempi nostri poi, dacchè il leggere e lo scrivere si è reso famigliare a tutte le culte*

*nazioni, e specialmente dopo l'uso della stampa, bisogna riguardare questa facoltà come un sesto sentimento, il cui sviluppo può solo renderci veramente degni della società e veri cittadini. Tale facoltà però dev'essere quella della lingua nazionale, per cui all'istante intendiamo quello che leggiamo, possiamo facilmente scrivere, e rettamente ci dirigiamo ad ampliarla in altre lingue più comuni ed universali, all'acquisto delle quali la propria lingua culta infallibilmente ci conduce."*

Vassalli jitkellem diġà dwar ir-"repubbblika" li għandha jkollha ċittadini xierqa tagħha. Il-moralità tajba, l-għarfien tar-reliġjon, il-ħarsien tal-liġijiet: huma lkoll xejriet li jbiddlu lill-bniedem f'ċittadin ċivilizzat. Dawn ix-xejriet ma jistgħux jinkisbu mingħajr l-għarfien tal-lingwa nazzjonali. Fi kliem ieħor, Vassalli jara fil-Malti l-aqwa għodda biex jinbena nazzjon modern u ċivilizzat, fejn l-edukazzjoni, il-kultura u l-ħidma politika jimxu flimkien b'riżq dak li hu jsejjaħlu l-ġid komuni. Għalhekk hemm il-ħtieġa li Malta jkollha l-kotba tagħha biex jedukaw lill-poplu: "*La buona Morale, che tende alla felicità dell'uomo può essere a tutti nota, se ci mancano libri nei quali leggerla e meditarla? La Religione che co'suoi alti misterj, santi dommi, e massime eterne frena e tiene in soggezione la società, e ci consola colle speranze future, potrà sortire il suo intento? Se questa non può essere ben insegnata? se non abbiamo nemmeno un libro che la tratti in lingua nostra? se per fino i di lei ministri stentano ad insinuarla e predicarla, come di ragione non possono fare altri menti mancandogli i mezzi sufficienti ed opportuni?*"

Jidher sewwa li l-ħsieb ta' Vassalli jħares lejn in-nazzjon kollu, u jara n-nuqqasijiet kulturali, soċjali u politiċi tiegħu mnisslin min-nuqqas ta' edukazzjoni tal-kotra, saħansitra fil-qasam reliġjuż, fejn ma kienx għad hemm imqar ktieb xieraq dwar il-morali u d-dmirijiet tan-Nisrani u l-ħwejjeġ l-oħra meħtieġa, bħalma hu katekiżmu jew ktieb tad-devozzjoni. Dawn il-kotba, jissokta jikteb, jistgħu jinħolqu biss meta l-lingwa tkun ikkultivata (u hawn isemmi ktieb wieħed li kien mimli żbalji, u diffiċli biex jiftiehem).

Il-ġid tan-nazzjon jitlob ukoll li l-liġijiet ikunu miktuba bil-Malti; il-kodiċi li jgħaqqadhom flimkien għandu jkun bħal katekiżmu. Jekk iċ-ċittadin, jissokta Vassalli, m'għandux il-ħila jagħraf il-konsegwenzi koroh li joħorġu minn azzjonijiet ħżiena li jsiru kontrieh jew kontra l-libertà tiegħu nnifsu, huwa jsir ilsir ta' għadd ta' nies, li jħarsu l-liġijiet u li jispjegawhom kif jidhrilhom huma. Għal Vassalli, mela, id-demokrazija moderna tinbena fuq iċ-ċittadin li jaf sewwa d-

dmirijiet u l-jeddijiet tiegħu. Nazzjon li jkollu ċittadini li jagħrfu l-qagħda tagħhom fl-istat jista' jimxi sewwa u mingħajr tfixkil żejjed: "*Più che sarà il numero delle persone che leggeranno ed intenderanno le leggi, minor sarà quello degli uomini che le violano.*" Għalhekk it-tfal għandhom jitgħallmu fl-iskejjel kif jaqraw, kemm il-kotba tar-reliġjon, u kemm il-kotba tal-liġi. Vassalli jemmen li hemm kuxjenza popolari dwar din il-ħtieġa ("*la nazione maltese è da per se convinta che la lingua popolare è molto necessaria, e che perciò debbasi coltivare*"); għalhekk minn hawn 'il quddiem huwa jgħaddi biex jistħarreġ il-mod kif dan jista' jsir.

Vassalli jtemm id "Discorso preliminare" b'konklużjoni li tixhed, fuq naħa, iċ-ċarezza u d-determinazzjoni tal-ħsieb tiegħu u, fuq in-naħa l-oħra, ir-responsabbiltà li issa għandu l-pajjiż li jfittex is-soluzzjoni għal din il-problema. Hi problema nazzjonali li huwa jħares lejha min-naħa kulturali, fis-sens wiesa' tal-kelma, biex jasal għal interpretazzjoni sħiħa u waħda ta' nazzjon, anzi ta' repubblika, fejn id-dawl tal-moħħ iwassal għal kull għamla ta' emanċipazzjoni. Huwa jikteb: "*L'aver un male e non poterlo conoscere è un gran danno; il conoscerlo e non saper il rimedio è una pena, che mette l'uomo nell'ansietà di saperlo: ma il conoscere il rimedio ai male, e non procurarlo è un male maggiore del male istesso. Che si dirà poi di chi conosce il male, sa, ed a' fra le mani il rimedio; e frattanto trascura di apponerlo?*"

Il-ħsara ta' Malta hi l-injuranza, in-nuqqas ta' kuxjenza nazzjonali; hi ħsara li titneħħa bit-tagħlim tal-kotra, li ma jistax iseħħ jekk mhux bis-saħħa tal-kultivazzjoni tal-lingwa Maltija. Fuq dan is-sies jinbena mbagħad in-nazzjon modern li qiegħed jara Vassalli, nazzjon li jgħaqqad il-ġid soċjali mad-dawl tal-moħħ. Hi viżjoni integrali li tbiddel lill-istudjuż tal-lingwa f'ħassieb li qiegħed ifassal il-pjan kif Malta tista' tqiegħed is-sisien għall-bini ta' dik li hu qiegħed isejħilha diġà repubblika. F'dan id-dawl is-sehem ta' Vassalli ma jolqotx biss l-istorja tal-lingwa Maltija, iżda wkoll l-istorja politika, li fiha huwa għandu l-post ta' protagonista bikri li qanqal moviment li kellu jasal għall-wetqa tiegħu żmien twil wara. Is-sigriet tal-moderniżmu tal-ħsieb u ta' l-azzjoni ta' Vassalli jinsab fil-fatt li hu ddakkar mill-fehmiet ewlenin ta' l-Ewropa ta' żmienu u ħaddanhom biex applikahom, b'analiżi storika, għal pajjiżu. Il-ħarsa tiegħu hi mixħuta lejn Malta kolonja li hi nazzjon u li għandha madwarha l-punti tar-riferiment għall-qawmien, iżda li għandha ssib ġewwa fiha s-saħħa li tqajjimha wara li tkun għarfet il-kredenzjali li jagħtuha l-jedd politiku u

kulturali għal dan il-qawmien.

**Egħluq**

Fi ħdan il-kwadru Ewropew Vassalli huwa kontemporanju ta' persunaġġi oħra li żvolġew ħidma ta' l-istess xeħta f'pajjiżhom. Fi ħdan il-kwadru Malti huwa l-persunaġġ iżolat, mhux mifhum, bassâr tal-ġejjieni, li madankollu xeħet sfida li kellha tittieħed maż-żmien malli l-kuxjenza Maltija setgħet timmatura aktar skond il-pass meqjus tagħha. Ġrajja tan-nazzjonaliżmu Malti trid titkellem dwaru bħala punt ta' riferiment ewlieni li jindika l-ġejjieni mqalleb tas-sekli dsatax u għoxrin f'Malta, is-sekli li kellhom jaraw nazzjon ċkejken jinbena fuq il-konfront bejn ħakma kolonjali u fiduċja nazzjonali, kif ukoll fuq l-iżvilupp kulturali kbir li seħħ bis-saħħa ta' l-għarfien ta' emblema romantika ewlenija: il-lingwa.

Iżda m'hix il-lingwa mirquma għal għanijiet filoloġiċi jew akkademiċi biss. Hi l-lingwa li trodd ruħ waħda liċ-ċittadini kollha, u li tgħaqqad l-interessi differenti biex jinkiseb il-ġid komuni. Bl-integrazzjoni tal-pjan lingwistiku-letterarju u tal-pjan edukattiv, it-tnejn mibnijin fuq il-lingwa, fil-qafas usa' ta' dehra ta' patrija sħiħa jista' jiftiehem is-sens politiku ta' kull taħdit lingwistiku fis-seklu dsatax. Huwa s-seklu li ra lil Malta kolonja tqum bir-ritmu naturali tagħha ta' pajjiż żgħir u fqir, tiġbor il-fdalijiet ta' identità nazzjonali mwarrba (kif xtaq Vassalli), titgħallem il-lezzjoni kbira tal-ġrajja twila tagħha (kif għamlu mbagħad il-poeti u r-rumanzieri ta' ispirazzjoni storika), u tikseb il-fiduċja meħtieġa fiha nfisha. Maż-żmien din il-kuxjenza kellha twassal biex jitwaqqfu gruppi ta' xeħta ribelli u biex jinbnew partiti li wettqu fil-prattika l-viżjòni li Vassalli, ruħ solitarja u mdawla, kellu s-saħħa intellettwali u l-qawwa morali li jbassar. Ma' l-ewwel daqqa t'għajn jista' jidher li Vassalli ġie kmieni, b'xorti tajba għal Malta, u b'xorti ħażina għalih persunali. B'ħarsa iżjed sistematika Vassalli jidher bħala l-mexxej ta' moviment nazzjonali li, meta kellu jikber u jitqawwa, ma setax jieqaf qabel ma jilħaq il-fażi aħħarija tiegħu. Dan hu, imbagħad, li ġara meta l-ilsien Malti sar il-mezz ewlieni biex tinbena kultura Maltija moderna, biex titqanqal il-kuxjenza nazzjonali rieqda u biex jinstabu l-mogħdijiet politiċi li jseddquha b'miżuri kostituzzjonali.

# REĊENSJONI

**Rewwixta,** ***Oliver Friggieri,*** Grima Printing & Publishing Industries, 1990, pp. 100 + x.

L-awtur sejjaħ dan il-poema "dramm poetiku". Fid-daħla tal-ktieb l-awtur innifsu jistqarr illi "ix-xewqa bikrija tiegħi kienet li nikteb poema narrattiva twila, li tħaddan il-qafas storiku u l-interpretazzjoni poetika tiegħi. Il-letteratura Maltija hi nieqsa ġmielha fit-taqsima tal-poeżija klassika, minħabba li r-romantiċiżmu biddel mhux biss l-imġiba iżda wkoll il-preferenzi formali u letterarji."

Fil-letteratura Maltija fil-qasam ta' din ix-xorta ta' drammi bl-istil klassiku Grieg għandna *Il-Fidwa tal-Bdiewa* (1936/1948) ta' A. Cremona u *Razju Vidal* (1941) b'ħames atti, *Il-Barrani* (1956) b'żewġ atti, u *Ir-Raheb* (1971) b'ħames atti ta' Erin Serracino Inglott, xogħlijiet li jistħoqqilhom kull ħajr u tifħir. Imma, aktar milli bħala dramm poetiku, *Rewwixta* ta' Oliver Friggieri jien inħares lejh bħala opra klassika differenti mix-xogħlijiet imsemmija fuq. Fil-Malti nħoss li bħalha għad m'għandna ebda kitba oħra li tilħaq il-livell għoli letterarju tagħha, il-maturità ta' ideat u ta' espressjonijiet idjomatiċi, u nisġa mirquma ta' suġġett. F'dan il-kuntest ma rridx ma nsemmix "Il-Jien u lilhinn Minnu" ta' Dun Karm. Waqt li fihom it-tnejn naraw kobor u maturità iżda hemm differenza tanġibbli li tagħżel waħda mill-oħra. Dun Karm bena t-tema tiegħu fuq bażi reliġjuża b'interpretazzjonijiet u xbihat persunali, waqt li fix-xogħol ta' Friggieri jippredomina s-sens ta' patrijottiżmu bi ġrajjiet u djalogar li jbiddlu n-narrazzjoni fi drama. It-tnejn jien nara fihom "opra klassika".

Biex naslu għal din il-konklużjoni rridu l-ewwel naraw x'nifhmu b'"opra klassika". Opra klassika naslu għaliha meta ċ-ċiviltà tal-pajjiż tkun immaturat ruħha. T.S. Eliot fl-istudju tiegħu *What is a classic?* (Faber & Faber Ltd. London, 1944) jesprimi l-fehma illi *"a classic can only occur when a civilisation is mature; when a language and a literature are mature; and it must be the work of a mature mind."*

Nieqfu fuq din id-definizzjoni u naraw mingħajr l-iċken dubju illi aħna bħala poplu għandna ċiviltà li ilha ġejja sekli sħaħ, u lingwa u letteratura t-tnejn illum laħqu stat ta' maturità. Imma T.S. Eliot iżid igħidilna illi *"a classic must be the work of a mature mind"* (xogħol klassiku jrid ikun il-prodott ta' moħħ matur). Din id-dikjarazzjoni ta' wieħed mill-akbar poeti tad-dinja moderna nħoss li tgħodd fil-ħaqq u s-sewwa għall-poema epiku ta' Oliver Friggieri.

F'dan il-poema li jiġbor fih "il-ġrajjiet ta' dak ir-riefnu li għadda minn fuq artna bejn 1798 u l-1800" (*Maż-Żewġ Naħat tas-Swar* – Carmelo Testa), insibu miġbura tliet elementi principali : l-element liriku – l-element patrijottiku – l-element reliġjuż. Il-ħsibijiet jimxu ċari, qawwija, effettivi, id-deskrizzjonijiet sħaħ u maqlugħa, it-tixbih milqut, djalogar naturali, frażijiet espressivi u mirquma, il-kelma safja u, neħħi xi kliem iżolat, mija fil-mija Maltija. Riflessjonijiet metaforiċi jagħtu ħajja u ġmiel lill-ideat, u l-forma metrika tradizzjonali ta' l-endekasillabu hi mħaddma b'sengħa u preċiżjoni. Il-versi fil-kliem ta' Dun Mikiel (p. 75) li jaqbdu *"jien naf li l-mewt bħal xabla mdendla fuqna"* u jagħlqu *"gżiritna tkun mifdija w immut hieni"* jiġbru fihom lirika mill-isbaħ. Lirika sabiħa wkoll insibuha f'ħafna siltiet oħra bħal, per eżempju, fit-tweġiba ta' Lorenzi lil Vaubois f'paġna 89, u espressjonijiet sintetiċi li jimpressjonawk bħal: *fuq gidba bnejtu d-dar u b'gidba taqa'; il-faqar ġerragħnieh għax foqra konna u foqra bqajna iżda qatt ilsiera; is-skiet ta' fommu jsikktu darba għal dejjem.*

L-element patrijottiku u l-motiv reliġjuż ma setax jonqos jaħkmu tul il-poema kollu

b'ideat u sentimenti kbar, nobbli u umani.

L-ispirtu qalbieni ta' Lorenzi u ta' Dun Mikiel wiċċ imb'wiċċ mal-mewt imfisser bi kliem sod u bla biża' fil-proċess quddiem il-ġeneral Franċiż Vaubois – episodju li jfakkarna f'*Nazju Ellul* ta' Ġużè Muscat Azzopardi – hu xempju ħaj ta' l-ispirtu mimli ħeġġa u mħabba ta' poplu li ġarrab sekli sħaħ ta' jasar u tbatija imma fis-siegħa tal-prova wera li jaf jiġġieled u jirbaħ.

Effettiv kemm jista' jkun l-episodju li jiddeskrivi l-mewta drammatika ta' Ġanni Attard u l-kuraġġ ta' ommu Roża (xbieha ta' Malta qalbiena) b'dik l-aħħar battuta ta' saħta u ta' mibegħda : *"bis-saħħa t'omm, ta' mara, nisħtek. Jien ħatja wkoll – noboghdok. Ejj'oqtolni!"* (p.98).

Fil-kliem paradossali li niltaqgħu miegħu fl-epilogu tinħass il-profezija ta' libertà u indipendenza : *"Ħajjin il-mejtin tagħna, .... hemm niket bħalma hemm ferħ fid-dmugħ t'għajnejna.....Imbierka ż-żgħar li qatt ma jniżżlu rashom quddiem il-kbar. Fil-mewt m'humiex telliefa."*

Oliver Friggieri fis-sitwazzjonijiet imwiegħra, fid-djalogi mħeġġa, fl-episodji ta' dmugħ u ta' dmija ta' ġens maħqur u mjassar, esprima b'versi sħaħ u qawwija, il-qawmien rebbieħ tal-poplu Malti fid-dawl ta' libertà, demokrazija u indipendenza.

***Ġużè Chetcuti***

## Demm fuq il-Verna *P. Marjanu Vella:* ed. P. Norbert Ellul Vincenti OFM, Stamperija Imprint, 1989; 78 pp.

Patri Marjanu Vella, OFM, huwa poeta magħruf sewwa. Sakemm miet, fl-1987, ħareġ ħames kotba ta' poeżiji li ntlaqgħu tajjeb u għadhom jinqraw. Patri Marjan għamel isem ta' poeta riflessiv, poeta mistiku, u poeta li jaf iħaddem sewwa l-kelma Maltija. *Demm fuq il-Verna* huwa s-sitt ktejjeb ta' poeżija ta' dan il-poeta: ktejjeb ta' poeżiji, miġbura u editjati minn Patri Norbert Ellul Vincenti, patri ta' l-istess Ordni u studjuż u kritiku letterarju magħruf, wara l-mewt ta' Patri Marjanu Vella. B'hekk, din id-damma aħħarija ttemm il-ħajja poetika ta' dan il-magħruf poeta-patri.

Dan il-ktejjeb jiġbor fih l-aħħar 23 poeżija ta' Patri Marjan flimkien ma' żewġ oratorji u numru ta' versetti qawwija u mirquma miġbura taħt it-titlu ta' "Frak (1)" u "Frak (2)" li, jekk kellna ngħodduhom ma' l-oħrajn, iżidu ma' l-għoxrin għanja oħra n-numru ta' poeżiji miġbura. Il-poeżiji jinfirxu bejn is-snin 1985 u 1987 – medda qasira tat-tliet snin ta' qabel ma miet il-poeta u li kienet medda mimlija tbatija fiżika u mentali għal dan il-poeta ħlejju ta' ħsus l-iktar nobbli u ta' espressjoni mill-iżjed sempliċi iżda għolja. Id-daħla ta' l-editur, P. Norbert Ellul Vincenti (3 paġni), hija akkumpanjata minn studju kritiku u profond tal-Professur Oliver Friggieri (10 paġni).

Ta' min ifaħħar l-inizjattiva tal-Patrijiet Franġiskani Minuri ta' Malta għas-sosteniment li taw lil Patri Marjanu Vella, poeta awtentiku magħruf minn kulħadd, fit-tbigħ tax-xogħlijiet tiegħu, speċjalment dawk li nkitbu fl-aħħar snin ta' ħajtu, u l-impenn ta' l-istudjuż, Patri Norbert Ellul Vincenti, li daħal għax-xogħol ta' l-editjar u l-istampar. Barra miż-żewġ "Oratorji", wieħed lill-Madonna tas-Sacro Cuor (1986) u l-ieħor fuq San Franġisk taħt it-titlu ta' *Demm fuq il-Verna* (1987), li jagħmlu l-aħħar taqsima tal-ktieb, dawn l-aħħar poeziji ta' Patri Marjanu huma miġbura f'żewġ taqsimiet oħra – a) *Poeżiji*; u b) *Sunetti ta' l-Isptar u Kantiku* – li għalkemm juru stil u lehma għalihom

jaqblu wkoll mad-data ta' meta nkitbu. Dawn it-tliet taqsimiet igħinuna ħafna biex nifhmu fażijiet differenti, u poetikament importanti, fil-ħajja – jiem aħħarin – tal-poeta.

Wieħed malajr jinduna, per eżempju, li fil-waqt li l-ewwel taqsima hija mimlija b'poeżiji fejn il-poeta jħoss it-toqol tal-ħajja, fejn il-ħin kollu bħal itektek bil-għasluġ biex forsi jsib it-triq tas-serħ tal-ħsieb u r-ruħ, kif ukoll insibu poeżiji ta' versi u għamla differenti, it-tieni taqsima – żmien li l-poeta qatta' fl-isptar – hija ħafna iktar fiduċjuża, rassenjata, forsi xi ftit iktar stereotipata; hija fl-istess ħin ħafna iktar prolifika. Hekk, fil-waqt li qabel, il-poeta kien jikteb forsi poeżija kull xahar, fiż-żmien qasir ta' 5 xhur li dam fl-isptar ħarġu mat-18-il poeżija, u fl-ewwel xahar f'dan il-post in-numru huwa sfiq. Wieħed jista' jinnota wkoll, li n-numru ta' poeżiji beda jonqos wara l-ewwel xahar li Patri Marjan dam l-isptar: 9 f'Lulju, 2 f'Awissu, 2 f'Settembru, 2 f'Ottubru u 3 f'Novembru; u fl-aħħar (Diċembru) insibu l-Kantiku ta' ferħ, foħrija u ringrazzjament.

Qiegħed insostni dan, għax bħalma jaf kulħadd, barra minn ħajja ta' moħħ mitluf fil-qari u fl-istudji, Patri Marjanu ddedika wkoll il-biċċa l-kbira ta' ħajtu għall-missjoni pastorali fi kwartier tal-Parroċċa tal-Franġiskani Minuri f'Tas-Sliema fejn, mill-kappella żgħira li kien iżomm u jieħu ħsieb, ta' kulma kellu materjalment u spiritwalment kif ukoll kull ħin biex jaqdi l-bżonnijiet ta' din il-komunità. U wieħed għalhekk jistaqsi: "Kien il-fatt li fl-Isptar Patri Marjanu kellu iktar ħin fuq idejh x'jiddedika għall-poeżija, jew il-fatt li kellu jiffaċċja realtà ġdida fil-ħajja li ġegħlitu jikteb iktar poeżiji f'dan il-perjodu kritiku ta' ħajtu hekk qrib, forsi bla ma kien jaf, it-tmiem? Jew it-tnejn?"

Il-poeżiji ta' Patri Marjanu huma mimlija ħsibijiet moħbija, mistoqsijiet bla mwieġba – poeżiji ta' seħer, misteri, mistiċiżmu. Xi drabi wieħed iħoss saħansitra xi ftit ta' pessimiżmu x'aktarx qawwi fin-nota lirika tiegħu – il-pessimiżmu tal-baħħ, il-pessimiżmu tax-xejn, il-pessimiżmu ta' wieħed li jfittex u ma jsibx:

"Nessini din ukoll, biex xejn ma jibqa',
lanqas id-dell imċajpar tat-tifkira,
nimxi fis-sebħ tal-lum, bla lbieraħ w għada,
ħajti bla ġrajja, fqira.

*Biex Xejn Ma Jibqa'*

"Noħlom ħolm kbir, imqajjem,
miftum mir-realtà,
niftaħ għajnejja, nibża'
nieqes mis-sigurtà.

*Frak* (1)

Iżda dan il-pessimiżmu huwa għerf moħbi: l-għerf ta' l-istudjuż, l-għerf tal-moħħ li dejjem jħewden u jfittex il-vera realtà tal-ħajja, – dik ir-realtà li tinbena fuq dak li naraw u nħossu madwarna u ġewwa fina imma, fil-verità, tinsab biss ħafna lil hemm mill-ħajja qasira tagħna. Huwa wkoll pessimiżmu li joħroġ mill-umiltà u mill-għarfien ta' kemm baqa' x'wieħed jikxef, jitgħallem, ikun jaf:

"Tibżax mid-dalma għax ftit ieħor jitla'
il-qamar mimli dawl kollu safrani,
u tara timxi bħallikieku f'għodwa
ta' sajf imdawwal.

*Il-Ħabel*

Il-poeżija mistika ta' Patri Marjanu hija wkoll essenzjalment poeżija romantika, poeżija li tieħu l-ilwien u l-libsa tagħha kemm mill-perċezzjoni tal-ħajja ta' madwar u li ddawwar u ddawwal lill-poeta (ħajja u vivaċi), kemm mill-immaġinazzjoni qawwija li malajr taqleb minn kunċett metaforiku għal ieħor b'sengħa ta' wieħed li hu attent, josserva u jħoss dak li jiġri fin-natura, kif ukoll mis-soġġettività pura u onesta tagħha. U forsi s-soġġettività – dak li jara u jħoss il-poeta u kif jarah u jħossu hu personali – li tgħaqqad it-temi l-oħra.

Il-poeżija ta' Patri Marjanu f'dan il-ktejjeb hija, bħalma dejjem kienet, poeżija soġġettiva, poeżija awtobijografika, poeżija personali, poeżija msejsa fir-realtà ta' kuljum fil-ħajja tal-persuna umana. Hija wkoll poeżija mirquma, sensibbli, mimlija deskrizzjoni u tixbih – hekk li filwaqt li l-qawwa intellettwali tal-poeta tilma fihom, wieħed irid jixtarr sewwa dak li qiegħed jaqra biex joħroġ il-veru ħsieb u lehma tal-poeta. Dan hu, ukoll, li jagħmel lil Patri Marjanu – poeta essenzjalment liriku u romantiku – poeta modern u ta' stil modern.

Fl-istess waqt il-poeżija hija poeżija universali, poeżija li tappella u tkaxkar magħha, fis-sbuħija u s-senswalità tagħha, lil kull min jaqraha u jixtarrha. Hi poeżija li togħla iktar 'il fuq minn dak li jidher u jħossu s-sensi; poeżija li tfittex tweġibiet għal mistoqsijiet li kull min iħaddem ftit moħħu dejjem staqsa u xtaq (u għadu jixtieq) li jkun jaf; poeżija fejn l-element reliġjuż qawwi tagħha huwa ħafna drabi sottili ħafna. U fejn il-mistiċiżmu jitħallat mar-romantiċiżmu – l-essenza tal-poeżija personali ta' Patri Marjanu – jispikkaw il-qawwa u s-sbuħija mhux biss tal-ħsieb, mhux biss tad-dehra, mhux biss tal-lehma, iżda wkoll – u mhux anqas – tal-kelma u tan-nisġa tagħha fil-libsa poetika.

U dan hu, forsi, li jagħżel lil Patri Marjanu Vella mill-poeti l-oħra moderni Maltin: il-kelma tiegħu hi kelma ħelwa, kelma mansa, kelma meqjusa, kelma mrażżna, kelma mgħoddija mill-għarbiel ta' moħħ studjuż imma umli, kelma li ma tweġġa' lil ħadd, kelma li tfisser ħafna u twassal ferm iktar 'il bogħod mill-ħoss jew it-tifsira ewliena tagħha, kelma mirquma, kelma rżina iżda li taħbi ħsus qawwija, kelma traxxendentali, kelma li ddawwal lill-moħħ bl-immaġinazzjonijiet tagħha, u, ukoll, kelma li ddoqq ħlejju fil-widnejn u li tgħaxxaq bl-eżattezza tagħha: fi ftit kliem, kelma poetika. Hi din il-kelma meqjusa, iżda rżina, f'idejn Patri Marjanu Vella hi ferm sabiħa u qawwija meta toħroġ minn ġos-skiet tal-ħsieb:

> "Hemm ħin meta tifhimni kelma b'kelma,
> tieqaf, ma tidħakx bija;
> is-sikta ssir għajta, dawl id-dalma,
> ġamar ta' dmugħ il-ħtija."
>
> *Xbiħat*

Fost dawn il-poeżiji, imbagħad, wieħed ma jistax ma jsemmix, u jfaħħar, il-poeżija, "Għall-Funeral ta' Marjan Kruptos, Poeta", li hi bla dubju n-"Nom Omnis Moriar" (għalkemm miktuba differentement) ta' Patri Marjanu Vella.

U minn hawn nerġgħu għall-poeżiji mill-isptar. Sunetti Shakespearjani, *abab cdcd,* bir-rima mbewsa fl-aħħar, ee, għall-qawwa. Jidhru, u forsi huma, xi ftit stilizzati u mingħajr varjetà ta' prosodija, iżda ma jtellfu xejn mil-lehma poetika u mill-varjetà ta' ħsieb. Xi kull tant mimlija biżà, imma dejjem mimlija tama, fihom toħroġ ir-reliġjożità u r-reliġjon ta' Patri Marjanu u jgħannu direttament dak li kien mistur fil-ħsibijiet ta' qabel. Il-mistiċiżmu issa jinbidel f'atti bla moħbija ta' talb u ta' taħdit dirett mal-Ħallieq, bl-istess mod kif missier il-poeta, San Franġisk, tkellem mal-Missier Etern

wara li tgħabba bil-pjagi t'Ibnu. Is-sunetti huma mirquma sewwa, mingħajr ripetizzjoni fil-ħsieb jew fit-tixbih; x'uħud minnhom jistgħu jingħaddu fost l-aqwa sunetti reliġjużi tal-letteratura tagħna u żgur għad jibqgħu jissemmew. Wara s-sunett "Fejqan", fejn il-poeta jifraħ li ra xaqq ta' dawl għall-fejqan tiegħu, u li hu l-aħħar sunett fis-sensiela, il-poeta jinfexx f'"Canticum", tifħira reliġjuża qawwija, sabiħa, u kbira, kemm bħala ringrazzjanment tal-fejqan kif ukoll bħala professjoni lirika tat-twemmin mingħajr iżjed dubji tal-poeta.

Qabel nagħlaq, jixraq li wieħed iżid kelmtejn fuq iż-żewġ Oratorji li nsibu f'dan il-ktieb. Mingħajr ma noqgħod nidħol fil-mertu seddieqi, is-sbuħija, l-oriġinalità u l-binja interessanti tagħhom, irrid biss infakkar li dawn iż-żewġ Oratorji – wieħed lill-Madonna tas-Sacro Cuor, Patruna tal-Parroċċa li kien jappartjeni għaliha Patri Marjanu, u l-ieħor lil San Franġisk li tal-familja tiegħu kien ukoll membru ħaj bħala patri – kienu mmużikati b'suċċess mill-Maestro Joseph Vella, wieħed mill-aqwa kompożituri kontemporanji Maltin. Ġew ukoll ippreżentati bil-għajnuna tal-Komunità tal-Franġiskani Minuri ta' Malta, l-ewwel wieħed fil-Knisja Parrokkjali tas-Sacro Cuor (Sliema) fl-1986 u l-ieħor dan l-aħħar (1990) fil-Knisja Franġiskana ta' Villambrosa (Ħamrun).

Patri Marjanu ħalliena, imma l-poeżija tiegħu tibqa'. Tibqa' magħna u tagħnina. Minn għalih kien poeta "iblah"; għalina poeta kbir u għalliem. Minn għalih kien "qata' nifsu"; għalina l-pinna tiegħu tibqa' tgelgel u tnixxi ideat mill-isbaħ kull meta naqraw poeżija tiegħu. Minn għalih ma jħossux denn li "jdoqqu l-qniepen" fuq qabru: imma aħna ma nistgħux inħalluh għaddej u ninsewh, għax tana wisq. Ma xtaqx li ismu jitnaqqax fuq il-ġebel, imma bħalma qal Dun Karm: "Il-Poeta (il-veru Poeta) ma jmutx"; u Patri Marjanu Vella ma jistax imut. Kienet l-umiltà li ġiegħlet lil Patri Marjanu jikteb dan il-kliem. Aħna napprezzaw l-umiltà tiegħu, imma ma nistgħux ma narawx fih ukoll poeta kbir u li ma jintemmx. Il-poeżija tiegħu tibqa' tagħni u thenni lil kull min ifittex is-serħan ta' ħsiebu, u kull min jistaqsi lilu nnifsu x'inhu u għalfejn hu.

*J. Zammit Mangion*

# HYPHEN A Journal of Melitensia and the Humanities

Minn meta ħareġ l-ewwel darba fl-1977, *Hyphen* ġie stabbilit bħala perjodiku akkademiku ta' interess kemm għall-istudjuż u kemm għall-istudent. L-artikli dwar kull aspett ta' melitensia huma miktuba minn awturi Maltin u barranin bħal A. Luttrell, A. Hoppen, D. G. Lochart, J. Boissevain, G. Wettinger, A. Bonanno, V. Mallia Milanes, A. Bonnici, O. Friggieri, u ħafna oħrajn. *Hyphen* huwa wkoll ta' għajnuna indispensabbli għall-istudent li qiegħed ihejji ruħu f'suġġetti ta' livell avanzat, speċjalment għal min se jagħmel l-eżami ta' l-Oqsma ta' l-Għerf *(Systems of Knowledge)*.

*Hyphen* jista' jinkiseb mil-Liċeo l-Ġdid Ġ.F. Abela, l-Imsida, kull numru 60ċ, jew Volum (b'sitt numri) Lm3.25ċ (posta mħallsa). Jistgħu jinkisbu wkoll ħarġiet ta' l-imgħoddi (60ċ kull kopja).




**Għal aktar tagħrif ikteb lill-Bord Editorjali fl-istess indirizz.**